Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2024/0035(COD)

15.11.2024

EMENDI
52 - 376

Abbozz ta' rapport
Jeroen Lenaers
(PE761.022v01-00)

Il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, u s-sostituzzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (riformulazzjoni)

Proposta għal direttiva
(COM(2024)0060 – C9-0028/2024 – 2024/0035(COD))

Emenda 52
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, András László, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal inkluż il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal , jikkostitwixxu vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-drittijiet tat-tfal għal protezzjoni u kura meħtieġa għall-benesseri tagħhom kif previst fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989 u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[2].	(2) L-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal inkluż il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***huma atti barbari li jikkawżaw tbatija enormi lill-vittmi. Dawn l-atti jixxukkjaw u joffendu lis-soċjetà għax jitwettqu kontra l-aktar membri innoċenti u vulnerabbli tagħha, li jirrappreżentaw il-futur tagħha. Minn perspettiva legali***, jikkostitwixxu vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-drittijiet tat-tfal għal protezzjoni u kura meħtieġa għall-benesseri tagħhom kif previst fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989 u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[2].
[2] ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.	[2] ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li wieħed jiffoka, fuq kollox, fuq ir-realtà tal-vittmi tar-reati, aktar milli fuq personalità ġuridika, li min-natura tagħha stess ma tistax issofri, daqslikieku kienet il-vittma reali.

Emenda 53
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-materjal ta' abbuż sesswali tat-	(4) Il-materjal ta' abbuż sesswali tat-

tfal u forom oħra ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal partikolarment serji qed jiżdiedu u jinfirxu permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda u tal-Internet.	tfal***, iġġenerat mill-intelliġenza artifiċjali jew maħluq bi kwalunkwe mezz kompjuterizzat ieħor,*** u forom oħra ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal partikolarment serji qed jiżdiedu u jinfirxu permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda u tal-Internet.

Or. ro

Emenda 54
François-Xavier Bellamy, Caterina Chinnici, Antonio López-Istúriz White, Javier Zarzalejos

Proposta għal direttiva
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, l-aħjar interessi tat-tfal hija kunsiderazzjoni primarja meta jittieħdu miżuri li għandhom l-għan li jipproteġu lit-tfal milli jkunu esposti għal kontenut pornografiku.

Or. en

Emenda 55
Francisco Assis

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Reati kriminali serji bħall-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali jeħtieġu approċċ komprensiv li jkopri l-prosekuzzjoni tat-trasgressuri, il-protezzjoni ta' tfal vittmi, u l-prevenzjoni tal-fenomenu , inkluż l-	(7) Reati kriminali serji bħall-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali jeħtieġu approċċ komprensiv li jkopri l-prosekuzzjoni tat-trasgressuri, il-protezzjoni ta' tfal vittmi, u l-prevenzjoni tal-fenomenu, inkluż l-

evoluzzjoni u x-xejriet reċenti u prevedibbli tiegħu, li dejjem aktar jinvolvu l-użu ta' teknoloġiji online. Għal dak il-għan, il-qafas legali attwali jeħtieġ li jiġi aġġornat, sabiex jiġi żgurat li huwa jibqa' ***effettiv*** . L-aħjar interessi tat-tfal iridu jkunu kunsiderazzjoni primarja fit-twettiq ta' kwalunkwe miżura għall-ġlieda kontra dawn ir-reati f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.	evoluzzjoni u x-xejriet reċenti u prevedibbli tiegħu, li dejjem aktar jinvolvu l-użu ta' teknoloġiji online. Għal dak il-għan, il-qafas legali attwali jeħtieġ li jiġi aġġornat, sabiex jiġi żgurat li huwa jibqa' ***komprensiv u effettiv***. L-aħjar interessi tat-tfal iridu jkunu kunsiderazzjoni primarja fit-twettiq ta' kwalunkwe miżura għall-ġlieda kontra dawn ir-reati f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, l-Istrateġija tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tat-Tfal, id-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal*** u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.
	Or. en

Emenda 56
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Reati kriminali serji bħall-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali jeħtieġu approċċ komprensiv li jkopri l-prosekuzzjoni tat-trasgressuri, il-protezzjoni ta' tfal vittmi, u l-prevenzjoni tal-fenomenu , inkluż l-evoluzzjoni u x-xejriet reċenti u prevedibbli tiegħu, li dejjem aktar jinvolvu l-użu ta' teknoloġiji online. Għal dak il-għan, il-qafas legali attwali jeħtieġ li jiġi aġġornat, sabiex jiġi żgurat li huwa jibqa' effettiv . L-aħjar interessi tat-tfal iridu jkunu kunsiderazzjoni primarja fit-twettiq ta' kwalunkwe miżura għall-ġlieda kontra dawn ir-reati f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.	(7) Reati kriminali serji bħall-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali ***iġġenerat mill-intelliġenza artifiċjali jew maħluq bi ta' kwalunkwe mezz kompjuterizzat ieħor*** jeħtieġu approċċ komprensiv li jkopri l-prosekuzzjoni tat-trasgressuri, il-protezzjoni ta' tfal vittmi, u l-prevenzjoni tal-fenomenu, inkluż l-evoluzzjoni u x-xejriet reċenti u prevedibbli tiegħu, li dejjem aktar jinvolvu l-użu ta' teknoloġiji online. Għal dak il-għan, il-qafas legali attwali jeħtieġ li jiġi aġġornat, sabiex jiġi żgurat li huwa jibqa' effettiv. L-aħjar interessi tat-tfal iridu jkunu kunsiderazzjoni primarja fit-twettiq ta' kwalunkwe miżura għall-ġlieda kontra dawn ir-reati f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti

dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Or. ro

Emenda 57
François-Xavier Bellamy, Caterina Chinnici, Antonio López-Istúriz White, Javier Zarzalejos

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Ir-riskju li t-tfal jistgħu jkunu esposti għal kontenut pornografiku, bħaċ-ċibergrooming, is-solleċitazzjoni sesswali, l-abbuż u l-isfruttament tat-tfal online, u l-impatt detrimentali li tali esponiment għandu fuq l-iżvilupp fiżiku, psikoloġiku u emozzjonali tat-tfal diġà wassal biex ċerti Stati Membri jemendaw id-dritt kriminali tagħhom biex jikkriminalizzaw b'mod espliċitu t-tixrid ta' kontenut pornografiku lit-tfal. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni f'dak ir-rigward joħloq livell mhux uniformi ta' protezzjoni madwar l-Unjoni u diffikultajiet fl-infurzar tal-liġi. Huwa importanti li t-tfal ikunu protetti b'mod ugwali madwar l-Unjoni.

Or. en

Emenda 58
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(9a) Din id-Direttiva jenħtieġ li tindirizza l-ħtieġa li jiġu miġġielda l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal li ma jiġux rappurtati, li jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-każijiet. Il-punt tat-tluq**

irid ikun ir-rikonoxximent li l-vjolenza kontra t-tfal sikwit isseħħ f'ambjenti intimi u tal-familja, u dan jagħmilha diffiċli li tiġi identifikata u rrapportata, u hija aggravata aktar permezz tat-tixrid ta' dawn ir-reati permezz ta' teknoloġiji ġodda. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal leġiżlazzjoni li tipproteġi, tappoġġa u tipprovdi rimedju komprensiv għall-vittmi u s-superstiti, irrispettivament mill-eżistenza ta' proċedimenti kriminali. Qafas istituzzjonali adegwat huwa essenzjali biex jiġu ggarantiti d-drittijiet tat-tfal. F'dan ir-rigward, id-Direttiva jeħtieġ li tipprovdi qafas legali għall-ħolqien ta' mekkaniżmi armonizzati fil-fażijiet tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-protezzjoni, ir-rappurtar u r-riparazzjoni biex jiġi żgurat rispons komprensiv u effettiv għal dawn ir-reati.

Or. en

Emenda 59
Paolo Inselvini

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ħafna drabi jinkludi stampi li juru l-abbuż sesswali tat-tfal min-naħa tal-adulti. Jista' jinkludi wkoll tfal involuti f'imġiba sesswalment espliċita, jew tal-organi sesswali tagħhom, u tali stampi jkunu prodotti jew użati għal skopijiet primarjament sesswali u sfruttati ***bil-għarfien tat-tifel/tifla*** jew mingħajru. Inoltre, il-kunċett ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikopri wkoll stampi realistiċi ***ta' tifel/tifla, fejn it-tifel jew tifla jkunu*** involuti jew rappreżentati bħala involuti f'imġiba sesswalment espliċita għal skopijiet primarjament sesswali , kif ukoll l-hekk imsejħa "manwali ***għall-***	(10) Il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ħafna drabi jinkludi stampi li juru l-abbuż sesswali tat-tfal min-naħa tal-adulti. ***Dan*** jista' jinkludi wkoll ***stampi ta'*** tfal involuti f'imġiba sesswalment espliċita, jew tal-organi sesswali tagħhom, u tali stampi jkunu prodotti jew użati għal skopijiet primarjament sesswali u sfruttati ***bl-għarfien tat-tfal*** jew mingħajru. Inoltre, il-kunċett ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikopri wkoll stampi realistiċi ***tat-tfal, fejn it-tfal ikunu*** involuti jew rappreżentati bħala involuti f'imġiba sesswalment espliċita għal skopijiet primarjament sesswali, kif ukoll l-hekk imsejħa "manwali ***tal-pedofili***". ***Tfal b'diżabbiltajiet tal-konjizzjoni, li huma***

pedofili” .	***partikolarment vulnerabbli għall-isfruttament u l-abbuż sesswali, u esposti għal kontenut illeċitu, jenħtieġ li jingħataw attenzjoni partikolari. L-Istati Membri jenħtieġ li jintroduċu miżuri protettivi mmirati u servizzi ta’ appoġġ għat-tfal b’diżabbiltajiet konjittivi, filwaqt li jirrikonoxxu l-fatturi ta’ riskju speċifiċi tagħhom u l-ħtieġa ta’ assistenza speċjalizzata***.

Or. it

Emenda 60
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal ħafna drabi jinkludi stampi li juru l-abbuż sesswali tat-tfal min-naħa tal-adulti. Jista’ jinkludi wkoll tfal involuti f’imġiba sesswalment espliċita, jew tal-organi sesswali tagħhom, ***u tali*** stampi jkunu prodotti jew użati għal skopijiet primarjament sesswali u sfruttati ***bil-għarfien tat-tifel/tifla*** jew mingħajru. Inoltre, il-kunċett ta’ materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal ikopri wkoll stampi realistiċi ***ta’ tifel/tifla, fejn it-tifel jew tifla jkunu involuti*** jew rappreżentati bħala involuti f’imġiba sesswalment espliċita għal skopijiet primarjament sesswali , kif ukoll l-hekk imsejħa “manwali għall-pedofili” .	(10) Il-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal***, inkluż dak iġġenerat mill-intelliġenza artifiċjali jew maħluq bi kwalunkwe mezz kompjuterizzat,*** ħafna drabi jinkludi stampi li juru l-abbuż sesswali tat-tfal min-naħa tal-adulti. ***Dan*** jista’ jinkludi wkoll ***stampi ta’*** tfal involuti f’imġiba sesswalment espliċita, jew tal-organi sesswali ***jew partijiet privati*** tagħhom, ***fejn tali*** stampi jkunu prodotti jew użati għal skopijiet primarjament sesswali u sfruttati ***bl-għarfien tat-tfal*** jew mingħajru. Inoltre, il-kunċett ta’ materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal ikopri wkoll stampi realistiċi ***tat-tfal, inklużi dawk iġġenerati mill-intelliġenza artifiċjali jew maħluqa permezz ta’ kwalunkwe mezz kompjuterizzat ieħor, fejn it-tfal ikunu involuti*** jew rappreżentati bħala involuti f’imġiba sesswalment espliċita għal skopijiet primarjament sesswali, kif ukoll l-hekk imsejħa “manwali għall-pedofili”.

Or. ro

Emenda 61
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ħafna drabi jinkludi stampi li juru l-abbuż sesswali tat-tfal min-naħa tal-adulti. Jista' jinkludi wkoll tfal involuti f'imġiba sesswalment espliċita, jew tal-organi sesswali tagħhom, ***u tali*** stampi jkunu prodotti jew użati għal skopijiet primarjament sesswali u sfruttati bil-għarfien ***tat-tifel/tifla*** jew mingħajru. Inoltre, il-kunċett ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikopri wkoll stampi realistiċi ***ta' tifel/tifla, fejn it-tifel jew tifla jkunu involuti*** jew rappreżentati bħala involuti f'imġiba sesswalment espliċita għal skopijiet primarjament sesswali , kif ukoll l-hekk imsejħa "manwali għall-pedofili" .	(10) Il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ħafna drabi jinkludi stampi li juru l-abbuż sesswali tat-tfal min-naħa tal-adulti. Jista' jinkludi wkoll ***stampi ta'*** tfal involuti f'imġiba sesswalment espliċita, jew tal-organi sesswali tagħhom, ***fejn tali*** stampi jkunu prodotti jew użati għal skopijiet primarjament sesswali u sfruttati bil-għarfien ***tat-tfal*** jew mingħajru. Inoltre, il-kunċett ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikopri wkoll stampi realistiċi ***tat-tfal, fejn it-tfal ikunu involuti*** jew rappreżentati bħala involuti f'imġiba sesswalment espliċita għal skopijiet primarjament sesswali, kif ukoll ***manwali ta' istruzzjonijiet ta' kif tabbuża sesswalment mit-tfal (***l-hekk imsejħa "manwali għall-pedofili" ***)***.

Or. en

Emenda 62
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Sandro Ruotolo

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ħafna drabi jinkludi stampi li juru l-abbuż sesswali tat-tfal min-naħa tal-adulti. Jista' jinkludi wkoll tfal involuti f'imġiba sesswalment espliċita, jew tal-organi sesswali tagħhom, ***u tali*** stampi jkunu prodotti jew użati għal skopijiet primarjament sesswali u sfruttati ***bil-għarfien tat-tifel/tifla*** jew mingħajru. Inoltre, il-kunċett ta' materjal ta' abbuż	(10) Il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ħafna drabi jinkludi stampi li juru l-abbuż sesswali tat-tfal min-naħa tal-adulti. Jista' jinkludi wkoll ***stampi ta'*** tfal involuti f'imġiba sesswalment espliċita, jew tal-organi sesswali ***jew tal-partijiet intimi*** tagħhom, ***fejn tali*** stampi jkunu prodotti jew użati għal skopijiet primarjament sesswali u sfruttati ***bl-għarfien tat-tfal*** jew mingħajru. Inoltre, il-kunċett ta' materjal

sesswali tat-tfal ikopri wkoll stampi realistiċi ***ta' tifel/tifla, fejn it-tifel jew tifla jkunu*** involuti jew rappreżentati bħala involuti f'imġiba sesswalment espliċita għal skopijiet primarjament sesswali , kif ukoll l-hekk imsejħa "manwali għall-pedofili" .	ta' abbuż sesswali tat-tfal ikopri wkoll stampi realistiċi ***tat-tfal, fejn it-tfal ikunu*** involuti jew rappreżentati bħala involuti f'imġiba sesswalment espliċita għal skopijiet primarjament sesswali, kif ukoll l-hekk imsejħa "manwali għall-pedofili".

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsistenza ma' emendi oħra.

Emenda 63
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ħafna drabi jinkludi stampi li juru l-abbuż sesswali tat-tfal min-naħa tal-adulti. Jista' jinkludi wkoll tfal involuti f'imġiba sesswalment espliċita, jew tal-organi sesswali tagħhom, ***u tali*** stampi jkunu prodotti jew użati għal skopijiet primarjament sesswali u sfruttati ***bil-għarfien tat-tifel/tifla*** jew mingħajru. Inoltre, il-kunċett ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikopri wkoll stampi realistiċi ***ta' tifel/tifla, fejn it-tifel jew tifla jkunu involuti*** jew rappreżentati bħala involuti f'imġiba sesswalment espliċita għal skopijiet primarjament sesswali ***, kif ukoll l-hekk imsejħa "manwali għall-pedofili"*** .	(10) Il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ħafna drabi jinkludi stampi li juru l-abbuż sesswali tat-tfal min-naħa tal-adulti. Jista' jinkludi wkoll ***stampi ta'*** tfal involuti f'imġiba sesswalment espliċita, jew tal-organi sesswali tagħhom, ***fejn tali*** stampi jkunu prodotti jew użati għal skopijiet primarjament sesswali u sfruttati ***bl-għarfien tat-tfal*** jew mingħajru. Inoltre, il-kunċett ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikopri wkoll stampi realistiċi ***tat-tfal, fejn it-tfal ikunu involuti*** jew rappreżentati bħala involuti f'imġiba sesswalment espliċita għal skopijiet primarjament sesswali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Manuals providing instructions on how to commit child sexual abuse ('paedophile manuals') should be in a separate provision instead of being part of the definition of child sexual abuse. This accounts for the inherent differences in the illicit material and avoids unforeseen consequences for other legal acts relying on the definition of child sexual abuse material in

the CSA Directive. The manuals themselves are not CSAM and should not be treated as such, even though producing or distributing them is criminalised. Also it is important to clarify that the criminalisation of "providing advice on how to find, groom and abuse children and avoid being identified and prosecuted" should not cover general advice on privacy, anonymity online and avoid surveillance which are essential for the protection of basic human rights of individual citizens.

Emenda 64
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ħafna drabi jinkludi stampi li juru l-abbuż sesswali tat-tfal min-naħa tal-adulti. Jista' jinkludi wkoll tfal involuti f'imġiba sesswalment espliċita, jew tal-organi sesswali tagħhom, ***u tali*** stampi jkunu prodotti jew użati għal skopijiet primarjament sesswali u sfruttati ***bil-għarfien tat-tifel/tifla*** jew mingħajru. Inoltre, il-kunċett ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikopri wkoll stampi realistiċi ***ta' tifel/tifla, fejn it-tifel jew tifla jkunu involuti*** jew rappreżentati bħala involuti f'imġiba sesswalment espliċita għal skopijiet primarjament sesswali ***, kif ukoll l-hekk imsejħa "manwali għall-pedofili"*** .	(10) Il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ħafna drabi jinkludi stampi li juru l-abbuż sesswali tat-tfal min-naħa tal-adulti. Jista' jinkludi wkoll ***stampi ta'*** tfal involuti f'imġiba sesswalment espliċita, jew tal-organi sesswali tagħhom, ***fejn tali*** stampi jkunu prodotti jew użati għal skopijiet primarjament sesswali u sfruttati ***bl-għarfien tat-tfal*** jew mingħajru. Inoltre, il-kunċett ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikopri wkoll stampi realistiċi ***tat-tfal, fejn it-tfal jkunu involuti*** jew rappreżentati bħala involuti f'imġiba sesswalment espliċita għal skopijiet primarjament sesswali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-manwali li jipprovdu istruzzjonijiet dwar kif twettaq abbuż sesswali tat-tfal ("manwali għall-pedofili") għandhom ikunu f'dispożizzjoni separata, u mhux jagħmlu parti mid-definizzjoni ta' "abbuż sesswali tat-tfal". Dan jispjega d-differenzi inerenti fil-materjal illeċitu u jevita konsegwenzi mhux previsti għal atti legali oħra li jiddependu fuq id-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fid-Direttiva dwar l-abbuż sesswali tat-tfal (pereżempju, ordni ta' detezzjoni fil-proposta għal Regolament li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-Abbuż Sesswali tat-Tfal).

Emenda 65

Paolo Inselvini

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku. L-iżvilupp kontinwu ta' applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi u vidjos "deep-fake" li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b'mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta' apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' referenza espliċita għal "riproduzzjonijiet u rappreżentazzjonijiet" tiżgura li d-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b'mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.	(11) Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku. ***Ir-riċerka wriet ukoll il-konsegwenzi mediċi gravi, partikolarment newroloġiċi, ta' meta persuna ssir ivvizzjata għall-istampi sensittivi u l-materjal pornografiku, u għalhekk l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu nota ta' din l-evidenza.*** L-iżvilupp kontinwu ta' applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi u vidjos "deep-fake" li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b'mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta' apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti**.** ***Minħabba n-natura perikoluża ta' dan il-kontenut, l-UE u l-Istati Membri jeħtieġ li jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex jipproteġu lill-minorenni mill-esponiment għal materjal sensittiv***. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' referenza espliċita għal "riproduzzjonijiet u rappreżentazzjonijiet" tiżgura li d-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b'mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.

Emenda 66
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku. L-iżvilupp kontinwu ta' applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi u vidjos "deep-fake" li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b'mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta' apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' referenza espliċita għal "riproduzzjonijiet u rappreżentazzjonijiet" tiżgura li d-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b'mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.	(11) Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku. L-iżvilupp kontinwu ta' applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi u vidjos "deep-fake" li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b'mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. ***It-terminu "realistiċi", għalhekk, jenħtieġ li jintuża għal stampi li, minħabba s-sofistikazzjoni tagħhom jew ix-xebh tagħhom ma' persuni reali, iċajpru l-linja bejn sitwazzjonijiet reali u dawk fittizji.*** Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta' apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' referenza espliċita għal "riproduzzjonijiet u rappreżentazzjonijiet" tiżgura li d-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b'mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.

Emenda 67
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku. L-iżvilupp kontinwu ta' applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi u vidjos "deep-fake" li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b'mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta' apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' referenza espliċita għal "riproduzzjonijiet u rappreżentazzjonijiet" tiżgura li d-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b'mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.	(11) Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku***, iġġenerat permezz tal-intelliġenza artifiċjali jew maħluq bi kwalunkwe mezz kompjuterizzat ieħor***. L-iżvilupp kontinwu ta' applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi u vidjos "deep-fake" li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b'mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta' apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' referenza espliċita għal "riproduzzjonijiet u rappreżentazzjonijiet" tiżgura li d-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b'mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.

Or. ro

Emenda 68
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku. L-iżvilupp kontinwu ta' applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi u vidjos "deep-fake" li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b'mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta' apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' referenza espliċita għal "riproduzzjonijiet u rappreżentazzjonijiet" tiżgura li d-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b'mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.	(11) Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku. L-iżvilupp kontinwu ta' applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi u vidjos "deep-fake" ***u ġġenerati permezz tal-intelliġenza artifiċjali*** li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b'mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta' apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' referenza espliċita għal "riproduzzjonijiet u rappreżentazzjonijiet" tiżgura li d-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b'mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.

Or. en

Emenda 69
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku. L-iżvilupp kontinwu ta' applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi u vidjos "deep-fake" li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b'mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta' apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' referenza espliċita għal "riproduzzjonijiet u rappreżentazzjonijiet" tiżgura li d-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b'mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.	(11) Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku. L-iżvilupp kontinwu ta' applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi u vidjos "deep-fake" ***u ġġenerati permezz tal-intelliġenza artifiċjali*** li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b'mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta' apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' referenza espliċita għal "riproduzzjonijiet u rappreżentazzjonijiet" tiżgura li d-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b'mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.

Or. en

Emenda 70
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku. L-iżvilupp kontinwu ta' applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi u vidjos "deep-fake" li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b'mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta' apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' referenza espliċita għal "riproduzzjonijiet u rappreżentazzjonijiet" tiżgura li d-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b'mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.	(11) Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku. L-iżvilupp kontinwu ta' applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi u vidjos "deep-fake" ***u tal-intelliġenza artifiċjali*** li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b'mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta' apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' referenza espliċita għal "riproduzzjonijiet u rappreżentazzjonijiet" tiżgura li d-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b'mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.

Or. en

Emenda 71
Francisco Assis

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
*(*11) Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku. L-iżvilupp kontinwu ta' applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi u vidjos "deep-fake" li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b'mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta' apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' referenza espliċita għal "riproduzzjonijiet u rappreżentazzjonijiet" tiżgura li d-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b'mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.	11) Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku. L-iżvilupp kontinwu ta' applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi u vidjos "deep-fake" li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b'mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta' apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' referenza espliċita għal "riproduzzjonijiet u rappreżentazzjonijiet" tiżgura li d-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b'mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.

Or. pt

Emenda 72
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġu evitati reati li jinvolvu	(12) Sabiex jiġu evitati reati li jinvolvu

l-abbuż sesswali tat-tfal, ***id-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż*** sesswali tat-tfal ***jenħtieġ li tinkludi l-hekk imsejħa "manwali għall-pedofili". Il-manwali għall-pedofili*** jipprovdu pariri dwar kif għandhom jinstabu, jiġu soġġetti għal grooming u abbużati t-tfal u kif wieħed jista' jevita li jiġi identifikat u prosegwit. Billi jnaqqsu l-ostakli u jipprovdu l-għarfien prattiku meħtieġ, ***dawn*** jikkontribwixxu biex jinċitaw lit-trasgressuri u jappoġġaw it-twettiq ta' abbuż sesswali. It-tixrid online tagħhom diġà wassal lil ċerti Stati Membri biex jemendaw il-liġi kriminali tagħhom u jikkriminalizzaw b'mod espliċitu l-pussess u d-distribuzzjoni ta' tali manwali. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni joħloq livell mhux uniformi ta' protezzjoni fl-UE kollha.	l-abbuż sesswali tat-tfal, ***id-direttiva jenħtieġ li tinkludi l-manwali ta' istruzzjoni tal-abbuż*** sesswali tat-tfal***. Il-manwali ta' istruzzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal*** jipprovdu pariri dwar kif għandhom jinstabu, jiġu soġġetti għal grooming u abbużati t-tfal u kif wieħed jista' jevita li jiġi identifikat u prosegwit. ***Bl-enfasi espliċita u speċifika tagħhom fuq kif persuna tista' twettaq abbuż sesswali tat-tfal mingħajr ma tinqabad, tali manwali ta' istruzzjoni jistgħu jiġu distinti b'mod ċar minn pariri ġenerali dwar, fost l-oħrajn, il-privatezza, l-anonimità online u l-evitar tas-sorveljanza, li jenħtieġ li ma jiġux kriminalizzati permezz ta' din id-Direttiva.*** Billi jnaqqsu l-ostakli u jipprovdu l-għarfien prattiku meħtieġ, ***il-manwali ta' istruzzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal*** jikkontribwixxu biex jinċitaw lit-trasgressuri u jappoġġaw it-twettiq ta' abbuż sesswali. It-tixrid online tagħhom diġà wassal lil ċerti Stati Membri biex jemendaw il-liġi kriminali tagħhom u jikkriminalizzaw b'mod espliċitu l-pussess u d-distribuzzjoni ta' tali manwali. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni joħloq livell mhux uniformi ta' protezzjoni fl-UE kollha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Manuals providing instructions on how to commit child sexual abuse ('paedophile manuals') should be in a separate provision instead of being part of the definition of child sexual abuse. This accounts for the inherent differences in the illicit material and avoids unforeseen consequences for other legal acts relying on the definition of child sexual abuse material in the CSA Directive. The manuals themselves are not CSAM and should not be treated as such, even though producing or distributing them is criminalized. Also it is important to clarify that the criminalisation of "providing advice on how to find, groom and abuse children and avoid being identified and prosecuted" should not cover general advice on privacy, anonymity online and avoid surveillance which are essential for protection of basic human rights of individual citizens.

Emenda 73
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġu evitati reati li jinvolvu l-abbuż sesswali tat-tfal, ***id-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż*** sesswali tat-tfal ***jenħtieġ li tinkludi*** l-hekk imsejħa "manwali għall-pedofili". Il-manwali għall-pedofili jipprovdu pariri dwar kif għandhom jinstabu, jiġu soġġetti għal grooming u abbużati t-tfal u kif wieħed jista' jevita li jiġi identifikat u prosegwit. Billi jnaqqsu l-ostakli u jipprovdu l-għarfien prattiku meħtieġ, dawn jikkontribwixxu biex jinċitaw lit-trasgressuri u jappoġġaw it-twettiq ta' abbuż sesswali. It-tixrid online tagħhom diġà wassal lil ċerti Stati Membri biex jemendaw il-liġi kriminali tagħhom u jikkriminalizzaw b'mod espliċitu l-pussess u d-distribuzzjoni ta' tali manwali. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni joħloq livell mhux uniformi ta' protezzjoni fl-UE kollha.	(12) Sabiex jiġu evitati reati li jinvolvu l-abbuż sesswali tat-tfal, ***din id-direttiva jenħtieġ li tinkludi wkoll il-manwali ta' istruzzjonijiet tal-abbuż*** sesswali tat-tfal***,*** l-hekk imsejħa "manwali għall-pedofili". Il-manwali għall-pedofili jipprovdu pariri dwar kif għandhom jinstabu, jiġu soġġetti għal grooming u abbużati t-tfal u kif wieħed jista' jevita li jiġi identifikat u prosegwit***. Bl-enfasi espliċita u speċifika tagħhom fuq kif persuna tista' twettaq abbuż sesswali tat-tfal mingħajr ma tinqabad, tali manwali ta' istruzzjonijiet jistgħu jintgħarfu b'mod ċar minn pariri ġenerali dwar, fost l-oħrajn, il-privatezza, l-anonimità online u l-evitar tas-sorveljanza, li jenħtieġ li ma jiġux kriminalizzati***. Billi jnaqqsu l-ostakli u jipprovdu l-għarfien prattiku meħtieġ, dawn jikkontribwixxu biex jinċitaw lit-trasgressuri u jappoġġaw it-twettiq ta' abbuż sesswali. It-tixrid online tagħhom diġà wassal lil ċerti Stati Membri biex jemendaw il-liġi kriminali tagħhom u jikkriminalizzaw b'mod espliċitu l-pussess u d-distribuzzjoni ta' tali manwali. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni joħloq livell mhux uniformi ta' protezzjoni fl-UE kollha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi ċċarat li l-parir ġenerali dwar il-privatezza, l-anonimità online u kif tiġi evitata s-sorveljanza għandhom ikomplu jitqiesu bħala perfettament leġittimi u legali, f'konformità mal-Karta.

Emenda 74
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġu evitati reati li jinvolvu l-abbuż sesswali tat-tfal, id-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li tinkludi ***l-hekk imsejħa "manwali għall-pedofili".*** Il-manwali għall-pedofili jipprovdu pariri dwar kif ***għandhom jinstabu, jiġu soġġetti*** għal grooming u ***abbużati t-tfal*** u kif ***wieħed jista' jevita li jiġi*** identifikat u prosegwit. Billi jnaqqsu l-ostakli u jipprovdu l-għarfien prattiku meħtieġ, dawn jikkontribwixxu biex jinċitaw lit-trasgressuri u jappoġġaw it-twettiq ta' abbuż sesswali. It-tixrid online tagħhom diġà wassal lil ċerti Stati Membri biex jemendaw il-liġi kriminali tagħhom u jikkriminalizzaw b'mod espliċitu l-pussess u d-distribuzzjoni ta' tali manwali. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni joħloq livell mhux uniformi ta' protezzjoni fl-UE kollha.	(12) Sabiex jiġu evitati reati li jinvolvu l-abbuż sesswali tat-tfal, id-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li tinkludi ***l-"manwali ta' istruzzjonijiet ta' kif tabbuża sesswalment mit-tfal". Dawn*** il-manwali ***ta' istruzzjonijiet, hekk imsejħa "manwali*** għall-pedofili***",*** jipprovdu pariri dwar kif ***twettaq vjolenza sesswali kontra t-tfal, prinċipalment dwar kif tabbuża sesswalment minnhom, dwar kif issibhom, tissoġġettahom*** għal grooming u ***tabbuża minnhom*** u kif ***tevita li tiġi*** identifikat u prosegwit. Billi jnaqqsu l-ostakli u jipprovdu l-għarfien prattiku meħtieġ, dawn jikkontribwixxu biex jinċitaw lit-trasgressuri u jappoġġaw it-twettiq ta' abbuż sesswali. It-tixrid online tagħhom diġà wassal lil ċerti Stati Membri biex jemendaw il-liġi kriminali tagħhom u jikkriminalizzaw b'mod espliċitu l-pussess u d-distribuzzjoni ta' tali manwali. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni joħloq livell mhux uniformi ta' protezzjoni fl-UE kollha.

Or. en

Emenda 75
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġu evitati reati li jinvolvu l-abbuż sesswali tat-tfal, id-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li tinkludi l-hekk imsejħa "manwali ***għall-pedofili***". Il-manwali ***għall-pedofili*** jipprovdu pariri dwar kif ***għandhom jinstabu, jiġu soġġetti*** għal grooming u ***abbużati t-tfal*** u kif ***wieħed jista' jevita li jiġi*** identifikat u prosegwit. Billi jnaqqsu l-ostakli u jipprovdu l-għarfien prattiku	(12) Sabiex jiġu evitati reati li jinvolvu l-abbuż sesswali tat-tfal, id-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li tinkludi l-hekk imsejħa "manwali ***ta' istruzzjonijiet ta' kif tabbuża sesswalment mit-tfal***". Il-manwali ***ta' istruzzjonijiet dwar kif tabbuża sesswalment mit-tfal*** jipprovdu pariri dwar kif ***issibhom, tissoġġetahom*** għal grooming u ***tabbuża minnhom,*** u kif ***tista' tevita li tiġi***

meħtieġ, dawn jikkontribwixxu biex jinċitaw lit-trasgressuri u jappoġġaw it-twettiq ta' abbuż sesswali. It-tixrid online tagħhom diġà wassal lil ċerti Stati Membri biex jemendaw il-liġi kriminali tagħhom u jikkriminalizzaw b'mod espliċitu l-pussess u d-distribuzzjoni ta' tali manwali. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni joħloq livell mhux uniformi ta' protezzjoni fl-UE kollha.

identifikat u prosegwit. Billi jnaqqsu l-ostakli u jipprovdu l-għarfien prattiku meħtieġ, dawn jikkontribwixxu biex jinċitaw lit-trasgressuri u jappoġġaw it-twettiq ta' abbuż sesswali. It-tixrid online tagħhom diġà wassal lil ċerti Stati Membri biex jemendaw il-liġi kriminali tagħhom u jikkriminalizzaw b'mod espliċitu l-pussess u d-distribuzzjoni ta' tali manwali. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni joħloq livell mhux uniformi ta' protezzjoni fl-UE kollha.

Or. en

Emenda 76
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġu evitati reati li jinvolvu l-abbuż sesswali tat-tfal, id-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li tinkludi ***l-hekk imsejħa*** "***manwali għall-pedofili***"***. Il-manwali għall-pedofili*** jipprovdu pariri dwar kif ***għandhom jinstabu, jiġu soġġetti*** għal grooming u ***abbużati t-tfal*** u kif ***wieħed jista' jevita li jiġi*** identifikat u prosegwit. Billi jnaqqsu l-ostakli u jipprovdu l-għarfien prattiku meħtieġ, dawn jikkontribwixxu biex jinċitaw lit-trasgressuri u jappoġġaw it-twettiq ta' abbuż sesswali. It-tixrid online tagħhom diġà wassal lil ċerti Stati Membri biex jemendaw il-liġi kriminali tagħhom u jikkriminalizzaw b'mod espliċitu l-pussess u d-distribuzzjoni ta' tali manwali. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni joħloq livell mhux uniformi ta' protezzjoni fl-UE kollha.	(12) Sabiex jiġu evitati reati li jinvolvu l-abbuż sesswali tat-tfal, id-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li tinkludi ***l-"manwali ta' istruzzjonijiet ta' kif tabbuża sesswalment mit-tfal***"***. Il-*** "***manwali ta' istruzzjonijiet ta' kif tabbuża sesswalment mit-tfal"*** jipprovdu pariri dwar kif ***issibhom, tissoġġettahom*** għal grooming u ***tabbuża minnhom,*** u kif ***tevita li tiġi*** identifikat u prosegwit. Billi jnaqqsu l-ostakli u jipprovdu l-għarfien prattiku meħtieġ, dawn jikkontribwixxu biex jinċitaw lit-trasgressuri u jappoġġaw it-twettiq ta' abbuż sesswali. It-tixrid online tagħhom diġà wassal lil ċerti Stati Membri biex jemendaw il-liġi kriminali tagħhom u jikkriminalizzaw b'mod espliċitu l-pussess u d-distribuzzjoni ta' tali manwali. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni joħloq livell mhux uniformi ta' protezzjoni fl-UE kollha.

Or. en

Emenda 77
Francisco Assis

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġu evitati reati li jinvolvu l-abbuż sesswali tat-tfal, id-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li tinkludi l-hekk imsejħa "manwali għall-pedofili". Il-manwali għall-pedofili jipprovdu pariri dwar kif għandhom jinstabu, jiġu soġġetti għal grooming u abbużati t-tfal u kif wieħed jista' jevita li jiġi identifikat u prosegwit. Billi jnaqqsu l-ostakli u jipprovdu l-għarfien prattiku meħtieġ, dawn jikkontribwixxu biex jinċitaw lit-trasgressuri u jappoġġaw it-twettiq ta' abbuż sesswali. It-tixrid online tagħhom diġà wassal lil ċerti Stati Membri biex jemendaw il-liġi kriminali tagħhom u jikkriminalizzaw b'mod espliċitu l-pussess u d-distribuzzjoni ta' tali manwali. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni joħloq livell mhux uniformi ta' protezzjoni fl-UE kollha.	(12) Sabiex jiġu evitati reati li jinvolvu l-abbuż sesswali tat-tfal, id-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li tinkludi l-hekk imsejħa "manwali għall-pedofili". Il-manwali għall-pedofili jipprovdu pariri dwar kif għandhom jinstabu, jiġu soġġetti għal grooming u abbużati t-tfal u kif wieħed jista' jevita li jiġi identifikat u prosegwit. Billi jnaqqsu l-ostakli u jipprovdu l-għarfien prattiku meħtieġ, dawn jikkontribwixxu biex jinċitaw lit-trasgressuri u jappoġġaw it-twettiq ta' abbuż sesswali. It-tixrid online tagħhom diġà wassal lil ċerti Stati Membri biex jemendaw il-liġi kriminali tagħhom u jikkriminalizzaw b'mod espliċitu l-pussess u d-distribuzzjoni ta' tali manwali. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni ***leġiżlattiva*** joħloq livell mhux uniformi ta' protezzjoni fl-UE kollha.

Or. en

Emenda 78
Francisco Assis

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Id-diżabbiltà, waħidha, ma tikkostitwixxix awtomatikament impossibbiltà li jkun hemm kunsens għal relazzjonijiet sesswali. Madankollu, l-abbuż ***tal-eżistenza*** ta' tali diżabbiltà sabiex wieħed jieħu sehem f'attivitajiet sesswali mat-tfal jenħtieġ li ***jiġi***	13) Id-diżabbiltà, waħidha, ma tikkostitwixxix awtomatikament impossibbiltà li jkun hemm kunsens għal relazzjonijiet sesswali. Madankollu, l-abbuż ***mill-eżistenza*** ta' tali diżabbiltà sabiex wieħed jieħu sehem f'attivitajiet sesswali mat-tfal jenħtieġ li ***jitqies bħala***

kkriminalizzat.	***ċirkostanza aggravanti tar-reat u tal-ħtija tal-awtur*** .

Or. pt

Emenda 79
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, András László, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Id-diżabbiltà, waħidha, ma tikkostitwixxix awtomatikament impossibbiltà li jkun hemm kunsens għal relazzjonijiet sesswali. Madankollu, l-abbuż ***tal-eżistenza*** ta' tali diżabbiltà sabiex wieħed jieħu sehem f'attivitajiet sesswali mat-tfal jenħtieġ li ***jiġi kkriminalizzat***.	(13) Id-diżabbiltà, waħidha, ma tikkostitwixxix awtomatikament impossibbiltà li jkun hemm kunsens għal relazzjonijiet sesswali. Madankollu, l-abbuż ***mill-eżistenza*** ta' tali diżabbiltà sabiex wieħed jieħu sehem f'attivitajiet sesswali mat-tfal jenħtieġ li ***jitqies bħala ċirkostanza aggravanti tar-reat innifsu***.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Dan mhuwiex reat awtonomu, iżda reat meqjus li diġà twettaq f'sitwazzjoni partikolari.

Emenda 80
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar id-dritt kriminali sostantiv, l-Unjoni jenħtieġ li tiżgura l-konsistenza ta' din il-leġiżlazzjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-livell ta' pieni. Din id-Direttiva, billi fiha numru eċċezzjonalment għoli ta' reati differenti, teħtieġ, sabiex tirrifletti l-gradi diversi ta' serjetà, differenzjazzjoni fil-livell ta' pieni li tmur lil hinn minn dak li	(14) Fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar id-dritt kriminali sostantiv, l-Unjoni jenħtieġ li tiżgura l-konsistenza ta' din il-leġiżlazzjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-livell ta' pieni. Din id-Direttiva, billi fiha numru eċċezzjonalment għoli ta' reati differenti, teħtieġ, sabiex tirrifletti l-gradi diversi ta' serjetà, differenzjazzjoni fil-livell ta' pieni li tmur lil hinn minn dak li

normalment jenħtieġ li jkun previst fl-istrumenti legali tal-Unjoni.	normalment jenħtieġ li jkun previst fl-istrumenti legali tal-Unjoni. ***Din id-direttiva jeħtiġilha tiżgura li r-reati mwettqa bl-għajnuna tat-teknoloġija jkunu koperti bl-istess pieni bħal reati oħra, għax is-serjetà tar-reati u t-trawma li tirriżulta minħabba fihom huma ekwivalenti.***

Or. en

Emenda 81
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar id-dritt kriminali sostantiv, l-Unjoni jenħtieġ li tiżgura l-konsistenza ta' din il-leġiżlazzjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-livell ta' pieni. Din id-Direttiva, billi fiha numru eċċezzjonalment għoli ta' reati differenti, teħtieġ, sabiex tirrifletti l-gradi diversi ta' serjetà, differenzjazzjoni fil-livell ta' pieni li tmur lil hinn minn dak li normalment jenħtieġ li jkun previst fl-istrumenti legali tal-Unjoni.	(14) Fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar id-dritt kriminali sostantiv, l-Unjoni jenħtieġ li tiżgura l-konsistenza ta' din il-leġiżlazzjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-livell ta' pieni. Din id-Direttiva, billi fiha numru eċċezzjonalment għoli ta' reati differenti, teħtieġ, sabiex tirrifletti l-gradi diversi ta' serjetà, differenzjazzjoni fil-livell ta' pieni li tmur lil hinn minn dak li normalment jenħtieġ li jkun previst fl-istrumenti legali tal-Unjoni. ***Id-Direttiva jeħtiġilha madankollu tiżgura li r-reati mwettqa bl-għajnuna tat-teknoloġija jkunu koperti bl-istess pieni bħal reati oħra, għax is-serjetà tagħhom u t-trawma li tirriżulta minħabba fihom huma ekwivalenti.***

Or. en

Emenda 82
François-Xavier Bellamy, Caterina Chinnici, Antonio López-Istúriz White, Javier Zarzalejos

Proposta għal direttiva
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Sabiex tinkiseb aktar protezzjoni għat-tfal online u biex jissaħħu l-miżuri preventivi, li huma fil-qalba ta' din id-Direttiva, l-esponiment tat-tfal għall-kontenut pornografiku jenħtieġ li jiġi kriminalizzat. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkriminalizzaw mhux biss l-esponiment intenzjonat tat-tfal għal kontenut pornografiku minn adult fejn l-għan huwa li jabbuża mit-tfal, iżda wkoll sitwazzjonijiet fejn it-tfal ikunu esposti għal kontenut pornografiku minħabba l-fatt li fornitur tal-Internet jew pjattaforma online, b'mod partikolari pjattaforma użata primarjament għat-tixrid ta' kontenut pornografiku għall-pubbliku, ma tkunx daħħlet fis-seħħ il-miżuri meħtieġa biex tipprevjeni lit-tfal milli jaċċessaw kontenut pornografiku online. Fid-deċiżjoni dwar jekk fornitur tal-Internet jew pjattaforma online humiex responsabbli għat-tixrid konxju ta' kontenut pornografiku online b'tali mod li x'aktarx jiġi aċċessat mit-tfal, in-natura intenzjonata tar-reat tista' tiġi dedotta min-nuqqas ta' miżuri robusti u effettivi ta' verifika tal-età jew min-nuqqas ta' konformità, min-naħa tal-fornitur tal-Internet jew tal-pjattaforma online, mal-obbligi stabbiliti fir-Regolament (UE)2022/2065[1a], b'mod partikolari l-Artikolu 28 u fid-Direttiva (UE)2010/13/UE[1b], b'mod partikolari l-Artikoli 6a u 28b.
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).
	[1b] Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il- koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi,

b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

Or. en

Emenda 83
François-Xavier Bellamy, Caterina Chinnici, Antonio López-Istúriz White, Javier Zarzalejos

Proposta għal direttiva
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-espressjoni "tixrid konxju ta' kontenut pornografiku online b'tali mod li x'aktarx jiġi aċċessat mit-tfal" tinftiehem bħala n-nuqqas ta' miżuri li jipprevjenu lit-tfal milli jaċċessaw kontenut pornografiku, bħal għodod robusti u effettivi ta' verifika tal-età li huma siguri u li jirrispettaw il-privatezza tad-data tal-utenti. Sempliċi dikjarazzjoni ta' persuna li tindika l-età tagħha ma tikkostitwixxix għodda ta' verifika tal-età robusta u effettiva. Jenħtieġ li jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jistabbilixxu r-rekwiżiti tekniċi minimi li jridu jiġu ssodisfati mis-sistemi ta' verifika tal-età tal-pjattaformi online użati primarjament għat-tixrid ta' kontenut pornografiku għall-pubbliku. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-korpi rilevanti tal-infurzar tal-liġi jimmonitorjaw b'mod sistematiku jekk hemmx fis-seħħ għodod ta' verifika tal-età.

Or. en

Emenda 84

Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Sabiex tiġi rispettata l-libertà tal-Istati Membri f'materji kriminali, jeħtieġ li din id-direttiva ma tistipulax direttament il-livell ta' pieni applikabbli għal kull reat, iżda jenħtieġ li sempliċiment tistabbilixxi s-sollijiet minimi għal dawn il-pieni. L-Istati Membri jistgħu għaldaqstant jiddeċiedu li jistabbilixxu limiti massimi identiċi jew ogħla għall-pieni, u limiti aktar baxxi, identiċi jew ogħla għall-pieni.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Kjarifika tal-kunċett ta' "terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas X snin", li jfisser ftit li xejn għall-pubbliku ġenerali.

Emenda 85
Milan Uhrík

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) It-terminu massimu ta' priġunerija prevista f'din id-Direttiva għar-reati msemmija fiha ***jenħtieġ li*** japplika ***mill-anqas*** għall-aktar forom serji ta' tali reati.	(16) It-terminu massimu ta' priġunerija prevista f'din id-Direttiva għar-reati msemmija fiha ***għandu*** japplika għall-aktar forom serji ta' tali reati. ***L-Istati Membri jżommu d-diskrezzjoni li jestendu dawn it-termini abbażi tas-severità u taċ-ċirkostanzi speċifiċi tar-reat, f'konformità mal-prinċipji ġudizzjarji nazzjonali.***

Or. en

Emenda 86
Francisco Assis

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) B'mod partikolari f'dawk il-każijiet fejn ir-reati msemmija f'din id-Direttiva jkunu kommessi bl-iskop ta' gwadann finanzjarju, l-Istati Membri huma mistiedna jikkunsidraw li jiddisponu għall-possibbiltà tal-impożizzjoni ta' ***pieni*** finanzjarji ***oltre għall-priġunerija***.	(19) B'mod partikolari f'dawk il-każijiet fejn ir-reati msemmija f'din id-Direttiva jkunu kommessi bl-iskop ta' gwadann finanzjarju, l-Istati Membri huma mistiedna jikkunsidraw li jiddisponu għall-possibbiltà tal-impożizzjoni ta' ***sanzjonijiet*** finanzjarji ***apparti s-sentenza ta' ħabs***.

Or. en

Emenda 87
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Fil-kuntest tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal , it-terminu "ma għandux jitqies li twettaq "mingħajr dritt" jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu għal difiża fir-rigward tal-imġiba marbuta ma' materjal li jista' jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkollu, pereżempju, skop mediku, xjentifiku jew simili. Jippermetti wkoll li jsiru attivitajiet skont setgħat legali domestiċi, bħall-pussess leġittimu tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mill-awtoritajiet bl-iskop li jmexxu proċedimenti kriminali jew li jipprevjenu, jiskopru jew jinvestigaw reati , jew attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, meta dawn l-organizzazzjonijiet ikunu ġew awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkunu stabbiliti fih. Dawn l-attivitajiet jinkludu, b'mod partikolari, ir-riċeviment, l-analiżi u l-ħolqien ta' rapporti ta' materjal suspettat	(20) Fil-kuntest tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, it-terminu "ma għandux jitqies li twettaq "mingħajr dritt" jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu għal difiża fir-rigward tal-imġiba marbuta ma' materjal li jista' jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkollu, pereżempju, skop mediku, xjentifiku jew simili. Jippermetti wkoll li jsiru attivitajiet skont setgħat legali domestiċi, bħall-pussess leġittimu tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mill-awtoritajiet bl-iskop li jmexxu proċedimenti kriminali jew li jipprevjenu, jiskopru jew jinvestigaw reati, jew attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, meta dawn l-organizzazzjonijiet ikunu ġew awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkunu stabbiliti fih. Dawn l-attivitajiet jinkludu, b'mod partikolari, ir-riċeviment, l-analiżi u l-ħolqien ta' rapporti ta' materjal suspettat ta' abbuż sesswali tat-tfal, inkluż id-

ta’ abbuż sesswali tat-tfal, inkluż id-determinazzjoni tal-post fejn jiġi ospitat il-materjal imsemmi fir-rapporti, sottomess lilhom minn utenti online jew organizzazzjonijiet oħra li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, kif ukoll it-twettiq ta’ tfittxijiet biex jiġi identifikat it-tixrid ta’ materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal. Barra minn hekk, it-terminu “mingħajr dritt” ma jeskludix id-difiżi legali jew prinċipji relevanti simili li jeżoneraw persuna mir-responsabbiltà f’ċirkostanzi speċifiċi.	determinazzjoni tal-post fejn jiġi ospitat il-materjal imsemmi fir-rapporti, ***jekk hux imniżżel mill-organizzazzjonijiet jew*** sottomess lilhom minn utenti online jew organizzazzjonijiet oħra li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ***sabiex jiġi eżaminat u analizzat jew sabiex tiġi faċilitata t-tneħħija tiegħu mill-internet***, kif ukoll it-twettiq ta’ tfittxijiet biex jiġi identifikat it-tixrid ta’ materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal. Barra minn hekk, it-terminu “mingħajr dritt” ma jeskludix id-difiżi legali jew prinċipji relevanti simili li jeżoneraw persuna mir-responsabbiltà f’ċirkostanzi speċifiċi .
	Or. en

Emenda 88
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Fil-kuntest tal-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal , it-terminu “ma għandux jitqies li twettaq “mingħajr dritt” jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu għal difiża fir-rigward tal-imġiba marbuta ma’ materjal li jista’ jikkostitwixxi materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal li jkollu, pereżempju, skop mediku, xjentifiku jew simili. Jippermetti wkoll li jsiru attivitajiet skont setgħat legali domestiċi, bħall-pussess leġittimu tal-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal mill-awtoritajiet bl-iskop li jmexxu proċedimenti kriminali jew li jipprevjenu, jiskopru jew jinvestigaw reati , jew attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, meta dawn l-organizzazzjonijiet ikunu ġew awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkunu stabbiliti fih. Dawn l-attivitajiet jinkludu, b’mod	(20) Fil-kuntest tal-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal, it-terminu “ma għandux jitqies li twettaq “mingħajr dritt” jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu għal difiża fir-rigward tal-imġiba marbuta ma’ materjal li jista’ jikkostitwixxi materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal li jkollu, pereżempju, skop mediku, xjentifiku jew simili. ***Barra minn hekk, it-terminu “mingħajr dritt” ma jeskludix id-difiżi legali jew prinċipji relevanti simili li jeżoneraw persuna mir-responsabbiltà f’ċirkostanzi speċifiċi*** Jippermetti wkoll li jsiru attivitajiet skont setgħat legali domestiċi, bħall-pussess leġittimu tal-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal mill-awtoritajiet bl-iskop li jmexxu proċedimenti kriminali jew li jipprevjenu, jiskopru jew jinvestigaw reati , jew attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet***, bħal pereżempju hotlines,*** li jaġixxu fl-interess pubbliku

partikolari, ir-riċeviment, l-analiżi u l-ħolqien ta' rapporti ta' materjal suspettat ta' abbuż sesswali tat-tfal, inkluż id-determinazzjoni tal-post fejn jiġi ospitat il-materjal imsemmi fir-rapporti, sottomess lilhom minn utenti online jew organizzazzjonijiet oħra li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, kif ukoll it-twettiq ta' tfittxijiet biex jiġi identifikat it-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. ***Barra minn hekk, it-terminu "mingħajr dritt" ma jeskludix id-difiżi legali jew prinċipji relevanti simili li jeżoneraw persuna mir-responsabbiltà f'ċirkostanzi speċifiċi.***	kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, meta dawn l-organizzazzjonijiet ikunu ġew awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkunu stabbiliti fih. Dawn l-attivitajiet jinkludu, b'mod partikolari, ir-riċeviment, l-analiżi u l-ħolqien ta' rapporti ta' materjal suspettat ta' abbuż sesswali tat-tfal, inkluż id-determinazzjoni tal-post fejn jiġi ospitat il-materjal imsemmi fir-rapporti, sottomess lilhom minn utenti online jew organizzazzjonijiet oħra li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, kif ukoll it-twettiq ta' tfittxijiet biex jiġi identifikat it-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Or. en

Emenda 89
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Fil-kuntest tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal , it-terminu "ma għandux jitqies li twettaq **"**mingħajr dritt" jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu għal difiża fir-rigward tal-imġiba marbuta ma' materjal li jista' jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkollu, pereżempju, skop mediku, xjentifiku jew simili. Jippermetti wkoll li jsiru attivitajiet skont setgħat legali domestiċi, bħall-pussess leġittimu tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mill-awtoritajiet bl-iskop li jmexxu proċedimenti kriminali jew li jipprevjenu, jiskopru jew jinvestigaw reati , jew attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, meta dawn l-organizzazzjonijiet ikunu ġew awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkunu stabbiliti fih. Dawn l-attivitajiet jinkludu, b'mod	(20) Fil-kuntest tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, it-terminu "ma għandux jitqies li twettaq mingħajr dritt" jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu għal difiża fir-rigward tal-imġiba marbuta ma' materjal li jista' jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkollu, pereżempju, skop mediku, xjentifiku jew simili. Jippermetti wkoll li jsiru attivitajiet skont setgħat legali domestiċi, bħall-pussess leġittimu tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mill-awtoritajiet bl-iskop li jmexxu proċedimenti kriminali jew li jipprevjenu, jiskopru jew jinvestigaw reati , jew attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, meta dawn l-organizzazzjonijiet ikunu ġew awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkunu stabbiliti fih. Dawn l-attivitajiet jinkludu, b'mod partikolari, ir-riċeviment, l-analiżi u l-

partikolari, ir-riċeviment, l-analiżi u l-ħolqien ta' rapporti ta' materjal suspettat ta' abbuż sesswali tat-tfal, inkluż id-determinazzjoni tal-post fejn jiġi ospitat il-materjal imsemmi fir-rapporti, sottomess lilhom minn utenti online jew organizzazzjonijiet oħra li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, kif ukoll it-twettiq ta' tfittxijiet biex jiġi identifikat it-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. Barra minn hekk, it-terminu "mingħajr dritt" ma jeskludix id-difiżi legali jew prinċipji relevanti simili li jeżoneraw persuna mir-responsabbiltà f'ċirkostanzi speċifiċi.

ħolqien ta' rapporti ta' materjal suspettat ta' abbuż sesswali tat-tfal, inkluż id-determinazzjoni tal-post fejn jiġi ospitat il-materjal imsemmi fir-rapporti, sottomess lilhom minn utenti online jew organizzazzjonijiet oħra li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, kif ukoll it-twettiq ta' tfittxijiet biex jiġi identifikat it-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. Barra minn hekk, it-terminu "mingħajr dritt" ma jeskludix id-difiżi legali jew prinċipji relevanti simili li jeżoneraw persuna mir-responsabbiltà f'ċirkostanzi speċifiċi .

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni tipografika tal-virgoletti fl-ewwel sentenza ("ma għandux jitqies li twettaq mingħajr dritt").

Emenda 90
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) L-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, bħall-membri tan-network ta' hotlines INHOPE, ilhom attivi għal snin sħaħ f'diversi Stati Membri, filwaqt li kkooperaw mal-infurzar tal-liġi u mal-fornituri biex jiffaċilitaw il-proċess tat-tneħħija u r-rapportar ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online. Din il-ħidma tiġġieled ir-rivittimizzazzjoni billi tillimita t-tixrid ta' materjal illegali online, u tista' tipprovdi evidenza għall-infurzar tal-liġi ta' reati mwettqa. Madankollu, il-qafas legali li fih joperaw ivarja b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għal ieħor u, f'ħafna każijiet, huwa nieqes f'termini tal-

	identifikazzjoni tal-kompiti li dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jwettqu legalment, kif ukoll tal-kundizzjonijiet rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu awtorizzazzjoni għal dawn l-organizzazzjonijiet biex iwettqu l-kompiti rilevanti, u b'mod partikolari l-ipproċessar ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, f'liema każ l-ipproċessar jenħtieġ li ma jitqiesx bħala "mingħajr dritt". Tali awtorizzazzjonijiet huma mħeġġa peress li jżidu ċ-ċertezza legali, jimmassimizzaw is-sinerġiji bejn l-awtoritajiet nazzjonali u atturi oħra involuti fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u jappoġġaw id-drittijiet tal-vittmi billi jneħħu l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mill-isfera diġitali pubblika.

Or. en

Emenda 91
Francisco Assis

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) L-akkwist konxju ta' aċċess, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, għall-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li jiġi kkriminalizzat. Sabiex titqies responsabbli, il-persuna jenħtieġ li jkollha kemm l-intenzjoni li tidħol ***f' post*** online ***fejn*** il-materjal ta' abbuż sesswali jkun disponibbli kif ukoll tkun taf li tali materjal jista' jinsab hemm. Jenħtieġ li ma jiġux applikati pieni lil persuni li bi żvista jaċċessaw postijiet online li jkun fihom materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal . In-natura intenzjonata tar-reat tista' tkun dedotta b'mod partikolari mill-fatt li dan ikun rikorrenti jew li r-reati jkunu saru permezz ta' servizz li għalih ikun sar ħlas.	(21) L-akkwist konxju ta' aċċess, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, għall-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li jiġi kkriminalizzat. Sabiex titqies responsabbli ***kriminalment***, il-persuna jenħtieġ li jkollha kemm l-intenzjoni li tidħol ***f'post*** online ***fejn*** il-materjal ta' abbuż sesswali jkun disponibbli kif ukoll tkun taf li tali materjal jista' jinsab hemm. Jenħtieġ li ma jiġux applikati pieni lil persuni li bi żvista jaċċessaw postijiet online li jkun fihom materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. In-natura intenzjonata tar-reat tista' tkun dedotta b'mod partikolari mill-fatt li dan ikun rikorrenti jew li r-reati jkunu saru permezz ta' servizz li għalih ikun sar ħlas.

Or. en

Emenda 92
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Is-sollečitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali hija theddida b'karatteristiċi speċifiċi fil-kuntest tal-Internet, billi dan jagħti anonimità mingħajr preċedent lill-utenti minħabba li jistgħu jaħbu l-identità vera tagħhom u l-karatteristiċi personali ta' dak li jkun, bħalma hi l-età tagħhom. Fl-aħħar deċennju, l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni pprovda lit-trasgressuri b'aċċess dejjem aktar faċli għat-tfal, fejn il-kuntatt spiss jibda bit-trasgressur iħajjar lit-tfal, pereżempju, billi jippretendi li jkun tamparhom jew bi mġiba oħra qarrieqa jew kumplimentuża, biex jispiċċaw f'sitwazzjonijiet kompromettenti. Dan l-aċċess akbar għat-tfal wassal għat-tkabbir rapidu ta' fenomeni bħas-"sesstorsjoni" (jiġifieri l-imġiba ta' theddid li jiġi kondiviż materjal intimu li juri lill-vittma biex wieħed jikseb flus, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jew xi benefiċċju ieħor), li jaffettwaw lit-tfal kemm taħt l-età tal-kunsens sesswali kif ukoll dawk li qabżuha. Fl-aħħar snin, kien hemm żieda ***ta' sesstorsjoni*** motivata finanzjarjament minn gruppi tal-kriminalità organizzata mmirati b'mod partikolari lejn subien adoloxxenti, li wasslet għal diversi każijiet fejn dawk it-tfal neħħew ***ħajjithom. Għalhekk***, huwa essenzjali li dawn il-fenomeni kollha jkunu koperti b'mod xieraq fil-liġi tal-Istati Membri. Fl-istess waqt, l-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda wkoll kontra s-sollečitazzjoni ***ta' tifel/tifla*** barra mill-kuntest tal-Internet, b'mod partikolari fejn tali sollečitazzjoni ma ssirx bl-użu tat-	(22) Is-sollečitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali hija theddida b'karatteristiċi speċifiċi fil-kuntest tal-Internet, billi dan jagħti anonimità mingħajr preċedent lill-utenti minħabba li jistgħu jaħbu l-identità vera tagħhom u l-karatteristiċi personali ta' dak li jkun, bħalma hi l-età tagħhom. Fl-aħħar deċennju, l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni pprovda lit-trasgressuri b'aċċess dejjem aktar faċli għat-tfal, fejn il-kuntatt spiss jibda bit-trasgressur iħajjar lit-tfal, pereżempju, billi jippretendi li jkun tamparhom jew bi mġiba oħra qarrieqa jew kumplimentuża, biex jispiċċaw f'sitwazzjonijiet kompromettenti. Dan l-aċċess akbar għat-tfal wassal għat-tkabbir rapidu ta' fenomeni bħas-"sesstorsjoni" (jiġifieri l-imġiba ta' theddid li jiġi kondiviż materjal intimu li juri lill-vittma biex wieħed jikseb flus, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jew xi benefiċċju ieħor), li jaffettwaw lit-tfal kemm taħt l-età tal-kunsens sesswali kif ukoll dawk li qabżuha. Fl-aħħar snin, kien hemm żieda ***fl-estorsjoni sesswali*** motivata finanzjarjament minn gruppi tal-kriminalità organizzata mmirati b'mod partikolari lejn subien adoloxxenti, li wasslet għal diversi każijiet fejn dawk it-tfal neħħew ***ħajjithom.Għalhekk***, huwa essenzjali li dawn il-fenomeni kollha jkunu koperti b'mod xieraq fil-liġi tal-Istati Membri. Fl-istess waqt, l-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda wkoll kontra s-sollečitazzjoni ***tat-tfal*** barra mill-kuntest tal-Internet, b'mod partikolari fejn tali sollečitazzjoni ma ssirx bl-użu tat-

teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri ***huma inkoraġġiti*** jikkriminalizzaw l-imġiba fejn is-solleċitazzjoni ***ta' tifel/tifla*** għal laqgħa ***mal-akkużat*** għal skopijiet sesswali sseħħ fil-preżenza jew fil-prossimità ***tat-tifel/tifla***, pereżempju fil-forma ta' reat preparatorju partikolari, tentattiv ta' kommissjoni ta' reati msemmija f'din id-Direttiva jew bħala forma partikolari ta' abbuż sesswali. ***Tkun liema tkun is-soluzzjoni ġuridika magħżula għall-kriminalizzazzjoni tal-"grooming offline", l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jipprosegwixxu kontra l-awturi ta' tali reati.***	teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jikkriminalizzaw l-imġiba fejn is-solleċitazzjoni ***tat-tfal*** għal laqgħa ***mat-trasgressur*** għal skopijiet sesswali sseħħ fil-preżenza jew fil-prossimità ***tat-tfal***, pereżempju fil-forma ta' reat preparatorju partikolari, tentattiv ta' kommissjoni ta' reati msemmija f'din id-Direttiva jew bħala forma partikolari ta' abbuż sesswali.

Or. en

Emenda 93
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Is-solleċitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali hija theddida b'karatteristiċi speċifiċi fil-kuntest tal-Internet, billi dan jagħti anonimità mingħajr preċedent lill-utenti minħabba li jistgħu jaħbu l-identità vera tagħhom u l-karatteristiċi personali ta' dak li jkun, bħalma hi l-età tagħhom. Fl-aħħar deċennju, l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni pprovda lit-trasgressuri b'aċċess dejjem aktar faċli għat-tfal, fejn il-kuntatt spiss jibda bit-trasgressur iħajjar lit-tfal, pereżempju, billi jippretendi li jkun tamparhom jew bi mġiba oħra qarrieqa jew kumplimentuża, biex jispiċċaw f'sitwazzjonijiet kompromettenti. Dan l-aċċess akbar għat-tfal wassal għat-tkabbir rapidu ta' fenomeni ***bħas-"sesstorsjoni***" (jiġifieri l-imġiba ta' theddid li jiġi kondiviż materjal intimu li juri lill-vittma	(22) Is-solleċitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali hija theddida b'karatteristiċi speċifiċi fil-kuntest tal-Internet, billi dan jagħti anonimità mingħajr preċedent lill-utenti minħabba li jistgħu jaħbu l-identità vera tagħhom u l-karatteristiċi personali ta' dak li jkun, bħalma hi l-età tagħhom. Fl-aħħar deċennju, l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni pprovda lit-trasgressuri b'aċċess dejjem aktar faċli għat-tfal, fejn il-kuntatt spiss jibda bit-trasgressur iħajjar lit-tfal, pereżempju, billi jippretendi li jkun tamparhom jew bi mġiba oħra qarrieqa jew kumplimentuża, biex jispiċċaw f'sitwazzjonijiet kompromettenti. Dan l-aċċess akbar għat-tfal wassal għat-tkabbir rapidu ta' fenomeni ***bħall-"estorsjoni sesswali***" (jiġifieri l-imġiba ta' theddid li jiġi kondiviż materjal intimu li juri lill-

biex wieħed jikseb flus, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jew xi benefiċċju ieħor), li jaffettwaw lit-tfal kemm taħt l-età tal-kunsens sesswali kif ukoll dawk li qabżuha. Fl-aħħar snin, kien hemm żieda ***ta' sesstorsjoni*** motivata finanzjarjament minn gruppi tal-kriminalità organizzata mmirati b'mod partikolari lejn subien adoloxxenti, li wasslet għal diversi każijiet fejn dawk it-tfal neħħew ħajjithom. Għalhekk, huwa essenzjali li dawn il-fenomeni kollha jkunu koperti b'mod xieraq fil-liġi tal-Istati Membri. Fl-istess waqt, l-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda wkoll kontra s-solleċitazzjoni ***ta' tifel/tifla*** barra mill-kuntest tal-Internet, b'mod partikolari fejn tali solleċitazzjoni ma ssirx bl-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri ***huma inkoraġġiti*** jikkriminalizzaw l-imġiba fejn is-solleċitazzjoni ***ta' tifel/tifla*** għal laqgħa ***mal-akkużat*** għal skopijiet sesswali sseħħ fil-preżenza jew fil-prossimità ***tat-tifel/tifla***, pereżempju fil-forma ta' reat preparatorju partikolari, tentattiv ta' kommissjoni ta' reati msemmija f'din id-Direttiva jew bħala forma partikolari ta' abbuż sesswali. ***Tkun liema tkun is-soluzzjoni ġuridika magħżula għall-kriminalizzazzjoni tal-"grooming offline", l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jipprosegwixxu kontra l-awturi ta' tali reati.***	vittma biex wieħed jikseb flus, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jew xi benefiċċju ieħor), li jaffettwaw lit-tfal kemm taħt l-età tal-kunsens sesswali kif ukoll dawk li qabżuha. Fl-aħħar snin, kien hemm żieda ***fl-estorsjoni sesswali*** motivata finanzjarjament minn gruppi tal-kriminalità organizzata mmirati b'mod partikolari lejn subien adoloxxenti, li wasslet għal diversi każijiet fejn dawk it-tfal neħħew ħajjithom. Għalhekk, huwa essenzjali li dawn il-fenomeni kollha jkunu koperti b'mod xieraq fil-liġi tal-Istati Membri. Fl-istess waqt, l-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda wkoll kontra s-solleċitazzjoni ***tat-tfal għal skopijiet sesswali*** barra mill-kuntest tal-Internet, b'mod partikolari fejn tali solleċitazzjoni ma ssirx bl-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jikkriminalizzaw l-imġiba fejn is-solleċitazzjoni ***tat-tfal*** għal laqgħa ***mat-trasgressur*** għal skopijiet sesswali sseħħ fil-preżenza jew fil-prossimità ***tat-tfal***, pereżempju fil-forma ta' reat preparatorju partikolari, tentattiv ta' kommissjoni ta' reati msemmija f'din id-Direttiva jew bħala forma partikolari ta' abbuż sesswali.

Or. en

Emenda 94
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Is-solleċitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali hija theddida b'karatteristiċi speċifiċi fil-kuntest tal-	(22) Is-solleċitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali hija theddida b'karatteristiċi speċifiċi fil-kuntest tal-

Internet, billi dan jagħti anonimità mingħajr preċedent lill-utenti minħabba li jistgħu jaħbu l-identità vera tagħhom u l-karatteristiċi personali ta' dak li jkun, bħalma hi l-età tagħhom. Fl-aħħar deċennju, l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni pprovda lit-trasgressuri b'aċċess dejjem aktar faċli għat-tfal, fejn il-kuntatt spiss jibda bit-trasgressur iħajjar lit-tfal, pereżempju, billi jippretendi li jkun tamparhom jew bi mġiba oħra qarrieqa jew kumplimentuża, biex jispiċċaw f'sitwazzjonijiet kompromettenti. Dan l-aċċess akbar għat-tfal wassal għat-tkabbir rapidu ta' fenomeni bħas-"sesstorsjoni" (jiġifieri l-imġiba ta' theddid li jiġi kondiviż materjal intimu li juri lill-vittma biex wieħed jikseb flus, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jew xi benefiċċju ieħor), li jaffettwaw lit-tfal kemm taħt l-età tal-kunsens sesswali kif ukoll dawk li qabżuha. Fl-aħħar snin, kien hemm żieda ta' sesstorsjoni motivata finanzjarjament minn gruppi tal-kriminalità organizzata mmirati b'mod partikolari lejn subien adoloxxenti, li wasslet għal diversi każijiet fejn dawk it-tfal neħħew ħajjithom. Għalhekk, huwa essenzjali li dawn il-fenomeni kollha jkunu koperti b'mod xieraq fil-liġi tal-Istati Membri. Fl-istess waqt, l-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda wkoll kontra s-solleċitazzjoni ***ta' tifel/tifla*** barra mill-kuntest tal-Internet, b'mod partikolari fejn tali solleċitazzjoni ma ssirx bl-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri huma inkoraġġiti jikkriminalizzaw l-imġiba fejn is-solleċitazzjoni ***ta' tifel/tifla*** għal laqgħa ***mal-akkużat*** għal skopijiet sesswali sseħħ fil-preżenza jew fil-prossimità ***tat-tifel/tifla***, pereżempju fil-forma ta' reat preparatorju partikolari, tentattiv ta' kommissjoni ta' reati msemmija f'din id-Direttiva jew bħala forma partikolari ta' abbuż sesswali. Tkun liema tkun is-soluzzjoni ġuridika magħżula għall-kriminalizzazzjoni tal-"grooming offline", l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li

Internet, billi dan jagħti anonimità mingħajr preċedent lill-utenti minħabba li jistgħu jaħbu l-identità vera tagħhom u l-karatteristiċi personali ta' dak li jkun, bħalma hi l-età tagħhom. Fl-aħħar deċennju, l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni pprovda lit-trasgressuri b'aċċess dejjem aktar faċli għat-tfal, fejn il-kuntatt spiss jibda bit-trasgressur iħajjar lit-tfal, pereżempju, billi jippretendi li jkun tamparhom jew bi mġiba oħra qarrieqa jew kumplimentuża, biex jispiċċaw f'sitwazzjonijiet kompromettenti. Dan l-aċċess akbar għat-tfal wassal għat-tkabbir rapidu ta' fenomeni bħas-"sesstorsjoni" (jiġifieri l-imġiba ta' theddid li jiġi kondiviż materjal intimu li juri lill-vittma biex wieħed jikseb flus, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jew xi benefiċċju ieħor), li jaffettwaw lit-tfal kemm taħt l-età tal-kunsens sesswali kif ukoll dawk li qabżuha. Fl-aħħar snin, kien hemm żieda ta' sesstorsjoni motivata finanzjarjament minn gruppi tal-kriminalità organizzata mmirati b'mod partikolari lejn subien adoloxxenti, li wasslet għal diversi każijiet fejn dawk it-tfal neħħew ħajjithom. Għalhekk, huwa essenzjali li dawn il-fenomeni kollha jkunu koperti b'mod xieraq fil-liġi tal-Istati Membri. Fl-istess waqt, l-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda wkoll kontra s-solleċitazzjoni ***tat-tfal*** barra mill-kuntest tal-Internet, b'mod partikolari fejn tali solleċitazzjoni ma ssirx bl-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri huma inkoraġġiti jikkriminalizzaw l-imġiba fejn is-solleċitazzjoni ***tat-tfal*** għal laqgħa ***mat-trasgressur*** għal skopijiet sesswali sseħħ fil-preżenza jew fil-prossimità ***tat-tfal sal-punt li tolqothom fiżikament***, pereżempju fil-forma ta' reat preparatorju partikolari, tentattiv ta' kommissjoni ta' reati msemmija f'din id-Direttiva jew bħala forma partikolari ta' abbuż sesswali. Tkun liema tkun is-soluzzjoni ġuridika magħżula għall-kriminalizzazzjoni tal-"grooming offline", l-Istati Membri jenħtieġ li

jipprosegwixxu kontra l-awturi ta' tali reati.	jiżguraw li jipprosegwixxu kontra l-awturi ta' tali reati.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Sabiex issir distinzjoni bejn ir-reat u t-tentattiv, importanti li nżommu l-kriterju ta' effett fiżiku fuq it-tfal. Naturalment dan jista' jfisser laqgħa mat-trasgressur iżda, sabiex ikun prevenut li din il-laqgħa sseħħ, jista' jkun ukoll bidla fl-ambjent fiżiku tat-tfal li twassal biex imorru x'imkien, biex ikunu fil-preżenza tat-trasgressur mingħajr ma neċessarjament ikun hemm kuntatt, biex jitilqu mill-kura tal-persuni li jkollhom it-tutela, jew saħansitra li jkun hemm persuni kompliċi fil-post ippjanat tal-laqgħa.

Emenda 95
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Is-solleċitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali hija theddida b'karatteristiċi speċifiċi fil-kuntest tal-Internet, billi dan jagħti anonimità mingħajr preċedent lill-utenti minħabba li jistgħu jaħbu l-identità vera tagħhom u l-karatteristiċi personali ta' dak li jkun, bħalma hi l-età tagħhom. Fl-aħħar deċennju, l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni pprovda lit-trasgressuri b'aċċess dejjem aktar faċli għat-tfal, fejn il-kuntatt spiss jibda bit-trasgressur iħajjar lit-tfal, pereżempju, billi jippretendi li jkun tamparhom jew bi mġiba oħra qarrieqa jew kumplimentuża, biex jispiċċaw f'sitwazzjonijiet kompromettenti. Dan l-aċċess akbar għat-tfal wassal għat-tkabbir rapidu ta' fenomeni ***bħas-"sesstorsjoni"*** (jiġifieri l-imġiba ta' theddid li jiġi kondiviż materjal intimu li juri lill-vittma biex wieħed jikseb flus, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jew xi benefiċċju ieħor), li jaffettwaw lit-tfal kemm taħt l-età tal-kunsens sesswali kif ukoll dawk li qabżuha. Fl-aħħar snin, kien hemm żieda	(22) Is-solleċitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali hija theddida b'karatteristiċi speċifiċi fil-kuntest tal-Internet, billi dan jagħti anonimità mingħajr preċedent lill-utenti minħabba li jistgħu jaħbu l-identità vera tagħhom u l-karatteristiċi personali ta' dak li jkun, bħalma hi l-età tagħhom. Fl-aħħar deċennju, l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni pprovda lit-trasgressuri b'aċċess dejjem aktar faċli għat-tfal, fejn il-kuntatt spiss jibda bit-trasgressur iħajjar lit-tfal, pereżempju, billi jippretendi li jkun tamparhom jew bi mġiba oħra qarrieqa jew kumplimentuża, biex jispiċċaw f'sitwazzjonijiet kompromettenti. Dan l-aċċess akbar għat-tfal wassal għat-tkabbir rapidu ta' fenomeni ***bħall-"estorsjoni sesswali"*** (jiġifieri l-imġiba ta' theddid li jiġi kondiviż materjal intimu li juri lill-vittma biex wieħed jikseb flus, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jew xi benefiċċju ieħor), li jaffettwaw lit-tfal kemm taħt l-età tal-kunsens sesswali kif ukoll dawk li qabżuha. Fl-aħħar snin, kien hemm żieda

ta' ***sesstorsjoni*** motivata finanzjarjament minn gruppi tal-kriminalità organizzata mmirati b'mod partikolari lejn subien adoloxxenti, li wasslet għal diversi każijiet fejn dawk it-tfal neħħew ħajjithom. Għalhekk, huwa essenzjali li dawn il-fenomeni kollha jkunu koperti b'mod xieraq fil-liġi tal-Istati Membri. Fl-istess waqt, l-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda wkoll kontra s-solleċitazzjoni ***ta' tifel/tifla*** barra mill-kuntest tal-Internet, b'mod partikolari fejn tali solleċitazzjoni ma ssirx bl-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri huma inkoraġġiti jikkriminalizzaw l-imġiba fejn is-solleċitazzjoni ***ta' tifel/tifla*** għal laqgħa ***mal-akkużat*** għal skopijiet sesswali sseħħ fil-preżenza jew fil-prossimità ***tat-tifel/tifla***, pereżempju fil-forma ta' reat preparatorju partikolari, tentattiv ta' kommissjoni ta' reati msemmija f'din id-Direttiva jew bħala forma partikolari ta' abbuż sesswali. Tkun liema tkun is-soluzzjoni ġuridika magħżula għall-kriminalizzazzjoni tal-"grooming offline", l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jipprosegwixxu kontra l-awturi ta' tali reati.

ta' ***"estorsjoni sesswali"*** motivata finanzjarjament minn gruppi tal-kriminalità organizzata mmirati b'mod partikolari lejn subien adoloxxenti, li wasslet għal diversi każijiet fejn dawk it-tfal neħħew ħajjithom. Għalhekk, huwa essenzjali li dawn il-fenomeni kollha jkunu koperti b'mod xieraq fil-liġi tal-Istati Membri. Fl-istess waqt, l-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda wkoll kontra s-solleċitazzjoni ***tat-tfal*** barra mill-kuntest tal-Internet, b'mod partikolari fejn tali solleċitazzjoni ma ssirx bl-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri huma inkoraġġiti jikkriminalizzaw l-imġiba fejn is-solleċitazzjoni ***tat-tfal*** għal laqgħa ***mat-trasgressur*** għal skopijiet sesswali sseħħ fil-preżenza jew fil-prossimità ***tat-tfal***, pereżempju fil-forma ta' reat preparatorju partikolari, tentattiv ta' kommissjoni ta' reati msemmija f'din id-Direttiva jew bħala forma partikolari ta' abbuż sesswali. Tkun liema tkun is-soluzzjoni ġuridika magħżula għall-kriminalizzazzjoni tal-"grooming offline", l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jipprosegwixxu kontra l-awturi ta' tali reati.

Or. en

Emenda 96
Francisco Assis

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Is-solleċitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali hija theddida b'karatteristiċi speċifiċi fil-kuntest tal-Internet, billi dan jagħti anonimità mingħajr preċedent lill-utenti minħabba li jistgħu jaħbu l-identità vera tagħhom u l-karatteristiċi personali ta' dak li jkun, bħalma hi l-età tagħhom. Fl-aħħar	22) Is-solleċitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali hija theddida b'karatteristiċi speċifiċi fil-kuntest tal-Internet, billi dan jagħti anonimità mingħajr preċedent lill-utenti minħabba li jistgħu jaħbu l-identità vera tagħhom u l-karatteristiċi personali ta' dak li jkun, bħalma hi l-età tagħhom. Fl-aħħar

deċennju, l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni pprovda lit-trasgressuri b'aċċess dejjem aktar faċli għat-tfal, fejn il-kuntatt spiss jibda bit-trasgressur iħajjar lit-tfal, pereżempju, billi jippretendi li jkun tamparhom jew bi mġiba oħra qarrieqa jew kumplimentuża, biex jispiċċaw f'sitwazzjonijiet kompromettenti. Dan l-aċċess akbar għat-tfal wassal għat-tkabbir rapidu ta' fenomeni bħas-"sesstorsjoni" (jiġifieri l-imġiba ta' theddid li jiġi kondiviż materjal intimu li juri lill-vittma biex wieħed jikseb flus, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jew xi benefiċċju ieħor), li jaffettwaw lit-tfal kemm taħt l-età tal-kunsens sesswali kif ukoll dawk li qabżuha. Fl-aħħar snin, kien hemm żieda ta' sesstorsjoni motivata finanzjarjament minn gruppi tal-kriminalità organizzata mmirati b'mod partikolari lejn subien adoloxxenti, li wasslet għal diversi każijiet fejn dawk it-tfal neħħew ħajjithom. Għalhekk, huwa essenzjali li dawn il-fenomeni kollha jkunu koperti b'mod xieraq fil-liġi tal-Istati Membri. Fl-istess waqt, l-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda wkoll kontra s-solleċitazzjoni ***ta' tifel/tifla*** barra mill-kuntest tal-Internet, b'mod partikolari fejn tali solleċitazzjoni ma ssirx bl-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri huma inkoraġġiti jikkriminalizzaw l-imġiba fejn is-solleċitazzjoni ***ta' tifel/tifla*** għal laqgħa ***mal-akkużat*** għal skopijiet sesswali sseħħ fil-preżenza jew fil-prossimità ***tat-tifel/tifla***, pereżempju fil-forma ta' reat preparatorju partikolari, tentattiv ta' kommissjoni ta' reati msemmija f'din id-Direttiva jew bħala forma partikolari ta' abbuż sesswali. Tkun liema tkun is-soluzzjoni ġuridika magħżula għall-kriminalizzazzjoni tal-"***grooming offline***", l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li ***jipprosegwixxu kontra*** l-awturi ta' tali reati.

deċennju, l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni pprovda lit-trasgressuri b'aċċess dejjem aktar faċli għat-tfal, fejn il-kuntatt spiss jibda bit-trasgressur iħajjar lit-tfal, pereżempju, billi jippretendi li jkun tamparhom jew bi mġiba oħra qarrieqa jew kumplimentuża, biex jispiċċaw f'sitwazzjonijiet kompromettenti. Dan l-aċċess akbar għat-tfal wassal għat-tkabbir rapidu ta' fenomeni bħas-"sesstorsjoni" (jiġifieri l-imġiba ta' theddid li jiġi kondiviż materjal intimu li juri lill-vittma biex wieħed jikseb flus, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jew xi benefiċċju ieħor), li jaffettwaw lit-tfal kemm taħt l-età tal-kunsens sesswali kif ukoll dawk li qabżuha. Fl-aħħar snin, kien hemm żieda ta' sesstorsjoni motivata finanzjarjament minn gruppi tal-kriminalità organizzata mmirati b'mod partikolari lejn subien adoloxxenti, li wasslet għal diversi każijiet fejn dawk it-tfal neħħew ħajjithom. Għalhekk, huwa essenzjali li dawn il-fenomeni kollha jkunu koperti b'mod xieraq fil-liġi tal-Istati Membri. Fl-istess waqt, l-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda wkoll kontra s-solleċitazzjoni ***tat-tfal*** barra mill-kuntest tal-Internet, b'mod partikolari fejn tali solleċitazzjoni ma ssirx bl-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri huma inkoraġġiti jikkriminalizzaw l-imġiba fejn is-solleċitazzjoni ***tat-tfal*** għal laqgħa ***mat-trasgressur*** għal skopijiet sesswali sseħħ fil-preżenza jew fil-prossimità ***tat-tfal***, pereżempju fil-forma ta' reat preparatorju partikolari, tentattiv ta' kommissjoni ta' reati msemmija f'din id-Direttiva jew bħala forma partikolari ta' abbuż sesswali. Tkun liema tkun is-soluzzjoni ġuridika magħżula għall-kriminalizzazzjoni tal-"***off-line grooming***", l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li ***jżommu*** l-awturi ta' tali reati ***kriminalment responsabbli***.

Or. pt

Emenda 97
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi reċenti u, b'mod partikolari, tal-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali, jenħtieġ li l-kriminalizzazzjoni tas-solleċitazzjoni tat-tfal ma tkunx limitata għal konverżazzjonijiet bil-vuċi, testwali jew bil-posta, iżda tkun tinkludi wkoll kuntatti jew skambji f'settings ta' realtà miżjuda, estiża jew virtwali, kif ukoll solleċitazzjoni fuq skala kbira tat-tfal permezz tal-użu ta' chat-bots imħarrġa għal dak il-għan***, peress li dan il-fenomenu nnifsu mistenni jiżdied fl-isfond tal-evoluzzjoni prevedibbli tal-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali***. Għalhekk "permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni" jenħtieġ li tinftiehem b'mod wiesa' biżżejjed biex tkopri dawk l-iżviluppi teknoloġiċi kollha.	(23) Fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi reċenti u, b'mod partikolari, tal-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali, jenħtieġ li l-kriminalizzazzjoni tas-solleċitazzjoni tat-tfal ma tkunx limitata għal konverżazzjonijiet bil-vuċi, testwali jew bil-posta, iżda tkun tinkludi wkoll kuntatti jew skambji f'settings ta' realtà miżjuda, estiża jew virtwali, kif ukoll solleċitazzjoni fuq skala kbira tat-tfal permezz tal-użu ta' chat-bots imħarrġa għal dak il-għan. Għalhekk "permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni" jenħtieġ li tinftiehem b'mod wiesa' biżżejjed biex tkopri dawk l-iżviluppi teknoloġiċi kollha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma hemm l-ebda bażi għal din l-aspettattiva. Pjuttost jidher li mudelli lingwistiċi kbar laħqu plateau li minnu ma jistgħux jevolvu ħafna aktar sempliċiment b'aktar qawwa komputazzjonali jew data.

Emenda 98
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi	(23) Fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi

reċenti u, b'mod partikolari, tal-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali, jenħtieġ li l-kriminalizzazzjoni tas-solleċitazzjoni tat-tfal ma tkunx limitata għal konverżazzjonijiet bil-vuċi, testwali jew bil-posta, iżda tkun tinkludi wkoll kuntatti jew skambji f'settings ta' realtà miżjuda, estiża jew virtwali, kif ukoll solleċitazzjoni fuq skala kbira tat-tfal permezz tal-użu ta' chat-bots imħarrġa għal dak il-għan, peress li dan il-fenomenu nnifsu mistenni jiżdied fl-isfond tal-evoluzzjoni prevedibbli tal-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali. Għalhekk "permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni" jenħtieġ li tinftiehem b'mod wiesa' biżżejjed biex tkopri dawk l-iżviluppi teknoloġiċi kollha.	reċenti u, b'mod partikolari, tal-iżvilupp ***tal-intelliġenza artifiċjali u*** ta' ambjenti ta' realtà miżjuda, estiża u virtwali, jenħtieġ li l-kriminalizzazzjoni tas-solleċitazzjoni tat-tfal ma tkunx limitata għal konverżazzjonijiet bil-vuċi, testwali jew bil-posta, iżda tkun tinkludi wkoll kuntatti jew skambji f'settings ta' realtà miżjuda, estiża jew virtwali, kif ukoll solleċitazzjoni fuq skala kbira tat-tfal permezz tal-użu ta' chat-bots imħarrġa għal dak il-għan, peress li dan il-fenomenu nnifsu mistenni jiżdied fl-isfond tal-evoluzzjoni prevedibbli tal-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali. Għalhekk "permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni" jenħtieġ li tinftiehem b'mod wiesa' biżżejjed biex tkopri dawk l-iżviluppi teknoloġiċi kollha.
	Or. ro

Emenda 99
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Xi servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni huma operati intenzjonalment bl-iskop ewlieni li jiffaċilitaw reati ta' abbuż sesswali tat-tfal jew ta' sfruttament sesswali tat-tfal. Dan jenħtieġ li jiġi stabbilit mill-kuntest u mill-motivazzjoni tal-offerta ta' servizz, pereżempju li l-operatur tas-servizz jagħti x'jifhem b'mod espliċitu li l-iskop tas-servizz huwa li jiffaċilita l-abbuż sesswali tat-tfal jew l-isfruttament sesswali tat-tfal jew li s-servizz inħoloq speċifikament għal dak l-iskop. L-operatur ta' tali servizzi ma jistax jiddependi fuq eżenzjonijiet mir-responsabbiltà previsti mir-Regolament (UE) 2022/2065 (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali). Is-sempliċi fatt li servizz joffri trażmissjonijiet kriptati jew kwalunkwe

sistema oħra li tagħmel l-identifikazzjoni tal-utent impossibbli jenħtieġ li ma jikkwalifikax fih innifsu bħala faċilitazzjoni ta' attivitajiet illegali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni ma fihiex premessa għall-Artikolu 8. Fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni, hemm referenza mhux ċara għal "rwol tad-dark web" li toħloq inċertezza legali dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 8. Il-formulazzjoni ta' hawn fuq hija adattata mill-premessa 20 tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali li tiċċara li s-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni operati bl-iskop ewlieni li jiffaċilitaw attivitajiet illegali ma għandhomx jibbenefikaw mill-eżenzjonijiet mir-responsabbiltà tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

Emenda 100
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal direttiva
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Xi servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni huma operati intenzjonalment bl-għan ewlieni li jiffaċilitaw reati ta' abbuż sesswali tat-tfal jew sfruttament sesswali tat-tfal. Dan jenħtieġ li jiġi stabbilit mill-kuntest u mill-motivazzjoni tal-offerta ta' servizz, pereżempju li l-operatur tas-servizz jirreklamah bħala servizz li jiffaċilita l-abbuż sesswali tat-tfal jew l-isfruttament sesswali tat-tfal jew li s-servizz inħoloq speċifikament għal dak l-iskop. L-operatur ta' tali servizzi ma jistax jiddependi fuq l-eżenzjonijiet mir-responsabbiltà previsti mir-Regolament (UE) 2022/2065 (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali). Is-sempliċi offerta ta' trażmissjonijiet kriptati jew li jagħmlu l-identifikazzjoni tal-utent impossibbli ma jikkwalifikawx fihom infushom bħala faċilitazzjoni ta' attivitajiet illegali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi evitata l-inċertezza legali, l-Artikolu 8 għandu jkun akkumpanjat minn premessa li tiċċara xi tfisser "servizz online għall-fini ta' abbuż sesswali jew sfruttament sesswali tat-tfal".

Emenda 101
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Din id-Direttiva ma tirregolax il-linji politiċi tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali kunsenswali li fihom jistgħu jkunu involuti t-tfal u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sessswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, b'kont meħud tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u ta' forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u jinżammu relazzjonijiet fost it-tfal u l-adolexxenti, inkluż permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. ***L-Istati Membri li jużaw il-possibilitajiet imsemmija f'din id-Direttiva, jenħtieġ li jagħmlu dan fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom. B'mod aktar partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet*** sesswali kunsenswali ***li jinvolvu esklużivament tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali, kif ukoll*** attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu lill-pari. L-emendi ta' dan l-Artikolu huma maħsuba biex jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga, fid-dawl tal-fatt li xi Stati Membri jidhru li interpretaw il-formulazzjoni oriġinali tagħha b'mod wiesa' wisq (pereż. billi jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet kunsenswali bejn minuri li jaqbżu l-età tal-kunsens u adulti ta' kwalunkwe età, meqjusa bħala "pari" minkejja differenza sinifikanti fl-età).	(24) Din id-Direttiva ma tirregolax il-linji politiċi tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali kunsenswali li fihom jistgħu jkunu involuti t-tfal u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sessswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, b'kont meħud tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u ta' forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u jinżammu relazzjonijiet fost it-tfal u l-adolexxenti, inkluż permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. ***Fost l-oħrajn, il-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Kumitat ta' Lanzarote iddikjaraw li attivitajiet kunsenswali bejn il-pari li huma qrib fl-età, il-maturità u l-iżvilupp għal attività*** sesswali kunsenswali ***u mhux ta' sfruttament jenħtieġ li ma jiġux kriminalizzati dment li ma jkun hemm l-ebda element ta' koerċizzjoni, abbuż ta' fiduċja jew dipendenza bejniethom. Għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ li jipproteġu lit-tfal mill-kriminalizzazzjoni għal*** attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu lill-pari. L-emendi ta' dan l-Artikolu huma maħsuba biex jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga, fid-dawl tal-fatt li xi Stati Membri jidhru li interpretaw il-formulazzjoni oriġinali tagħha b'mod wiesa' wisq (pereż. billi jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet kunsenswali bejn minuri li jaqbżu l-età tal-kunsens u adulti ta'

kwalunkwe età, meqjusa bħala “pari” minkejja differenza sinifikanti fl-età). ***Dan ifisser li huma biss l-attivitajiet kunsenswali bejn il-pari li huma qrib fl-età, il-maturità u l-iżvilupp li jenħtieġ li jiġu protetti mill-kriminalizzazzjoni. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-età tal-kunsens jenħtieġ li ma jiġux interpretati b’mod li jillimita b’xi mod il-kriminalizzazzjoni tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal li laħqu l-età tal-kunsens jew qabżuha, għax it-tfal ma jistgħux jagħtu kunsens għall-abbuż sesswali tagħhom.***

Or. en

Emenda 102
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Din id-Direttiva ma tirregolax il-linji politiċi tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali kunsenswali li fihom jistgħu jkunu involuti t-tfal u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sesswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, b’kont meħud tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u ta’ forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u jinżammu relazzjonijiet fost it-tfal u l-adolexxenti, inkluż permezz ta’ teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri li jużaw il-possibilitajiet imsemmija f’din id-Direttiva, jenħtieġ li jagħmlu dan fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom. ***B’mod aktar partikolari, jenħtieġ li*** l-Istati Membri ***jkunu jistgħu*** jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu esklużivament tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali, kif ukoll attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu lill-pari. L-emendi ta’ dan l-Artikolu huma maħsuba biex jiċċaraw il-	(24) Din id-Direttiva ma tirregolax il-linji politiċi tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali kunsenswali li fihom jistgħu jkunu involuti t-tfal u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sesswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, b’kont meħud tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u ta’ forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u jinżammu relazzjonijiet fost it-tfal u l-adolexxenti, inkluż permezz ta’ teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri li jużaw il-possibilitajiet imsemmija f’din id-Direttiva, jenħtieġ li jagħmlu dan fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom. ***Madankollu, f’konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal u tal-Kumitat ta’ Lanzarote,*** l-Istati Membri ***għandhom*** jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu esklużivament tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali, kif

kamp ta’ applikazzjoni tad-deroga, fid-dawl tal-fatt li xi Stati Membri jidhru li interpretaw il-formulazzjoni oriġinali tagħha b’mod wiesa’ wisq (pereż. billi jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet kunsenswali bejn minuri li jaqbżu l-età tal-kunsens u adulti ta’ kwalunkwe età, meqjusa bħala “pari” minkejja differenza sinifikanti fl-età).	ukoll attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu lill-pari. L-emendi ta’ dan l-Artikolu huma maħsuba biex jiċċaraw il-kamp ta’ applikazzjoni tad-deroga, fid-dawl tal-fatt li xi Stati Membri jidhru li interpretaw il-formulazzjoni oriġinali tagħha b’mod wiesa’ wisq (pereż. billi jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet kunsenswali bejn minuri li jaqbżu l-età tal-kunsens u adulti ta’ kwalunkwe età, meqjusa bħala “pari” minkejja differenza sinifikanti fl-età). ***Id-dispożizzjonijiet relatati mal-età tal-kunsens jenħtieġ li ma jiġux interpretati b’mod li jillimita bi kwalunkwe mod il-kriminalizzazzjoni tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal li laħqu l-età tal-kunsens jew qabżuha, għax l-ebda tifel jew tifla ma jistgħu jagħtu kunsens għall-abbuż sesswali u għaldaqstant għall-vjolenza sesswali.***
	Or. en

Emenda 103
Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Din id-Direttiva ma tirregolax il-linji politiċi tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali kunsenswali li fihom jistgħu jkunu involuti t-tfal u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sessswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, b’kont meħud tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u ta’ forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u jinżammu relazzjonijiet fost it-tfal u l-adolexxenti, inkluż permezz ta’ teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri li jużaw il-possibilitajiet imsemmija f’din id-Direttiva, jenħtieġ li jagħmlu dan fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom. B’mod aktar partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri	(24) Din id-Direttiva ma tirregolax il-linji politiċi tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali kunsenswali li fihom jistgħu jkunu involuti t-tfal u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sessswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, b’kont meħud tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u ta’ forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u jinżammu relazzjonijiet fost it-tfal u l-adolexxenti, inkluż permezz ta’ teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri li jużaw il-possibilitajiet imsemmija f’din id-Direttiva, jenħtieġ li jagħmlu dan fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom. B’mod aktar partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri

jkunu jistgħu jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu esklużivament tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali, kif ukoll attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu lill-pari. L-emendi ta' dan l-Artikolu huma maħsuba biex jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga, fid-dawl tal-fatt li xi Stati Membri jidhru li interpretaw il-formulazzjoni oriġinali tagħha b'mod wiesa' wisq (pereż. billi jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet kunsenswali bejn minuri li jaqbżu l-età tal-kunsens u adulti ta' kwalunkwe età, meqjusa bħala "pari" minkejja differenza sinifikanti fl-età).	jkunu jistgħu jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu esklużivament tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali, kif ukoll attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu lill-pari***. L-isfruttament sesswali tat-tfal, inkluż permezz tal-prostituzzjoni u l-pornografija, irrispettivament mill-età tagħhom, irid jiġi kriminalizzat***. L-emendi ta' dan l-Artikolu huma maħsuba biex jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga, fid-dawl tal-fatt li xi Stati Membri jidhru li interpretaw il-formulazzjoni oriġinali tagħha b'mod wiesa' wisq (pereż. billi jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet kunsenswali bejn minuri li jaqbżu l-età tal-kunsens u adulti ta' kwalunkwe età, meqjusa bħala "pari" minkejja differenza sinifikanti fl-età).
	Or. ro

Emenda 104
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Din id-Direttiva ma tirregolax il-linji politiċi tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali kunsenswali li fihom jistgħu jkunu involuti t-tfal u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sesswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, b'kont meħud tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u ta' forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u jinżammu relazzjonijiet fost it-tfal u l-adolexxenti, inkluż permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri li jużaw il-possibilitajiet imsemmija f'din id-Direttiva, jenħtieġ li jagħmlu dan fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom. B'mod aktar partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet sesswali	(24) Din id-Direttiva ma tirregolax il-linji politiċi tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali kunsenswali li fihom jistgħu jkunu involuti t-tfal u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sesswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, b'kont meħud tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u ta' forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u jinżammu relazzjonijiet fost it-tfal u l-adolexxenti, inkluż permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri li jużaw il-possibilitajiet imsemmija f'din id-Direttiva, jenħtieġ li jagħmlu dan fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom. B'mod aktar partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet sesswali

kunsenswali li jinvolvu esklużivament tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali, kif ukoll attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu lill-pari. L-emendi ta' dan l-Artikolu huma maħsuba biex jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga, fid-dawl tal-fatt li xi Stati Membri jidhru li interpretaw il-formulazzjoni oriġinali tagħha b'mod wiesa' wisq (pereż. billi jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet kunsenswali bejn minuri li jaqbżu l-età tal-kunsens u adulti ta' kwalunkwe età, meqjusa bħala "pari" minkejja differenza sinifikanti fl-età).

kunsenswali li jinvolvu esklużivament tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali, kif ukoll attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu lill-pari. L-emendi ta' dan l-Artikolu huma maħsuba biex jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga, fid-dawl tal-fatt li xi Stati Membri jidhru li interpretaw il-formulazzjoni oriġinali tagħha b'mod wiesa' wisq (pereż. billi jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet kunsenswali bejn minuri li jaqbżu l-età tal-kunsens u adulti ta' kwalunkwe età, meqjusa bħala "pari" minkejja differenza sinifikanti fl-età). ***Għal dan l-għan, id-differenza fl-età bejn pari li għandhom l-età tal-kunsens sesswali għandha tkun limitata għal tliet snin.***

Or. fr

Emenda 105
Francisco Assis

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Din id-Direttiva ma tirregolax il-linji politiċi tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali kunsenswali li fihom jistgħu jkunu involuti t-tfal u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sesswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, b'kont meħud tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u ta' forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u jinżammu relazzjonijiet fost it-tfal u l-adolexxenti, inkluż permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri li jużaw il-possibilitajiet imsemmija f'din id-Direttiva, jenħtieġ li jagħmlu dan fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom. B'mod aktar partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu esklużivament tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali, kif	(24) Din id-Direttiva ma tirregolax il-linji politiċi tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali kunsenswali li fihom jistgħu jkunu involuti t-tfal u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sesswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, b'kont meħud tat-tradizzjonijiet ***soċjali,*** kulturali u legali differenti u ta' forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u jinżammu relazzjonijiet fost it-tfal u l-adolexxenti, inkluż permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri li jużaw il-possibilitajiet imsemmija f'din id-Direttiva, jenħtieġ li jagħmlu dan fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom. B'mod aktar partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu esklużivament tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali, kif

ukoll attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu lill-pari. L-emendi ta' dan l-Artikolu huma maħsuba biex jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga, fid-dawl tal-fatt li xi Stati Membri jidhru li interpretaw il-formulazzjoni oriġinali tagħha b'mod wiesa' wisq (pereż. billi jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet kunsenswali bejn minuri li jaqbżu l-età tal-kunsens u adulti ta' kwalunkwe età, meqjusa bħala "pari" minkejja differenza sinifikanti fl-età).

ukoll attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu lill-pari. L-emendi ta' dan l-Artikolu huma maħsuba biex jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga, fid-dawl tal-fatt li xi Stati Membri jidhru li interpretaw il-formulazzjoni oriġinali tagħha b'mod wiesa' wisq (pereż. billi jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet kunsenswali bejn minuri li jaqbżu l-età tal-kunsens u adulti ta' kwalunkwe età, meqjusa bħala "pari" minkejja differenza sinifikanti fl-età).

Or. en

Emenda 106
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Din id-Direttiva ma tirregolax il-linji politiċi tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali kunsenswali li fihom jistgħu jkunu involuti t-tfal u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sessswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, b'kont meħud tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u ta' forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u jinżammu relazzjonijiet fost it-tfal u l-adolexxenti, inkluż permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri li jużaw il-possibilitajiet imsemmija f'din id-Direttiva, jenħtieġ li jagħmlu dan fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom. B'mod aktar partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri ***jkunu jistgħu*** jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu esklużivament tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali, kif ukoll attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu lill-pari. L-emendi ta' dan l-Artikolu huma maħsuba biex jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga, fid-dawl tal-fatt li xi Stati Membri jidhru li	(24) Din id-Direttiva ma tirregolax il-linji politiċi tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali kunsenswali li fihom jistgħu jkunu involuti t-tfal u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sessswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, b'kont meħud tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u ta' forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u jinżammu relazzjonijiet fost it-tfal u l-adolexxenti, inkluż permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri li jużaw il-possibilitajiet imsemmija f'din id-Direttiva, jenħtieġ li jagħmlu dan fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom. B'mod aktar partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu esklużivament tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali, kif ukoll attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu lill-pari. L-emendi ta' dan l-Artikolu huma maħsuba biex jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga, fid-dawl tal-fatt li xi Stati Membri jidhru li interpretaw il-formulazzjoni

interpretaw il-formulazzjoni oriġinali tagħha b'mod wiesa' wisq (pereż. billi jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet kunsenswali bejn minuri li jaqbżu l-età tal-kunsens u adulti ta' kwalunkwe età, meqjusa bħala "pari" minkejja differenza sinifikanti fl-età).

oriġinali tagħha b'mod wiesa' wisq (pereż. billi jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet kunsenswali bejn minuri li jaqbżu l-età tal-kunsens u adulti ta' kwalunkwe età, meqjusa bħala "pari" minkejja differenza sinifikanti fl-età).

Or. en

Emenda 107
Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) ***L-inkapaċità*** fiżika jew mentali skont din id-Direttiva jenħtieġ li tinftiehem bħala li tinkludi wkoll l-istat tal-inkapaċità fiżika jew mentali kkawżata mill-influwenza tad-drogi ***u l-alkoħol***.	(26) ***L-istat ta' inkapaċità*** fiżika jew mentali skont din id-Direttiva jenħtieġ li tinftiehem bħala li tinkludi wkoll l-istat tal-inkapaċità fiżika jew mentali kkawżata mill-influwenza tad-drogi***, mediċini, alkoħol jew kwalunkwe sustanza li tista' tikkompromett i r-rieda ħielsa ta' persuna***.

Or. fr

Emenda 108
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Il-vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal spiss ma jkunux jistgħu jirrapportaw ir-reat għal diversi għexieren ta' snin wara li jkun twettaq minħabba l-mistħija, il-ħtija u l-awtoħtija, li jistgħu jkunu relatati, fost l-oħrajn, mal-istigma soċjali u kulturali li għad hemm rigward l-abbuż sesswali, is-	(31) Il-vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal spiss ma jkunux jistgħu jirrapportaw ir-reat għal diversi għexieren ta' snin wara li jkun twettaq minħabba l-mistħija, il-ħtija u l-awtoħtija, li jistgħu jkunu relatati, fost l-oħrajn, mal-istigma soċjali u kulturali li għad hemm rigward l-abbuż sesswali, is-

segretezza li fiha jseħħ l-abbuż, l-imġiba ta' theddid jew l-għoti ta' ħtija mill-awtur tar-reat, u/jew it-trawma. L-awturi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, għall-kuntrarju ta' awturi ta' reati vjolenti oħra, għandhom it-tendenza li jibqgħu attivi sal-età avvanzata, u jkomplu jkunu ta' theddida għat-tfal. Fid-dawl ta' dan, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, kif ukoll assistenza u appoġġ xierqa għall-vittmi, jistgħu jiġu pprovduti biss jekk l-istatuti tal-limitazzjonijiet ***jippermettu lill-vittmi jirrapportaw ir-reat għal perjodu ta' żmien estiż b'mod sinifikanti***.

segretezza li fiha jseħħ l-abbuż, l-imġiba ta' theddid jew l-għoti ta' ħtija mill-awtur tar-reat, u/jew it-trawma. ***Minħabba l-vulnerabbiltajiet speċifiċi tat-tfal u l-limitazzjonijiet tal-iżvilupp tagħhom, jista' jkun li huma ma jifhmux għalkollox li dak li jkun seħħ kien abbużiv, speċjalment jekk min ikun abbuża kien adult fdat. Jista' jkun li s-superstiti jkollhom isiru adulti biex jiżviluppaw il-maturità emozzjonali biex jirrikonoxxu l-abbuż u jifhmu l-effetti fit-tul tiegħu. It-trawma tista' twassal lill-vittmi biex irażżnu jew jimblukkaw il-memorji, bħala miżura protettiva, għal snin sħaħ.*** L-awturi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, għall-kuntrarju ta' awturi ta' reati vjolenti oħra, għandhom it-tendenza li jibqgħu attivi sal-età avvanzata, u jkomplu jkunu ta' theddida għat-tfal. Fid-dawl ta' dan, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, kif ukoll assistenza u appoġġ xierqa għall-vittmi, jistgħu jiġu pprovduti biss jekk l-istatuti tal-limitazzjonijiet ***jiġu aboliti. Għaldaqstant, l-istandards minimi previsti fid-Direttiva jenħtieġ li jiġu interpretati bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni***.

Or. en

Emenda 109
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Il-vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal spiss ma jkunux jistgħu jirrapportaw ir-reat għal diversi għexieren ta' snin wara li jkun twettaq minħabba l-mistħija, il-ħtija u l-awtoħtija, li jistgħu jkunu relatati, fost l-oħrajn, mal-istigma soċjali u kulturali li għad hemm rigward l-abbuż sesswali, is-	(31) Il-vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal spiss ma jkunux jistgħu jirrapportaw ir-reat għal diversi għexieren ta' snin wara li jkun twettaq minħabba l-mistħija, il-ħtija u l-awtoħtija, li jistgħu jkunu relatati, fost l-oħrajn, mal-istigma soċjali u kulturali li għad hemm rigward l-abbuż sesswali, is-

segretezza li fiha jseħħ l-abbuż, l-imġiba ta' theddid jew l-għoti ta' ħtija mill-awtur tar-reat, u/jew it-trawma. L-awturi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, għall-kuntrarju ta' awturi ta' reati vjolenti oħra, għandhom it-tendenza li jibqgħu attivi sal-età avvanzata, u jkomplu jkunu ta' theddida għat-tfal. Fid-dawl ta' dan, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, kif ukoll assistenza u appoġġ xierqa għall-vittmi, jistgħu jiġu pprovduti biss jekk l-istatuti tal-limitazzjonijiet jippermettu lill-vittmi jirrapportaw ir-reat għal perjodu ta' żmien estiż b'mod sinifikanti.	segretezza li fiha jseħħ l-abbuż, l-imġiba ta' theddid jew l-għoti ta' ħtija mill-awtur tar-reat, u/jew it-trawma. ***Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-każijiet ta' abbuż sesswali kontra t-tfal jinvolvu membri tal-familja jew persuni fiċ-ċirku intern tat-tfal, u dan għandu konsegwenzi fuq it-tul ta' żmien prolongat tal-abbuż, l-istigma msemmija hawn fuq u l-faċilità li biha l-awturi jistgħu jaċċessaw lit-tfal.*** L-awturi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, għall-kuntrarju ta' awturi ta' reati vjolenti oħra, għandhom it-tendenza li jibqgħu attivi sal-età avvanzata, u jkomplu jkunu ta' theddida għat-tfal. Fid-dawl ta' dan, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, kif ukoll assistenza u appoġġ xierqa għall-vittmi, jistgħu jiġu pprovduti biss jekk l-istatuti tal-limitazzjonijiet jippermettu lill-vittmi jirrapportaw ir-reat għal perjodu ta' żmien estiż b'mod sinifikanti.
	Or. en

Emenda 110
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi, András László

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Il-vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal spiss ma jkunux jistgħu jirrapportaw ir-reat għal diversi għexieren ta' snin wara li jkun twettaq minħabba l-mistħija, il-ħtija u l-awtoħtija, li jistgħu jkunu relatati, fost l-oħrajn, mal-istigma soċjali u kulturali li għad hemm rigward l-abbuż sesswali, is-segretezza li fiha jseħħ l-abbuż, l-imġiba ta' theddid jew l-għoti ta' ħtija mill-awtur tar-reat, u/jew it-trawma. L-awturi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, għall-kuntrarju ta' awturi ta' reati	(31) Il-vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal spiss ma jkunux jistgħu jirrapportaw ir-reat għal diversi għexieren ta' snin wara li jkun twettaq minħabba l-mistħija, il-ħtija u l-awtoħtija, li jistgħu jkunu relatati, fost l-oħrajn, mal-istigma soċjali u kulturali li għad hemm rigward l-abbuż sesswali, is-segretezza li fiha jseħħ l-abbuż, l-imġiba ta' theddid jew l-għoti ta' ħtija mill-awtur tar-reat, u/jew it-trawma. L-awturi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, għall-kuntrarju ta' awturi ta' reati

vjolenti oħra, għandhom it-tendenza li jibqgħu attivi sal-età avvanzata, u jkomplu jkunu ta' theddida għat-tfal. Fid-dawl ta' dan, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, kif ukoll assistenza u appoġġ xierqa għall-vittmi, jistgħu jiġu pprovduti biss jekk l-istatuti tal-limitazzjonijiet jippermettu lill-vittmi jirrapportaw ir-reat għal perjodu ta' żmien estiż b'mod sinifikanti.	vjolenti oħra, għandhom it-tendenza li jibqgħu attivi sal-età avvanzata, u jkomplu jkunu ta' theddida għat-tfal. Fid-dawl ta' dan, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, kif ukoll assistenza u appoġġ xierqa għall-vittmi, jistgħu jiġu pprovduti biss jekk l-istatuti tal-limitazzjonijiet jippermettu lill-vittmi jirrapportaw ir-reat għal perjodu ta' żmien estiż b'mod sinifikanti***, u mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jistabilixxu statut ta' limitazzjonijiet saħansitra itwal***.
	Or. fr

Emenda 111
András László

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Il-vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal spiss ma jkunux jistgħu jirrapportaw ir-reat għal diversi għexieren ta' snin wara li jkun twettaq minħabba l-mistħija, il-ħtija u l-awtoħtija, li jistgħu jkunu relatati, fost l-oħrajn, mal-istigma soċjali u kulturali li għad hemm rigward l-abbuż sesswali, is-segretezza li fiha jseħħ l-abbuż, l-imġiba ta' theddid jew l-għoti ta' ħtija mill-awtur tar-reat, u/jew it-trawma. L-awturi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, għall-kuntrarju ta' awturi ta' reati vjolenti oħra, għandhom it-tendenza li jibqgħu attivi sal-età avvanzata, u jkomplu jkunu ta' theddida għat-tfal. Fid-dawl ta' dan, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, kif ukoll assistenza u appoġġ xierqa għall-vittmi, jistgħu jiġu pprovduti biss jekk ***l-istatuti*** tal-limitazzjonijiet ***jippermettu lill-vittmi jirrapportaw ir-reat għal perjodu ta'***	(31) Il-vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal spiss ma jkunux jistgħu jirrapportaw ir-reat għal diversi għexieren ta' snin wara li jkun twettaq minħabba l-mistħija, il-ħtija u l-awtoħtija, li jistgħu jkunu relatati, fost l-oħrajn, mal-istigma soċjali u kulturali li għad hemm rigward l-abbuż sesswali, is-segretezza li fiha jseħħ l-abbuż, l-imġiba ta' theddid jew l-għoti ta' ħtija mill-awtur tar-reat, u/jew it-trawma. L-awturi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, għall-kuntrarju ta' awturi ta' reati vjolenti oħra, għandhom it-tendenza li jibqgħu attivi sal-età avvanzata, u jkomplu jkunu ta' theddida għat-tfal. Fid-dawl ta' dan, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, kif ukoll assistenza u appoġġ xierqa għall-vittmi, jistgħu jiġu pprovduti biss jekk ***l-istatut*** tal-limitazzjonijiet ***għar-reat imwettaq ma***

żmien estiż b'mod sinifikanti.	***jiskadix***.

Or. hu

Ġustifikazzjoni

Qatt ma nistgħu nkunu stretti biżżejjed fir-rigward tal-protezzjoni tat-tfal, u għalhekk kwalunkwe reat sesswali kriminali mwettaq kontra t-tfal għandu jkun soġġett għall-aktar pieni severi.

Emenda 112
Francisco Assis

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Il-vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal spiss ma jkunux jistgħu jirrapportaw ir-reat għal diversi għexieren ta' snin wara li jkun twettaq minħabba l-mistħija, il-ħtija u l-awtoħtija, li jistgħu jkunu relatati, fost l-oħrajn, mal-istigma soċjali u kulturali li għad hemm rigward l-abbuż sesswali, is-segretezza li fiha jseħħ l-abbuż, l-imġiba ta' theddid jew l-għoti ta' ħtija mill-awtur tar-reat, u/jew it-trawma. L-awturi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, għall-kuntrarju ta' awturi ta' reati vjolenti oħra, għandhom it-tendenza li jibqgħu attivi sal-età avvanzata, u jkomplu jkunu ta' theddida għat-tfal. Fid-dawl ta' dan, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, kif ukoll assistenza u appoġġ xierqa għall-vittmi, jistgħu jiġu pprovduti biss jekk l-istatuti tal-limitazzjonijiet jippermettu lill-vittmi jirrapportaw ir-reat għal perjodu ta' żmien ***estiż*** b'mod sinifikanti.	31) Il-vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal spiss ma jkunux jistgħu jirrapportaw ir-reat għal diversi għexieren ta' snin wara li jkun twettaq minħabba l-mistħija, il-ħtija u l-awtoħtija, li jistgħu jkunu relatati, fost l-oħrajn, mal-istigma soċjali u kulturali li għad hemm rigward l-abbuż sesswali, is-segretezza li fiha jseħħ l-abbuż, l-imġiba ta' theddid jew l-għoti ta' ħtija mill-awtur tar-reat, u/jew it-trawma. L-awturi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, għall-kuntrarju ta' awturi ta' reati vjolenti oħra, għandhom it-tendenza li jibqgħu attivi sal-età avvanzata, u jkomplu jkunu ta' theddida għat-tfal. Fid-dawl ta' dan, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, kif ukoll assistenza u appoġġ xierqa għall-vittmi, jistgħu jiġu pprovduti biss jekk l-istatuti tal-limitazzjonijiet jippermettu lill-vittmi jirrapportaw ir-reat għal perjodu ta' żmien ***imtawwal*** b'mod sinifikanti.

Or. pt

Emenda 113

Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Premessa 31a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(31a) Mill-inqas żewġ terzi tal-vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal huma bniet; Ir-reati ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal kontra l-bniet huma forom ta' vjolenza kontra n-nisa skont l-Artikolu 2a tad-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, li għandha tkun applikabbli. Konsegwentement, meta tiġi implimentata d-Direttiva inkwistjoni, għandu jiġi applikat approċċ sensittiv għall-ġeneru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sors: National Center for Missing & Exploited Children (Ċentru Nazzjonali għat-Tfal li Għebu u t-Tfal Sfruttati) https://search.app/cn3ep8LfJG2JKCvw9

Emenda 114
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera

Proposta għal direttiva
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Jenħtieġ li jkunu disponibbli għodod effettivi ta' investigazzjoni għal dawk responsabbli mill-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati msemmija f'din id-Direttiva. Dawk l-għodod jistgħu jinkludu l-interċezzjoni ta' komunikazzjonijiet, sorveljanza sigrieta inkluża sorveljanza elettronika, il-monitoraġġ ta' kontijiet tal-bank jew investigazzjonijiet finanzjarji oħra, b'kont meħud, fost l-oħrajn, tal-	(32) Jenħtieġ li jkunu disponibbli għodod effettivi ta' investigazzjoni għal dawk responsabbli mill-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati msemmija f'din id-Direttiva. Dawk l-għodod jistgħu jinkludu l-interċezzjoni ta' komunikazzjonijiet, sorveljanza sigrieta inkluża sorveljanza elettronika, il-monitoraġġ ta' kontijiet tal-bank jew investigazzjonijiet finanzjarji oħra, b'kont meħud, fost l-oħrajn, tal-

prinċipju ta' proporzjonalità u tan-natura u s-serjetà tar-reati investigati. ***F' konformità*** mal-liġi nazzjonali, jenħtieġ li tali għodod jinkludu wkoll il-possibbiltà għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jużaw identità mistura fuq l-Internet u biex ixerrdu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, taħt superviżjoni ġudizzjarja. Ir-rekwiżit li l-Istati Membri jippermettu l-użu ta' dawn it-tekniki investigattivi huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal. Peress li dawn huma, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, iffaċilitati jew abilitati minn għodod online u għalhekk huma intrinsikament transfruntiera, l-operazzjonijiet taħt kopertura u l-użu tal-hekk imsejħa "honeypots" urew li huma għodod investigattivi partikolarment effettivi fir-rigward ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal u ta' sfruttament sesswali tat-tfal. Sabiex jiġu żgurati investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ukoll permezz tal-Europol u l-Eurojust u flimkien magħhom, fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tagħhom u f'konformità mal-qafas legali applikabbli. Dawn l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jaqsmu wkoll informazzjoni bejniethom u mal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet li nqalgħu fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet.

prinċipju ta' proporzjonalità u tan-natura u s-serjetà tar-reati investigati. ***F'konformità*** mal-liġi nazzjonali, jenħtieġ li tali għodod jinkludu wkoll il-possibbiltà għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jużaw identità mistura fuq l-Internet u biex ixerrdu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, taħt superviżjoni ġudizzjarja. Ir-rekwiżit li l-Istati Membri jippermettu l-użu ta' dawn it-tekniki investigattivi huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal. Peress li dawn huma, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, iffaċilitati jew abilitati minn għodod online u għalhekk huma intrinsikament transfruntiera, l-operazzjonijiet taħt kopertura u l-użu tal-hekk imsejħa "honeypots" urew li huma għodod investigattivi partikolarment effettivi fir-rigward ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal u ta' sfruttament sesswali tat-tfal***. Madankollu, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-awtoritajiet responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawn ir-reati, f'dan il-kuntest, ma jinvolvux ruħhom huma stess f'azzjonijiet li huma reati, bħall-inċitament, l-assistenza jew l-għoti ta' istruzzjonijiet li jispjegaw kif isir kuntatt mat-tfal, jew imġiba li tista' tbiddel l-aspetti materjali u intenzjonali tar-reat, u b'hekk tissogra li tipperikola l-eżitu tal-prosekuzzjonijiet***. Sabiex jiġu żgurati investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ukoll permezz tal-Europol u l-Eurojust u flimkien magħhom, fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tagħhom u f'konformità mal-qafas legali applikabbli. Dawn l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jaqsmu wkoll informazzjoni bejniethom u mal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet li nqalgħu fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

It-tekniki ta' infiltrazzjoni u ta' "honeypots" huma għodda li jinvolvu lill-pulizija u lill-ġudikatura qabel it-twettiq ta' reat jew tentattiv ta' twettiq ta' reat, u b'hekk jista' jkun ta' detriment għall-immaġni ta' dawk l-awtoritajiet. Minħabba li dawn is-sitwazzjonijiet huma imprevedibbli ħafna, huma jistgħu jwasslu għal konsegwenzi kriminali għall-uffiċjali responsibbli, jew inaqqsu r-responsabbiltà kriminali tat-trasgressuri. Għalhekk huwa importanti li jiġu stabbiliti limiti ċari dwar l-użu ta' dawn l-għodod.

Emenda 115
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal direttiva
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Jenħtieġ li jkunu disponibbli għodod effettivi ta' investigazzjoni għal dawk responsabbli mill-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati msemmija f'din id-Direttiva. Dawk l-għodod jistgħu jinkludu l-interċezzjoni ta' komunikazzjonijiet, sorveljanza sigrieta inkluża sorveljanza elettronika, il-monitoraġġ ta' kontijiet tal-bank jew investigazzjonijiet finanzjarji oħra, b'kont meħud, fost l-oħrajn, tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tan-natura u s-serjetà tar-reati investigati. ***F' konformità*** mal-liġi nazzjonali, jenħtieġ li tali għodod jinkludu wkoll il-possibbiltà għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jużaw identità mistura fuq l-Internet ***u biex ixerrdu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, taħt superviżjoni ġudizzjarja***. Ir-rekwiżit li l-Istati Membri jippermettu l-użu ta' dawn it-tekniki investigattivi huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal. Peress li dawn huma, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, iffaċilitati jew abilitati minn għodod online u għalhekk huma intrinsikament transfruntiera, l-operazzjonijiet taħt kopertura u l-użu tal-hekk imsejħa "honeypots" urew li huma għodod investigattivi partikolarment effettivi fir-	(32) Jenħtieġ li jkunu disponibbli għodod effettivi ta' investigazzjoni għal dawk responsabbli mill-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati msemmija f'din id-Direttiva. Dawk l-għodod jistgħu jinkludu l-interċezzjoni ta' komunikazzjonijiet, sorveljanza sigrieta inkluża sorveljanza elettronika, il-monitoraġġ ta' kontijiet tal-bank jew investigazzjonijiet finanzjarji oħra, b'kont meħud, fost l-oħrajn, tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tan-natura u s-serjetà tar-reati investigati. ***F'konformità*** mal-liġi nazzjonali, jenħtieġ li tali għodod jinkludu wkoll il-possibbiltà għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jużaw identità mistura fuq l-Internet. Ir-rekwiżit li l-Istati Membri jippermettu l-użu ta' dawn it-tekniki investigattivi huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal. Peress li dawn huma, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, iffaċilitati jew abilitati minn għodod online u għalhekk huma intrinsikament transfruntiera, l-operazzjonijiet taħt kopertura u l-użu tal-hekk imsejħa "honeypots" urew li huma għodod investigattivi partikolarment effettivi fir-rigward ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal u ta' sfruttament sesswali tat-tfal***. L-investigazzjonijiet***

rigward ta’ reati ta’ abbuż sesswali tat-tfal u ta’ sfruttament sesswali tat-tfal. Sabiex jiġu żgurati investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ukoll permezz tal-Europol u l-Eurojust u flimkien magħhom, fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tagħhom u f’konformità mal-qafas legali applikabbli. Dawn l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jaqsmu wkoll informazzjoni bejniethom u mal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet li nqalgħu fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet.	***transfruntiera jeħtiġilhom jirrispettaw il-prinċipju tat-territorjalità u jitwettqu skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri fejn issir l-investigazzjoni. B’mod speċifiku, l-investigazzjonijiet transfruntiera jeħtiġilhom li ma jdgħajfux il-garanziji domestiċi tad-drittijiet tal-bniedem***. Sabiex jiġu żgurati investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ukoll permezz tal-Europol u l-Eurojust u flimkien magħhom, fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tagħhom u f’konformità mal-qafas legali applikabbli. Dawn l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jaqsmu wkoll informazzjoni bejniethom u mal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet li nqalgħu fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi m’għandux ikollhom il-possibbiltà li jiddistribwixxu materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal. L-investigazzjonijiet transfruntiera jeħtiġilhom jirrispettaw il-prinċipju tat-territorjalità u jitwettqu skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri fejn issir l-investigazzjoni. B’mod speċifiku, l-investigazzjonijiet transfruntiera jeħtiġilhom li ma jdgħajfux il-garanziji domestiċi tad-drittijiet tal-bniedem.

Emenda 116
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Jenħtieġ li jkunu disponibbli għodod effettivi ta’ investigazzjoni għal dawk responsabbli mill-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati msemmija f’din id-Direttiva. Dawk l-għodod jistgħu jinkludu l-interċezzjoni ta’ komunikazzjonijiet, sorveljanza sigrieta inkluża sorveljanza elettronika, il-monitoraġġ ta’ kontijiet tal-bank jew investigazzjonijiet finanzjarji oħra, b’kont meħud, fost l-oħrajn, tal-	(32) Jenħtieġ li jkunu disponibbli għodod effettivi ta’ investigazzjoni għal dawk responsabbli mill-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati msemmija f’din id-Direttiva. Dawk l-għodod jistgħu jinkludu l-interċezzjoni ta’ komunikazzjonijiet, sorveljanza sigrieta inkluża sorveljanza elettronika, il-monitoraġġ ta’ kontijiet tal-bank jew investigazzjonijiet finanzjarji oħra, b’kont meħud, fost l-oħrajn, tal-

prinċipju ta’ proporzjonalità u tan-natura u s-serjetà tar-reati investigati. F’ konformità mal-liġi nazzjonali, jenħtieġ li tali għodod jinkludu wkoll il-possibbiltà għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jużaw identità mistura fuq l-Internet ***u biex ixerrdu materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal, taħt superviżjoni ġudizzjarja***. Ir-rekwiżit li l-Istati Membri jippermettu l-użu ta’ dawn it-tekniki investigattivi huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta’ reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal. Peress li dawn huma, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, iffaċilitati jew abilitati minn għodod online u għalhekk huma intrinsikament transfruntiera, l-operazzjonijiet taħt kopertura u l-użu tal-hekk imsejħa “honeypots” urew li huma għodod investigattivi partikolarment effettivi fir-rigward ta’ reati ta’ abbuż sesswali tat-tfal u ta’ sfruttament sesswali tat-tfal. Sabiex jiġu żgurati investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ukoll permezz tal-Europol u l-Eurojust u flimkien magħhom, fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tagħhom u f’konformità mal-qafas legali applikabbli. Dawn l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jaqsmu wkoll informazzjoni bejniethom u mal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet li nqalgħu fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet.	prinċipju ta’ proporzjonalità u tan-natura u s-serjetà tar-reati investigati. F’ konformità mal-liġi nazzjonali, jenħtieġ li tali għodod jinkludu wkoll il-possibbiltà għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jużaw identità mistura fuq l-Internet. Ir-rekwiżit li l-Istati Membri jippermettu l-użu ta’ dawn it-tekniki investigattivi huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta’ reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal. Peress li dawn huma, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, iffaċilitati jew abilitati minn għodod online u għalhekk huma intrinsikament transfruntiera, l-operazzjonijiet taħt kopertura u l-użu tal-hekk imsejħa “honeypots” urew li huma għodod investigattivi partikolarment effettivi fir-rigward ta’ reati ta’ abbuż sesswali tat-tfal u ta’ sfruttament sesswali tat-tfal. Sabiex jiġu żgurati investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ukoll permezz tal-Europol u l-Eurojust u flimkien magħhom, fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tagħhom u f’konformità mal-qafas legali applikabbli. Dawn l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jaqsmu wkoll informazzjoni bejniethom u mal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet li nqalgħu fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li dan jista’ jkun previst mil-liġi nazzjonali, aħna nevitaw li nagħmluh possibbiltà fil-livell tal-UE.

Emenda 117
Francisco Assis

Proposta għal direttiva
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
*(*32) Jenħtieġ li jkunu disponibbli għodod effettivi ta' investigazzjoni għal dawk responsabbli mill-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati msemmija f'din id-Direttiva. Dawk l-għodod jistgħu jinkludu l-interċezzjoni ta' komunikazzjonijiet, sorveljanza sigrieta inkluża sorveljanza elettronika, il-monitoraġġ ta' kontijiet tal-bank jew investigazzjonijiet finanzjarji oħra, b'kont meħud, fost l-oħrajn, tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tan-natura u s-serjetà tar-reati investigati. ***F' konformità*** mal-liġi nazzjonali, jenħtieġ li tali għodod jinkludu wkoll il-possibbiltà għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jużaw identità mistura fuq l-Internet u biex ixerrdu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, taħt superviżjoni ġudizzjarja. Ir-rekwiżit li l-Istati Membri jippermettu l-użu ta' dawn it-tekniki investigattivi huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal. Peress li dawn huma, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, iffaċilitati jew abilitati minn għodod online u għalhekk huma intrinsikament transfruntiera, l-operazzjonijiet taħt kopertura u l-użu tal-hekk imsejħa "honeypots" urew li huma għodod investigattivi partikolarment effettivi fir-rigward ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal u ta' sfruttament sesswali tat-tfal. Sabiex jiġu żgurati investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ukoll ***permezz tal-Europol u l-Eurojust u flimkien magħhom***, fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tagħhom u f'konformità mal-qafas legali applikabbli. Dawn l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jaqsmu wkoll informazzjoni bejniethom u mal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet li nqalgħu fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet.	32) Jenħtieġ li jkunu disponibbli għodod effettivi ta' investigazzjoni għal dawk responsabbli mill-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati msemmija f'din id-Direttiva. Dawk l-għodod jistgħu jinkludu l-interċezzjoni ta' komunikazzjonijiet, sorveljanza sigrieta inkluża sorveljanza elettronika, il-monitoraġġ ta' kontijiet tal-bank jew investigazzjonijiet finanzjarji oħra, b'kont meħud, fost l-oħrajn, tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tan-natura u s-serjetà tar-reati investigati. ***F'konformità*** mal-liġi nazzjonali, jenħtieġ li tali għodod jinkludu wkoll il-possibbiltà għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jużaw identità mistura fuq l-Internet u biex ixerrdu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, taħt superviżjoni ġudizzjarja. Ir-rekwiżit li l-Istati Membri jippermettu l-użu ta' dawn it-tekniki investigattivi huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal. Peress li dawn huma, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, iffaċilitati jew abilitati minn għodod online u għalhekk huma intrinsikament transfruntiera, l-operazzjonijiet taħt kopertura u l-użu tal-hekk imsejħa "honeypots" urew li huma għodod investigattivi partikolarment effettivi fir-rigward ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal u ta' sfruttament sesswali tat-tfal. Sabiex jiġu żgurati investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ukoll ***bejniethom, mal-Europol u mal-Eurojust***, fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tagħhom u f'konformità mal-qafas legali applikabbli. Dawn l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jaqsmu wkoll informazzjoni bejniethom u mal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet li nqalgħu fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet.

Or. pt

Emenda 118
Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li l-Istati Membri jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li għandha għarfien jew suspett ta' abbuż sesswali jew ta' sfruttament sesswali ta' tfal biex tirrapporta lis-servizzi kompetenti. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli informazzjoni lit-tfal dwar il-possibbiltà li jirrapportaw l-abbuż, inkluż dwar il-helplines. Hija r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru li jiddetermina l-awtoritajiet kompetenti fejn jistgħu jiġu rapportati tali suspetti. Dawk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jkunux limitati għal servizzi ta' protezzjoni tat-tfal jew servizzi soċjali relevanti. Ir-rekwiżit ta' suspett "in bona fede" jenħtieġ li jkollu l-għan li jimpedixxi l-invokazzjoni tad-dispożizzjoni biex tiġi awtorizzata d-denunzja ta' fatti purament imaġinarji jew mhux veri mwettqa b'intenzjoni malizzjuża.	(34) Jenħtieġ li l-Istati Membri jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li għandha għarfien jew suspett ta' abbuż sesswali jew ta' sfruttament sesswali ta' tfal biex tirrapporta lis-servizzi kompetenti. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli informazzjoni lit-tfal dwar il-possibbiltà li jirrapportaw l-abbuż, inkluż dwar il-helplines ***u permezz tal-pjattaformi ta' komunikazzjoni li ż-żgħażagħ jużaw l-aktar ta' sikwit***. Hija r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru li jiddetermina l-awtoritajiet kompetenti fejn jistgħu jiġu rapportati tali suspetti. Dawk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jkunux limitati għal servizzi ta' protezzjoni tat-tfal jew servizzi soċjali relevanti. Ir-rekwiżit ta' suspett "in bona fede" jenħtieġ li jkollu l-għan li jimpedixxi l-invokazzjoni tad-dispożizzjoni biex tiġi awtorizzata d-denunzja ta' fatti purament imaġinarji jew mhux veri mwettqa b'intenzjoni malizzjuża.

Or. fr

Emenda 119
Paolo Inselvini

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li l-Istati Membri jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li għandha għarfien jew suspett ta' abbuż	(34) Jenħtieġ li l-Istati Membri jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li għandha għarfien jew suspett ta' abbuż

sesswali jew ta’ sfruttament sesswali ta’ tfal biex tirrapporta lis-servizzi kompetenti. B’mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli informazzjoni lit-tfal dwar il-possibbiltà li jirrapportaw l-abbuż, inkluż dwar il-helplines. Hija r-responsabbiltà ta’ kull Stat Membru li jiddetermina l-awtoritajiet kompetenti fejn jistgħu jiġu rapportati tali suspetti. Dawk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jkunux limitati għal servizzi ta’ protezzjoni tat-tfal jew servizzi soċjali relevanti. Ir-rekwiżit ta’ suspett “in bona fede” jenħtieġ li jkollu l-għan li jimpedixxi l-invokazzjoni tad-dispożizzjoni biex tiġi awtorizzata d-denunzja ta’ fatti purament imaġinarji jew mhux veri mwettqa b’intenzjoni malizzjuża.	sesswali jew ta’ sfruttament sesswali ta’ tfal biex tirrapporta lis-servizzi kompetenti. B’mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli informazzjoni lit-tfal ***u lill-familji tagħhom*** dwar il-possibbiltà li jirrapportaw l-abbuż, inkluż dwar il-helplines. Hija r-responsabbiltà ta’ kull Stat Membru li jiddetermina l-awtoritajiet kompetenti fejn jistgħu jiġu rapportati tali suspetti. Dawk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jkunux limitati għal servizzi ta’ protezzjoni tat-tfal jew servizzi soċjali relevanti. Ir-rekwiżit ta’ suspett “in bona fede” jenħtieġ li jkollu l-għan li jimpedixxi l-invokazzjoni tad-dispożizzjoni biex tiġi awtorizzata d-denunzja ta’ fatti purament imaġinarji jew mhux veri mwettqa b’intenzjoni malizzjuża.
	Or. it

Emenda 120
Francisco Assis

Proposta għal direttiva
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Jenħtieġ li r-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni jiġu emendati sabiex ikun żgurat li dawk fl-Unjoni li jabbużaw sesswalment minn jew jisfruttaw sesswalment it-tfal, ***jiffaċċjaw il-prosekuzzjoni*** anke jekk ***ir-reati*** tagħhom ***isiru*** barra mill-Unjoni, permezz tal-hekk imsejjaħ turiżmu tas-sess. L-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu jenħtieġ li jinftiehem bħala sfruttament sesswali tat-tfal minn persuna jew persuni li jivvjaġġaw mill-ambjent tas-soltu tagħhom lejn destinazzjoni barra minn pajjiżhom fejn ikollhom kuntatt sesswali mat-tfal. Fejn l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu jseħħ barra mill-Unjoni, l-Istati Membri huma mħeġġin ifittxu jżidu, permezz tal-	35) Jenħtieġ li r-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni jiġu emendati sabiex ikun żgurat li dawk fl-Unjoni li jabbużaw sesswalment minn jew jisfruttaw sesswalment it-tfal, ***jinżammu responsabbli quddiem il-qrati*** anke jekk ***iwettqu r-reati*** tagħhom barra mill-Unjoni, permezz tal-hekk imsejjaħ turiżmu tas-sess. L-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu jenħtieġ li jinftiehem bħala sfruttament sesswali tat-tfal minn persuna jew persuni li jivvjaġġaw mill-ambjent tas-soltu tagħhom lejn destinazzjoni barra minn pajjiżhom fejn ikollhom kuntatt sesswali mat-tfal. Fejn l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu jseħħ barra mill-Unjoni, l-Istati Membri huma mħeġġin ifittxu jżidu, permezz tal-

istrumenti nazzjonali u internazzjonali disponibbli, inklużi t-trattati bilaterali jew multilaterali dwar l-estradizzjoni, l-assistenza reċiproka jew it-trasferiment tal-proċedimenti, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, bil-għan li jikkumbattu t-turiżmu ***sesswali*** . Jenħtieġ li l-Istati Membri jrawmu d-djalogu miftuħ u l-komunikazzjoni mal-pajjiżi barra mill-Unjoni biex, taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti, dawn ikunu jistgħu jħarrku lill-awturi li jivvjaġġaw barra mill-fruntieri tal-Unjoni għall-iskopijiet tal-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu .	istrumenti nazzjonali u internazzjonali disponibbli, inklużi t-trattati bilaterali jew multilaterali dwar l-estradizzjoni, l-assistenza reċiproka jew it-trasferiment tal-proċedimenti, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, bil-għan li jikkumbattu t-turiżmu ***sesswali***. Jenħtieġ li l-Istati Membri jrawmu d-djalogu miftuħ u l-komunikazzjoni mal-pajjiżi barra mill-Unjoni biex, taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti, dawn ikunu jistgħu jħarrku lill-awturi li jivvjaġġaw barra mill-fruntieri tal-Unjoni għall-iskopijiet tal-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu.
	Or. pt

Emenda 121
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) L-Istati Membri jenħtieġ li jiggarantixxu kura komprensiva għat-tfal bħala dritt suġġettiv, filwaqt li jiżguraw li l-programmi ta' riparazzjoni għall-vittmi u s-superstiti huma effettivi u aċċessibbli. F'dan ir-rigward, u filwaqt li jirrikonoxxu l-mudell Barnahus bħala referenza pożittiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jimpenjaw ruħhom għas-sostenibbiltà finanzjarja tiegħu biex jiggarantixxu l-universalità u n-nondiskriminazzjoni fl-aċċess tat-tfal għad-drittijiet tagħhom. Dan ifisser li l-kura, l-appoġġ, il-protezzjoni, u r-riparazzjonijiet ipprovduti lit-tfal jeħtiġilhom jiġu integrati u jirrispettaw l-istatus tagħhom bħala detenturi sħaħ ta' drittijiet. Huwa biss permezz ta' tali approċċi li tista' tiġi żgurata protezzjoni reali u dejjiema tad-drittijiet tagħhom, filwaqt li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tagħhom fi ħdan qafas ta' ġustizzja li huwa adattat u

sensittiv għall-iżvilupp ġenerali tagħhom.

Or. en

Emenda 122
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Jenħtieġ li jiġu adottati miżuri li jipproteġu t-tfal vittmi b'mod komprensiv fl-aħjar interess tagħhom, b'kont meħud ta' stima tal-ħtiġijiet tagħhom. Il-protezzjoni effettiva tat-tfal teħtieġ approċċ tas-soċjetà kollha kemm hi. Bit-tfal fiċ-ċentru, l-awtoritajiet u s-servizzi rilevanti kollha jenħtieġ li jaħdmu flimkien biex jipproteġu u jappoġġaw lill-minorenni, fl-aħjar interessi tagħhom. Il-mudell "Barnahus" li jipprovdi ambjent adattat għat-tfal b'persunal ta' speċjalisti mid-dixxiplini rilevanti kollha bħalissa huwa l-aktar eżempju avvanzat ta' approċċ għall-ġustizzja mfassal apposta għat-tfal u biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni. Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva huma mibnija fuq il-prinċipji ta' dak il-mudell. Dak il-mudell għandu l-għan li jiżgura li t-tfal kollha involuti fl-investigazzjonijiet dwar l-abbuż tat-tfal jew l-isfruttament sesswali tat-tfal jibbenefikaw minn valutazzjoni ta' kwalità għolja f'ambjenti adatti għat-tfal, appoġġ psikosoċjali xieraq u servizzi protettivi għat-tfal. Din id-Direttiva ***tipprova tiżgura*** li l-Istati Membri kollha jirrispettaw dawn il-prinċipji, għalkemm ma teħtieġx li l-Istati Membri jsegwu l-mudell Barnahus bħala tali. Meta l-eżamijiet mediċi tat-tfal ikunu meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjonijiet kriminali, pereżempju biex tinġabar evidenza ta' abbuż, dawn jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk strettament meħtieġa sabiex tiġi limitata r-	(36) Jenħtieġ li jiġu adottati miżuri li jipproteġu t-tfal vittmi b'mod komprensiv fl-aħjar interess tagħhom, b'kont meħud ta' stima tal-ħtiġijiet tagħhom. Il-protezzjoni effettiva tat-tfal teħtieġ approċċ tas-soċjetà kollha kemm hi. Bit-tfal fiċ-ċentru, l-awtoritajiet u s-servizzi rilevanti kollha jenħtieġ li jaħdmu flimkien biex jipproteġu u jappoġġaw lill-minorenni, fl-aħjar interessi tagħhom. Il-mudell "Barnahus" li jipprovdi ambjent adattat għat-tfal b'persunal ta' speċjalisti mid-dixxiplini rilevanti kollha bħalissa huwa l-aktar eżempju avvanzat ta' approċċ għall-ġustizzja mfassal apposta għat-tfal u biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni. Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva huma mibnija fuq il-prinċipji ta' dak il-mudell. Dak il-mudell għandu l-għan li jiżgura li t-tfal kollha involuti fl-investigazzjonijiet dwar l-abbuż tat-tfal jew l-isfruttament sesswali tat-tfal jibbenefikaw minn valutazzjoni ta' kwalità għolja f'ambjenti adatti għat-tfal, appoġġ psikosoċjali xieraq u servizzi protettivi għat-tfal. Din id-Direttiva ***tirrikjedi*** li l-Istati Membri kollha jirrispettaw dawn il-prinċipji ***u jistabbilixxu strutturi interaġenzija, multidixxiplinarji u xierqa għall-età biex jipprovdu kura u appoġġ legali lill-vittmi taħt saqaf wieħed***, għalkemm ma teħtieġx li l-Istati Membri jsegwu l-mudell Barnahus bħala tali. Meta l-eżamijiet mediċi tat-tfal ikunu meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjonijiet

retrawmatizzazzjoni. Jenħtieġ li dan l-obbligu ma jipprevjenix eżamijiet mediċi oħra meħtieġa għall-benesseri tat-tfal. It-tfal ***vittmi*** jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għal ġustizzja adattata għat-tfal**,** rimedji legali u miżuri biex jindirizzaw il-kunflitti ta' interess fejn l-abbuż sesswali jew l-isfruttament sesswali ***ta' tifel jew tifla jsir*** fil-familja. Meta jkollu jinħatar rappreżentant speċjali għat-tfal waqt investigazzjoni jew proċediment kriminali, dan ir-rwol jista' wkoll jitwettaq minn persuna ġuridika, istituzzjoni jew awtorità. Barra minn dan, jenħtieġ li t-tfal vittmi jkunu protetti minn pieni, pereżempju taħt leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-prostituzzjoni, jekk iġibu l-każ tagħhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Barra dan, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' tfal vittmi fi proċedimenti kriminali , sa fejn ikun possibbli, ma tikkawżax iktar trawma bħala riżultat ta' intervisti jew kuntatt viżwali mat-trasgressuri. ***L-awtoritajiet*** kollha ***involuti fil-proċedimenti*** jenħtieġ li jitħarrġu f'ġustizzja mfassla apposta għat-tfal. Li jkun hemm fehim tajjeb tat-tfal u ta' kif iġibu ruħhom meta jiltaqgħu ma' esperjenzi trawmatiċi se jiżgura kwalità għolja ta' teħid ta' evidenza u jnaqqas l-istress fuq it-tfal meta jkunu qed jitwettqu l-miżuri meħtieġa **.** ***Meta vittmi tfal*** jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, jenħtieġ li l-qorti tqis bis-sħiħ l-età u l-maturità tagħhom fit-twettiq tal-proċedimenti u jenħtieġ li tiżgura li l-proċedimenti jkunu aċċessibbli u jinftiehmu mit-tfal.

kriminali, pereżempju biex tingħabar evidenza ta' abbuż, dawn jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk strettament meħtieġa sabiex tiġi limitata r-retrawmatizzazzjoni. Jenħtieġ li dan l-obbligu ma jipprevjenix eżamijiet mediċi oħra meħtieġa għall-benesseri tat-tfal. It-tfal ***kollha li, għal kwalunkwe raġuni u fi kwalunkwe kapaċità, aktarx jiġu f'kuntatt mas-sistemi tal-ġustizzja kriminali, ċivili jew amministrattiva*** jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għal ***ġustizzja adattata għat-tfal.*** Ġustizzja adattata għat-tfal ***tirreferi għal sistemi ġudizzjarji li jiggarantixxu r-rispett u l-implimentazzjoni effettiva tad-drittijiet kollha tat-tfal fl-ogħla livell li jista' jintlaħaq u li jqisu kif xieraq il-livell ta' maturità u komprensjoni tat-tfal u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Huwa ta' importanza partikolari li l-ġustizzja tkun aċċessibbli, adatta għall-età, rapida, diliġenti, adattata għall-ħtiġijiet u d-drittijiet tat-tfal u ffukata fuqhom, filwaqt li tirrispetta d-drittijiet tat-tfal inklużi d-drittijiet għal proċess ġust, li jipparteċipaw fil-proċedimenti u li jifhmuhom, id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja u għall-integrità u d-dinjità. It-tfal vittmi jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għal*** rimedji legali u miżuri biex jindirizzaw il-kunflitti ta' interess fejn l-abbuż sesswali jew l-isfruttament sesswali ***tat-tfal iseħħ*** fil-familja. Meta jkollu jinħatar rappreżentant speċjali għat-tfal waqt investigazzjoni jew proċediment kriminali, dan ir-rwol jista' wkoll jitwettaq minn persuna ġuridika, istituzzjoni jew awtorità. Barra minn dan, jenħtieġ li t-tfal vittmi jkunu protetti minn pieni, pereżempju taħt leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-prostituzzjoni, jekk iġibu l-każ tagħhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Barra dan, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' tfal vittmi fi proċedimenti kriminali, sa fejn ikun possibbli, ma tikkawżax iktar trawma bħala riżultat ta' intervisti jew kuntatt viżwali mat-trasgressuri. ***Il-professjonisti*** kollha ***li jiġu f'kuntatt mat-tfal fis-sistema ġudizzjarja*** jenħtieġ li jitħarrġu f'ġustizzja mfassla apposta għat-tfal. Li jkun hemm

fehim tajjeb tat-tfal u ta' kif iġibu ruħhom meta jiltaqgħu ma' esperjenzi trawmatiċi se jiżgura kwalità għolja ta' teħid ta' evidenza u jnaqqas l-istress fuq it-tfal meta jkunu qed jitwettqu l-miżuri meħtieġa***. Meta t-tfal*** jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, jenħtieġ li l-qorti tqis bis-sħiħ l-età u l-maturità tagħhom fit-twettiq tal-proċedimenti u jenħtieġ li tiżgura li l-proċedimenti jkunu aċċessibbli u jinftiehmu mit-tfal. ***Il-Qorti jenħtieġ li tipprijoritizza d-dritt tat-tfal li jipparteċipaw b'mod sinifikattiv, filwaqt li tiżgura li l-fehmiet tagħhom jinstemgħu u jiġu rispettati matul il-proċess kollu.***

Or. en

Emenda 123
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Jenħtieġ li jiġu adottati miżuri li jipproteġu t-tfal vittmi b'mod komprensiv fl-aħjar interess tagħhom, b'kont meħud ta' stima tal-ħtiġijiet tagħhom. Il-protezzjoni effettiva tat-tfal teħtieġ approċċ tas-soċjetà kollha kemm hi. Bit-tfal fiċ-ċentru, l-awtoritajiet u s-servizzi rilevanti kollha jenħtieġ li jaħdmu flimkien biex jipproteġu u jappoġġaw ***lill-minorenni***, fl-aħjar interessi tagħhom. Il-mudell "Barnahus" li jipprovdi ambjent adattat għat-tfal b'persunal ta' speċjalisti mid-dixxiplini rilevanti kollha bħalissa huwa l-aktar eżempju avvanzat ta' approċċ għall-ġustizzja mfassal apposta għat-tfal u biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni. Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva huma mibnija fuq il-prinċipji ta' dak il-mudell. Dak il-mudell għandu l-għan li jiżgura li t-tfal kollha involuti fl-investigazzjonijiet dwar l-abbuż tat-tfal jew l-isfruttament sesswali tat-tfal jibbenefikaw	(36) Jenħtieġ li jiġu adottati miżuri li jipproteġu t-tfal vittmi b'mod komprensiv fl-aħjar interess tagħhom, b'kont meħud ta' stima tal-ħtiġijiet tagħhom. Il-protezzjoni effettiva tat-tfal teħtieġ approċċ tas-soċjetà kollha kemm hi. Bit-tfal fiċ-ċentru, l-awtoritajiet u s-servizzi rilevanti kollha jenħtieġ li jaħdmu flimkien biex jipproteġu u jappoġġaw ***lit-tfal***, fl-aħjar interessi tagħhom. ***L-aħjar interess tat-tfal jenħtieġ li jiġi interpretat bl-iżgurar tal-protezzjoni tat-tfal u s-salvagwardja tagħhom minn ħsara ulterjuri, filwaqt li jiġu pprovduti appoġġ adattat u mfassal apposta u protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal matul il-proċess ġudizzjarju kollu u lil hinn minnu, inkluż il-kuntatti mas-servizzi soċjali, tal-kura tas-saħħa, edukattivi u psikoloġiċi.*** Il-mudell "Barnahus" li jipprovdi ambjent adattat għat-tfal b'persunal ta' speċjalisti mid-dixxiplini rilevanti kollha bħalissa huwa l-aktar

minn valutazzjoni ta' kwalità għolja f'ambjenti adatti għat-tfal, appoġġ psikosoċjali xieraq u servizzi protettivi għat-tfal. Din id-Direttiva tipprova tiżgura li l-Istati Membri kollha jirrispettaw dawn il-prinċipji, għalkemm ma teħtieġx li l-Istati Membri ***jsegwu l-mudell*** Barnahus ***bħala tali***. Meta l-eżamijiet mediċi tat-tfal ikunu meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjonijiet kriminali, pereżempju biex tinġabar evidenza ta' abbuż, dawn jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk strettament meħtieġa sabiex tiġi limitata r-retrawmatizzazzjoni. Jenħtieġ li dan l-obbligu ma jipprevjenix eżamijiet mediċi oħra meħtieġa għall-benesseri tat-tfal. It-tfal vittmi jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għal ġustizzja adattata għat-tfal, rimedji legali u miżuri biex jindirizzaw il-kunflitti ta' interess fejn l-abbuż sesswali jew l-isfruttament sesswali ***ta' tifel jew tifla jsir*** fil-familja. Meta jkollu jinħatar rappreżentant speċjali għat-tfal waqt investigazzjoni jew proċediment kriminali, dan ir-rwol jista' wkoll jitwettaq minn persuna ġuridika, istituzzjoni jew awtorità. Barra minn dan, jenħtieġ li t-tfal vittmi jkunu protetti minn pieni, pereżempju taħt leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-prostituzzjoni, jekk iġibu l-każ tagħhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Barra dan, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' tfal vittmi fi proċedimenti kriminali , sa fejn ikun possibbli, ma tikkawżax iktar trawma bħala riżultat ta' intervisti jew kuntatt viżwali mat-trasgressuri. L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti jenħtieġ li jitħarrġu f'ġustizzja mfassla apposta għat-tfal. Li jkun hemm fehim tajjeb tat-tfal u ta' kif iġibu ruħhom meta jiltaqgħu ma' esperjenzi trawmatiċi se jiżgura kwalità għolja ta' teħid ta' evidenza u jnaqqas l-istress fuq it-tfal meta jkunu qed jitwettqu l-miżuri meħtieġa . Meta vittmi tfal jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, jenħtieġ li l-qorti tqis bis-sħiħ l-età u l-maturità tagħhom fit-twettiq tal-proċedimenti u jenħtieġ li tiżgura li l-proċedimenti jkunu aċċessibbli u eżempju avvanzat ta' approċċ għall-ġustizzja mfassal apposta għat-tfal u biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni. Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva huma mibnija fuq il-prinċipji ta' dak il-mudell. Dak il-mudell għandu l-għan li jiżgura li t-tfal kollha involuti fl-investigazzjonijiet dwar l-abbuż tat-tfal jew l-isfruttament sesswali tat-tfal jibbenefikaw minn valutazzjoni ta' kwalità għolja f'ambjenti adatti għat-tfal, appoġġ psikosoċjali xieraq u ***mfassal apposta u*** servizzi protettivi għat-tfal. Din id-Direttiva tipprova tiżgura li l-Istati Membri kollha jirrispettaw dawn il-prinċipji, għalkemm ma teħtieġx li l-Istati Membri ***jillimitaw ruħhom għall-mudell*** Barnahus ***iżda li jestenduh u jsaħħu l-forniment tas-servizzi soċjali tat-tfal għal istituzzjonijiet oħra***. Meta l-eżamijiet mediċi tat-tfal ikunu meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjonijiet kriminali, pereżempju biex tinġabar evidenza ta' abbuż, dawn jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk strettament meħtieġa sabiex tiġi limitata r-retrawmatizzazzjoni. Jenħtieġ li dan l-obbligu ma jipprevjenix eżamijiet mediċi oħra meħtieġa għall-benesseri tat-tfal. It-tfal vittmi jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għal ġustizzja adattata għat-tfal, rimedji legali u miżuri biex jindirizzaw il-kunflitti ta' interess fejn l-abbuż sesswali jew l-isfruttament sesswali ***tat-tfal iseħħ*** fil-familja. Meta jkollu jinħatar rappreżentant speċjali għat-tfal waqt investigazzjoni jew proċediment kriminali, dan ir-rwol jista' wkoll jitwettaq minn persuna ġuridika, istituzzjoni jew awtorità. Barra minn dan, jenħtieġ li t-tfal vittmi jkunu protetti minn pieni, pereżempju taħt leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-prostituzzjoni, jekk iġibu l-każ tagħhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Barra dan, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' tfal vittmi fi proċedimenti kriminali, sa fejn ikun possibbli, ma tikkawżax iktar trawma bħala riżultat ta' intervisti jew kuntatt viżwali mat-trasgressuri. L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti jenħtieġ li

jinftiehmu mit-tfal.	jitħarrġu f'ġustizzja mfassla apposta għat-tfal. Li jkun hemm fehim tajjeb tat-tfal u ta' kif iġibu ruħhom meta jiltaqgħu ma' esperjenzi trawmatiċi se jiżgura kwalità għolja ta' teħid ta' evidenza u jnaqqas l-istress fuq it-tfal meta jkunu qed jitwettqu l-miżuri meħtieġa . Meta vittmi tfal jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, jenħtieġ li l-qorti tqis bis-sħiħ l-età u l-maturità tagħhom fit-twettiq tal-proċedimenti u jenħtieġ li tiżgura li l-proċedimenti jkunu aċċessibbli u jinftiehmu mit-tfal.
	Or. en

Emenda 124
Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Evin Incir, Antonio López-Istúriz White, Merja Kyllönen, Anna Stürgkh, François-Xavier Bellamy

Proposta għal direttiva
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Jenħtieġ li jiġu adottati miżuri li jipproteġu t-tfal vittmi b'mod komprensiv fl-aħjar interess tagħhom, b'kont meħud ta' stima tal-ħtiġijiet tagħhom. Il-protezzjoni effettiva tat-tfal teħtieġ approċċ tas-soċjetà kollha kemm hi. Bit-tfal fiċ-ċentru, l-awtoritajiet u s-servizzi rilevanti kollha jenħtieġ li jaħdmu flimkien biex jipproteġu u jappoġġaw ***lill-minorenni***, fl-aħjar interessi tagħhom. Il-mudell "Barnahus" li jipprovdi ambjent adattat għat-tfal b'persunal ta' speċjalisti mid-dixxiplini rilevanti kollha bħalissa huwa l-aktar eżempju avvanzat ta' approċċ għall-ġustizzja mfassal apposta għat-tfal u biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni. Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva huma mibnija fuq il-prinċipji ta' dak il-mudell. Dak il-mudell għandu l-għan li jiżgura li t-tfal kollha involuti fl-investigazzjonijiet dwar l-abbuż tat-tfal jew l-isfruttament sesswali tat-tfal jibbenefikaw minn valutazzjoni ta' kwalità għolja	(36) Jenħtieġ li jiġu adottati miżuri li jipproteġu t-tfal vittmi b'mod komprensiv fl-aħjar interess tagħhom, b'kont meħud ta' stima tal-ħtiġijiet tagħhom. Il-protezzjoni effettiva tat-tfal teħtieġ approċċ tas-soċjetà kollha kemm hi. Bit-tfal fiċ-ċentru, l-awtoritajiet u s-servizzi rilevanti kollha jenħtieġ li jaħdmu flimkien biex jipproteġu u jappoġġaw ***lit-tfal***, fl-aħjar interessi tagħhom. Il-mudell "Barnahus" li jipprovdi ambjent adattat għat-tfal b'persunal ta' speċjalisti mid-dixxiplini rilevanti kollha bħalissa huwa l-aktar eżempju avvanzat ta' approċċ għall-ġustizzja mfassal apposta għat-tfal u biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni. Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva huma mibnija fuq il-prinċipji ta' dak il-mudell. Dak il-mudell għandu l-għan li jiżgura li t-tfal kollha involuti fl-investigazzjonijiet dwar l-abbuż tat-tfal jew l-isfruttament sesswali tat-tfal jibbenefikaw minn valutazzjoni ta' kwalità għolja f'ambjenti adatti għat-tfal,

f'ambjenti adatti għat-tfal, appoġġ psikosoċjali xieraq u servizzi protettivi għat-tfal. Din id-Direttiva tipprova tiżgura li l-Istati Membri kollha jirrispettaw dawn il-prinċipji, għalkemm ma teħtieġx li l-Istati Membri jsegwu l-mudell Barnahus bħala tali. Meta l-eżamijiet mediċi tat-tfal ikunu meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjonijiet kriminali, pereżempju biex tinġabar evidenza ta' abbuż, dawn jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk strettament meħtieġa sabiex tiġi limitata r-retrawmatizzazzjoni. Jenħtieġ li dan l-obbligu ma jipprevjenix eżamijiet mediċi oħra meħtieġa għall-benesseri tat-tfal. It-tfal vittmi jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għal ġustizzja adattata għat-tfal, rimedji legali u miżuri biex jindirizzaw il-kunflitti ta' interess fejn l-abbuż sesswali jew l-isfruttament sesswali ***ta' tifel jew tifla jsir*** fil-familja. Meta jkollu jinħatar rappreżentant speċjali għat-tfal waqt investigazzjoni jew proċediment kriminali, dan ir-rwol jista' wkoll jitwettaq minn persuna ġuridika, istituzzjoni jew awtorità. Barra minn dan, jenħtieġ li t-tfal vittmi jkunu protetti minn pieni, pereżempju taħt leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-prostituzzjoni, jekk iġibu l-każ tagħhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Barra dan, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' tfal vittmi fi proċedimenti kriminali , sa fejn ikun possibbli, ma tikkawżax iktar trawma bħala riżultat ta' intervisti jew kuntatt viżwali mat-trasgressuri. L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti jenħtieġ li jitħarrġu f'ġustizzja mfassla apposta għat-tfal. Li jkun hemm fehim tajjeb tat-tfal u ta' kif iġibu ruħhom meta jiltaqgħu ma' esperjenzi trawmatiċi se jiżgura kwalità għolja ta' teħid ta' evidenza u jnaqqas l-istress fuq it-tfal meta jkunu qed jitwettqu l-miżuri meħtieġa . Meta vittmi tfal jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, jenħtieġ li l-qorti tqis bis-sħiħ l-età u l-maturità tagħhom fit-twettiq tal-proċedimenti u jenħtieġ li tiżgura li l-proċedimenti jkunu aċċessibbli u jinftiehmu mit-tfal.

appoġġ psikosoċjali xieraq u servizzi protettivi għat-tfal. Din id-Direttiva tipprova tiżgura li l-Istati Membri kollha jirrispettaw dawn il-prinċipji ***u jkollhom fis-seħħ sistemi ta' protezzjoni tat-tfal li jkun xierqa għall-età tagħhom, multidixxiplinarji u integrati biex jipprovdu kura u appoġġ legali effettivi lill-vittmi tfal***, għalkemm ma teħtieġx li l-Istati Membri jsegwu l-mudell Barnahus bħala tali. Meta l-eżamijiet mediċi tat-tfal ikunu meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjonijiet kriminali, pereżempju biex tinġabar evidenza ta' abbuż, dawn jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk strettament meħtieġa sabiex tiġi limitata r-retrawmatizzazzjoni. Jenħtieġ li dan l-obbligu ma jipprevjenix eżamijiet mediċi oħra meħtieġa għall-benesseri tat-tfal. It-tfal vittmi jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għal ġustizzja adattata għat-tfal, rimedji legali u miżuri biex jindirizzaw il-kunflitti ta' interess fejn l-abbuż sesswali jew l-isfruttament sesswali ***tat-tfal iseħħ*** fil-familja. Meta jkollu jinħatar rappreżentant speċjali għat-tfal waqt investigazzjoni jew proċediment kriminali, dan ir-rwol jista' wkoll jitwettaq minn persuna ġuridika, istituzzjoni jew awtorità. Barra minn dan, jenħtieġ li t-tfal vittmi jkunu protetti minn pieni, pereżempju taħt leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-prostituzzjoni, jekk iġibu l-każ tagħhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Barra dan, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' tfal vittmi fi proċedimenti kriminali, sa fejn ikun possibbli, ma tikkawżax iktar trawma bħala riżultat ta' intervisti jew kuntatt viżwali mat-trasgressuri. L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti jenħtieġ li jitħarrġu f'ġustizzja mfassla apposta għat-tfal. Li jkun hemm fehim tajjeb tat-tfal u ta' kif iġibu ruħhom meta jiltaqgħu ma' esperjenzi trawmatiċi se jiżgura kwalità għolja ta' teħid ta' evidenza u jnaqqas l-istress fuq it-tfal meta jkunu qed jitwettqu l-miżuri meħtieġa. Meta vittmi tfal jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, jenħtieġ li l-qorti tqis bis-sħiħ l-età u l-maturità tagħhom fit-twettiq tal-

proċedimenti u jenħtieġ li tiżgura li l-proċedimenti jkunu aċċessibbli u jinftiehmu mit-tfal. ***Id-dritt tat-tfal li jinstemgħu u li jipparteċipaw b'mod sinifikattiv jenħtieġ li jingħata prijorità, filwaqt li jiġi żgurat li l-fehmiet tagħhom jinstemgħu u jiġu rispettati matul il-proċess kollu.***

Or. en

Emenda 125
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Jenħtieġ li jiġu adottati miżuri li jipproteġu t-tfal vittmi b'mod komprensiv fl-aħjar interess tagħhom, b'kont meħud ta' stima tal-ħtiġijiet tagħhom. Il-protezzjoni effettiva tat-tfal teħtieġ approċċ tas-soċjetà kollha kemm hi. Bit-tfal fiċ-ċentru, l-awtoritajiet u s-servizzi rilevanti kollha jenħtieġ li jaħdmu flimkien biex jipproteġu u jappoġġaw ***lill-minorenni***, fl-aħjar interessi tagħhom. Il-mudell "Barnahus" li jipprovdi ambjent adattat għat-tfal b'persunal ta' speċjalisti mid-dixxiplini rilevanti kollha bħalissa huwa l-aktar eżempju avvanzat ta' approċċ għall-ġustizzja mfassal apposta għat-tfal u biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni. Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva huma mibnija fuq il-prinċipji ta' dak il-mudell. Dak il-mudell għandu l-għan li jiżgura li t-tfal kollha involuti fl-investigazzjonijiet dwar l-abbuż tat-tfal jew l-isfruttament sesswali tat-tfal jibbenefikaw minn valutazzjoni ta' kwalità għolja f'ambjenti adatti għat-tfal, appoġġ psikosoċjali xieraq u servizzi protettivi għat-tfal. Din id-Direttiva tipprova tiżgura li l-Istati Membri kollha jirrispettaw dawn il-prinċipji***, għalkemm ma teħtieġx li l-Istati Membri jsegwu l-mudell Barnahus***	(36) Jenħtieġ li jiġu adottati miżuri li jipproteġu t-tfal vittmi b'mod komprensiv fl-aħjar interess tagħhom, b'kont meħud ta' stima tal-ħtiġijiet tagħhom. Il-protezzjoni effettiva tat-tfal teħtieġ approċċ tas-soċjetà kollha kemm hi. Bit-tfal fiċ-ċentru, l-awtoritajiet u s-servizzi rilevanti kollha jenħtieġ li jaħdmu flimkien biex jipproteġu u jappoġġaw ***lit-tfal***, fl-aħjar interessi tagħhom. Il-mudell "Barnahus" li jipprovdi ambjent adattat għat-tfal b'persunal ta' speċjalisti mid-dixxiplini rilevanti kollha bħalissa huwa l-aktar eżempju avvanzat ta' approċċ għall-ġustizzja mfassal apposta għat-tfal u biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni. Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva huma mibnija fuq il-prinċipji ta' dak il-mudell. Dak il-mudell għandu l-għan li jiżgura li t-tfal kollha involuti fl-investigazzjonijiet dwar l-abbuż tat-tfal jew l-isfruttament sesswali tat-tfal jibbenefikaw minn valutazzjoni ta' kwalità għolja f'ambjenti adatti għat-tfal, appoġġ psikosoċjali xieraq u servizzi protettivi għat-tfal. Din id-Direttiva tipprova tiżgura li l-Istati Membri kollha jirrispettaw dawn il-prinċipji. Meta l-eżamijiet mediċi tat-tfal ikunu meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjonijiet

bħala tali. Meta l-eżamijiet mediċi tat-tfal ikunu meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjonijiet kriminali, pereżempju biex tingħabar evidenza ta' abbuż, dawn jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk strettament meħtieġa sabiex tiġi limitata r-retrawmatizzazzjoni. Jenħtieġ li dan l-obbligu ma jipprevjenix eżamijiet mediċi oħra meħtieġa għall-benesseri tat-tfal. It-tfal vittmi jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għal ġustizzja adattata għat-tfal, rimedji legali u miżuri biex jindirizzaw il-kunflitti ta' interess fejn l-abbuż sesswali jew l-isfruttament sesswali ***ta' tifel jew tifla jsir*** fil-familja. Meta jkollu jinħatar rappreżentant speċjali għat-tfal waqt investigazzjoni jew proċediment kriminali, dan ir-rwol jista' wkoll jitwettaq minn persuna ġuridika, istituzzjoni jew awtorità. Barra minn dan, jenħtieġ li t-tfal vittmi jkunu protetti minn pieni, pereżempju taħt leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-prostituzzjoni, jekk iġibu l-każ tagħhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Barra dan, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' tfal vittmi fi proċedimenti kriminali , sa fejn ikun possibbli, ma tikkawżax iktar trawma bħala riżultat ta' intervisti jew kuntatt viżwali mat-trasgressuri. L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti jenħtieġ li jitħarrġu f'ġustizzja mfassla apposta għat-tfal. Li jkun hemm fehim tajjeb tat-tfal u ta' kif iġibu ruħhom meta jiltaqgħu ma' esperjenzi trawmatiċi se jiżgura kwalità għolja ta' teħid ta' evidenza u jnaqqas l-istress fuq it-tfal meta jkunu qed jitwettqu l-miżuri meħtieġa . Meta vittmi tfal jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, jenħtieġ li l-qorti tqis bis-sħiħ l-età u l-maturità tagħhom fit-twettiq tal-proċedimenti u jenħtieġ li tiżgura li l-proċedimenti jkunu aċċessibbli u jinftiehmu mit-tfal.

kriminali, pereżempju biex tingħabar evidenza ta' abbuż, dawn jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk strettament meħtieġa sabiex tiġi limitata r-retrawmatizzazzjoni. Jenħtieġ li dan l-obbligu ma jipprevjenix eżamijiet mediċi oħra meħtieġa għall-benesseri tat-tfal. It-tfal vittmi jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għal ġustizzja adattata għat-tfal, rimedji legali u miżuri biex jindirizzaw il-kunflitti ta' interess fejn l-abbuż sesswali jew l-isfruttament sesswali ***tat-tfal iseħħ*** fil-familja. Meta jkollu jinħatar rappreżentant speċjali għat-tfal waqt investigazzjoni jew proċediment kriminali, dan ir-rwol jista' wkoll jitwettaq minn persuna ġuridika, istituzzjoni jew awtorità. Barra minn dan, jenħtieġ li t-tfal vittmi jkunu protetti minn pieni, pereżempju taħt leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-prostituzzjoni, jekk iġibu l-każ tagħhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Barra dan, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' tfal vittmi fi proċedimenti kriminali, sa fejn ikun possibbli, ma tikkawżax iktar trawma bħala riżultat ta' intervisti jew kuntatt viżwali mat-trasgressuri. L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti jenħtieġ li jitħarrġu f'ġustizzja mfassla apposta għat-tfal. Li jkun hemm fehim tajjeb tat-tfal u ta' kif iġibu ruħhom meta jiltaqgħu ma' esperjenzi trawmatiċi se jiżgura kwalità għolja ta' teħid ta' evidenza u jnaqqas l-istress fuq it-tfal meta jkunu qed jitwettqu l-miżuri meħtieġa. Meta vittmi tfal jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, jenħtieġ li l-qorti tqis bis-sħiħ l-età u l-maturità tagħhom fit-twettiq tal-proċedimenti u jenħtieġ li tiżgura li l-proċedimenti jkunu aċċessibbli u jinftiehmu mit-tfal.

Or. en

Emenda 126
Francisco Assis

Proposta għal direttiva
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Jenħtieġ li jiġu adottati miżuri li jipproteġu t-tfal vittmi b'mod komprensiv fl-aħjar interess tagħhom, b'kont meħud ta' stima tal-ħtiġijiet tagħhom. Il-protezzjoni effettiva tat-tfal teħtieġ approċċ tas-soċjetà kollha kemm hi. Bit-tfal fiċ-ċentru, l-awtoritajiet u s-servizzi rilevanti kollha jenħtieġ li jaħdmu flimkien biex jipproteġu u jappoġġaw ***lill-minorenni***, fl-aħjar interessi tagħhom. Il-mudell "Barnahus" li jipprovdi ambjent adattat għat-tfal b'persunal ta' speċjalisti mid-dixxiplini rilevanti kollha bħalissa huwa l-aktar eżempju avvanzat ta' approċċ għall-ġustizzja mfassal apposta għat-tfal u biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni. Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva huma mibnija fuq il-prinċipji ta' dak il-mudell. Dak il-mudell għandu l-għan li jiżgura li t-tfal kollha involuti fl-investigazzjonijiet dwar l-abbuż tat-tfal jew l-isfruttament sesswali tat-tfal jibbenefikaw minn valutazzjoni ta' kwalità għolja f'ambjenti adatti għat-tfal, appoġġ psikosoċjali xieraq u servizzi protettivi għat-tfal. Din id-Direttiva tipprova tiżgura li l-Istati Membri kollha jirrispettaw dawn il-prinċipji, għalkemm ma teħtieġx li l-Istati Membri jsegwu l-mudell Barnahus bħala tali. Meta l-eżamijiet mediċi tat-tfal ikunu meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjonijiet kriminali, pereżempju biex tinġabar evidenza ta' abbuż, dawn jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk strettament meħtieġa sabiex tiġi limitata r-retrawmatizzazzjoni. Jenħtieġ li dan l-obbligu ma jipprevjenix eżamijiet mediċi oħra meħtieġa għall-benesseri tat-tfal. It-tfal vittmi jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għal ġustizzja adattata għat-tfal, rimedji legali u miżuri biex jindirizzaw il-kunflitti ta' interess fejn l-abbuż sesswali jew l-isfruttament sesswali ***ta' tifel jew tifla jsir*** fil-familja. Meta jkollu jinħatar	(36) Jenħtieġ li jiġu adottati miżuri li jipproteġu t-tfal vittmi b'mod komprensiv fl-aħjar interess tagħhom, b'kont meħud ta' stima tal-ħtiġijiet tagħhom. Il-protezzjoni effettiva tat-tfal teħtieġ approċċ tas-soċjetà kollha kemm hi. Bit-tfal fiċ-ċentru, l-awtoritajiet u s-servizzi rilevanti kollha jenħtieġ li jaħdmu flimkien biex jipproteġu u jappoġġaw ***lit-tfal***, fl-aħjar interessi tagħhom. Il-mudell "Barnahus" li jipprovdi ambjent adattat għat-tfal b'persunal ta' speċjalisti mid-dixxiplini rilevanti kollha bħalissa huwa l-aktar eżempju avvanzat ta' approċċ għall-ġustizzja mfassal apposta għat-tfal u biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni. Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva huma mibnija fuq il-prinċipji ta' dak il-mudell. Dak il-mudell għandu l-għan li jiżgura li t-tfal kollha involuti fl-investigazzjonijiet dwar l-abbuż tat-tfal jew l-isfruttament sesswali tat-tfal jibbenefikaw minn valutazzjoni ta' kwalità għolja f'ambjenti adatti għat-tfal, appoġġ psikosoċjali xieraq u servizzi protettivi għat-tfal. Din id-Direttiva tipprova tiżgura li l-Istati Membri kollha jirrispettaw dawn il-prinċipji, għalkemm ma teħtieġx li l-Istati Membri jsegwu l-mudell Barnahus bħala tali. Meta l-eżamijiet mediċi tat-tfal ikunu meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjonijiet kriminali, pereżempju biex tinġabar evidenza ta' abbuż, dawn jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk strettament meħtieġa sabiex tiġi limitata r-retrawmatizzazzjoni. Jenħtieġ li dan l-obbligu ma jipprevjenix eżamijiet mediċi oħra meħtieġa għall-benesseri tat-tfal. It-tfal vittmi jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għal ġustizzja adattata għat-tfal, rimedji legali u miżuri biex jindirizzaw il-kunflitti ta' interess fejn l-abbuż sesswali jew l-isfruttament sesswali ***tat-tfal iseħħ*** fil-familja. Meta jkollu jinħatar rappreżentant ***legali*** għat-

rappreżentant ***speċjali*** għat-tfal waqt investigazzjoni jew proċediment kriminali, dan ir-rwol jista' wkoll jitwettaq minn persuna ġuridika, istituzzjoni jew awtorità. Barra minn dan, jenħtieġ li t-tfal vittmi jkunu protetti minn pieni, pereżempju taħt leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-prostituzzjoni, jekk iġibu l-każ tagħhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Barra dan, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' tfal vittmi fi proċedimenti kriminali , sa fejn ikun possibbli, ma tikkawżax iktar trawma bħala riżultat ta' intervisti jew kuntatt viżwali mat-trasgressuri. L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti jenħtieġ li jitħarrġu f'ġustizzja mfassla apposta għat-tfal. Li jkun hemm fehim tajjeb tat-tfal u ta' kif iġibu ruħhom meta jiltaqgħu ma' esperjenzi trawmatiċi se jiżgura kwalità għolja ta' teħid ta' evidenza u jnaqqas l-istress fuq it-tfal meta jkunu qed jitwettqu l-miżuri meħtieġa . Meta vittmi tfal jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, jenħtieġ li l-qorti tqis bis-sħiħ l-età u l-maturità tagħhom fit-twettiq tal-proċedimenti u jenħtieġ li tiżgura li l-proċedimenti jkunu aċċessibbli u jinftiehmu mit-tfal.

tfal waqt investigazzjoni jew proċediment kriminali, dan ir-rwol jista' wkoll jitwettaq minn persuna ġuridika, istituzzjoni jew awtorità. Barra minn dan, jenħtieġ li t-tfal vittmi jkunu protetti minn pieni, pereżempju taħt leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-prostituzzjoni, jekk iġibu l-każ tagħhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Barra dan, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' tfal vittmi fi proċedimenti kriminali, sa fejn ikun possibbli, ma tikkawżax iktar trawma bħala riżultat ta' intervisti jew kuntatt viżwali mat-trasgressuri. L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti jenħtieġ li jitħarrġu f'ġustizzja mfassla apposta għat-tfal. Li jkun hemm fehim tajjeb tat-tfal u ta' kif iġibu ruħhom meta jiltaqgħu ma' esperjenzi trawmatiċi se jiżgura kwalità għolja ta' teħid ta' evidenza u jnaqqas l-istress fuq it-tfal meta jkunu qed jitwettqu l-miżuri meħtieġa . Meta vittmi tfal jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, jenħtieġ li l-qorti tqis bis-sħiħ l-età u l-maturità tagħhom fit-twettiq tal-proċedimenti u jenħtieġ li tiżgura li l-proċedimenti jkunu aċċessibbli u jinftiehmu mit-tfal.

Or. pt

Emenda 127
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu assistenza fit-terminu l-qasir u fit-terminu t-twil li tkun imfassla apposta u komprensiva ***lit-tfal li jkunu vittmi***. Kull ħsara kkawżata mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali ***ta' tifel jew tifla*** hi sinifikattiva u jenħtieġ li tiġi indirizzata malajr kemm jista' jkun wara l-ewwel kuntatt tal-vittma mal-awtoritajiet. L-	(37) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu assistenza fit-terminu l-qasir u fit-terminu t-twil li tkun imfassla apposta u komprensiva ***lill-vittmi tfal u lis-superstiti, irrispettivament mill-eżistenza ta' lment jew prosekuzzjoni kriminali***. Kull ħsara kkawżata mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali ***tat-tfal*** hi sinifikattiva u jenħtieġ li tiġi

assistenza immedjata lill-vittmi qabel u matul l-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali hija essenzjali biex tiġi limitata t-trawma fit-tul marbuta mal-abbuż li jkunu sofrew. Sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti rapidu ta' assistenza, inkluża l-identifikazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri joħorġu linji gwida u protokolli għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tas-servizzi soċjali, inkluż il-persunal tal-helplines . Minħabba n-natura tal-ħsara kkawżata mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali, tali assistenza jenħtieġ li tkompli ***għal kemm ikun hemm bżonn*** għall-irkupru fiżiku u psikoloġiku ***tat-tifel jew tifla*** u tista' tkompli sa meta jsiru adulti jekk ikun hemm bżonn. Jenħtieġ li l-għajnuna u l-konsulenza jitqies li jiġu estiżi għall-ġenituri , il-persuni li jindukraw u l-persuni li jkollhom it-tutela tat-tfal vittmi fejn ma jkunux involuti bħala persuni suspettati fir-rigward tar-reat ikkonċernat, sabiex jingħataw għajnuna dwar kif għandhom jassistu t-tfal vittmi tagħhom matul il-proċedimenti.

indirizzata malajr kemm jista' jkun wara l-ewwel kuntatt tal-vittma mal-awtoritajiet. L-assistenza immedjata lill-vittmi qabel u matul l-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali hija essenzjali biex tiġi limitata t-trawma fit-tul marbuta mal-abbuż li jkunu sofrew. Sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti rapidu ta' assistenza, inkluża l-identifikazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri joħorġu linji gwida u protokolli għall-professjonisti ***u voluntiera*** tal-kura tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tas-servizzi soċjali, inkluż il-persunal tal-helplines***, filwaqt li jqisu dejjem il-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal***. Minħabba n-natura tal-ħsara kkawżata mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali, tali assistenza jenħtieġ li tkompli ***għat-tul ta' żmien meħtieġ*** għall-irkupru fiżiku u psikoloġiku ***tat-tfal*** u tista' tkompli sa meta jsiru adulti jekk ikun hemm bżonn. Jenħtieġ li l-għajnuna u l-konsulenza jitqies li jiġu estiżi għall-ġenituri, il-persuni li jindukraw u l-persuni li jkollhom it-tutela tat-tfal vittmi fejn ma jkunux involuti bħala persuni suspettati fir-rigward tar-reat ikkonċernat, sabiex jingħataw għajnuna dwar kif għandhom jassistu t-tfal vittmi tagħhom matul il-proċedimenti. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirrispettaw id-dritt tat-tfal li jiġu mismugħa. Il-protezzjoni tat-tfal f'dan ir-rigward jeħtiġilha tkun marbuta mal-liġi tal-familja, u d-dritt tagħhom għal riparazzjonijiet u non-ripetizzjoni, speċjalment fl-ambjenti fejn ikun seħħ abbuż, bħal pereżempju l-familja. F'każijiet ta' abbuż sesswali kontra t-tfal fi ħdan il-familja, l-awtur spiss iżomm xi drittijiet fl-ambjent tat-tfal abbużati, li mhuwiex il-każ fis-setturi tal-kura tas-saħħa jew tal-iskola. Jiġifieri, meta l-liġi tal-familja tmur kontra d-dritt tat-tfal għal ħajja ħielsa mill-vjolenza sesswali, dan tal-aħħar jeħtieġlu preċedenza. Il-maġġoranza tal-persuni li jindukraw huma nisa, u l-Istati jeħtiġilhom jappoġġawhom fl-isforzi tagħhom biex jipproteġu u jfittxu ġustizzja u riparazzjoni għall-vjolenza sesswali***

mġarrba mit-tfal fil-kura tagħhom, b'attenzjoni partikolari għall-attakki mwettqa fi ħdan il-familja. Dan huwa partikolarment rilevanti fil-każ ta' ommijiet protettivi li jaġixxu bl-iskop waħdieni li jipproteġu lit-tfal u jipprevjenu aktar ħsara u abbużi f'każijiet suspettati ta' abbuż sesswali tat-tfal. Dawk li jindukraw għandhom jiġu esklużi mill-persekuzzjoni kriminali u jkunu protetti kontra talbiet ċivili marbuta direttament ma' azzjonijiet protettivi. Il-persuni primarji li jindukraw m'għandhomx iħabbtu wiċċhom ma' akkużi kriminali għal azzjonijiet protettivi meħuda in bona fide biex jipprevjenu l-abbuż sesswali tat-tfal jew bħala reazzjoni għal suspett ta' abbuż sesswali tat-tfal, inkluż iżda mhux limitat għal: rapportar ta' abbuż suspettat lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew is-servizzi ta' protezzjoni tat-tfal, teħid ta' passi temporanji biex jiġi limitat jew ristrett il-kuntatt bejn it-tfal u l-awtur allegat tal-abbuż, tiftix ta' modifiki ta' emerġenza tal-kustodja jew interventi legali oħra biex jipproteġu lit-tfal. F'każijiet kontra l-indukraturi protettivi, l-oneru tal-prova jaqa' fuq ir-rikorrent biex juri li l-azzjonijiet tal-indukratur ittieħdu għal raġunijiet oħra għajr il-protezzjoni tat-tfal.

Or. en

Emenda 128
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) It-trawma li tirriżulta mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal spiss tippersisti sal-età adulta, u tinvolvi effetti fit-tul li spiss jipprevjenu lill-vittmi milli jirrapportaw ir-reat u milli jfittxu	(38) It-trawma li tirriżulta mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal spiss tippersisti sal-età adulta, u tinvolvi effetti fit-tul li spiss jipprevjenu lill-vittmi milli jirrapportaw ir-reat u milli jfittxu

assistenza u appoġġ għal snin jew saħansitra għexieren ta' snin. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu assistenza mfassla apposta u komprensiva fuq terminu qasir u fit-tul mhux biss lill-vittmi tfal, iżda wkoll lis-superstiti adulti ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal.	assistenza u appoġġ għal snin jew saħansitra għexieren ta' snin. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu assistenza mfassla apposta u komprensiva fuq terminu qasir u fit-tul mhux biss lill-vittmi tfal, iżda wkoll lis-superstiti adulti ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal. ***Superstiti ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal tinkludi lill-persuni kollha li esperjenzaw vjolenza sesswali meta kienu tfal, irrispettivament mill-istatus legali tagħhom u r-rikonoxximent tagħhom bħala vittmi ta' reat minn sistema legali.***
	Or. en

Emenda 129
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) It-trawma li tirriżulta mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal spiss tippersisti sal-età adulta, u tinvolvi effetti fit-tul li spiss jipprevjenu lill-vittmi milli jirrapportaw ir-reat u milli jfittxu assistenza u appoġġ għal snin jew saħansitra għexieren ta' snin. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu assistenza mfassla apposta u komprensiva fuq terminu qasir u fit-tul mhux biss lill-vittmi tfal, iżda wkoll lis-superstiti adulti ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal.	(38) ***L-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament tat-tfal bħala forom ta' vjolenza sesswali għandhom impatti profondi u dejjiema fuq il-vittmi u s-superstiti, u jolqtu s-saħħa mentali, l-iżvilupp personali, u l-benesseri futur tagħhom.*** It-trawma li tirriżulta mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal spiss tippersisti sal-età adulta, u tinvolvi effetti fit-tul li spiss jipprevjenu lill-vittmi milli jirrapportaw ir-reat u milli jfittxu assistenza u appoġġ għal snin jew saħansitra għexieren ta' snin. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu assistenza mfassla apposta u komprensiva fuq terminu qasir u fit-tul mhux biss lill-vittmi tfal, iżda wkoll lis-superstiti adulti ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal.
	Or. en

Emenda 130
Francisco Assis

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) It-trawma li tirriżulta mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal spiss tippersisti sal-età adulta, u tinvolvi effetti fit-tul li spiss jipprevjenu lill-vittmi milli jirrapportaw ir-reat u milli jfittxu assistenza u appoġġ għal snin jew saħansitra għexieren ta' snin. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu assistenza ***mfassla*** apposta u komprensiva fuq terminu qasir u fit-tul mhux biss lill-vittmi tfal, iżda wkoll lis-superstiti adulti ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal.	(38) It-trawma li tirriżulta mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal spiss tippersisti sal-età adulta, u tinvolvi effetti fit-tul li spiss jipprevjenu lill-vittmi milli jirrapportaw ir-reat u milli jfittxu assistenza u appoġġ għal snin jew saħansitra għexieren ta' snin. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu assistenza ***speċjalizzata, imfassla*** apposta u komprensiva fuq terminu qasir u fit-tul mhux biss lill-vittmi tfal, iżda wkoll lis-superstiti adulti ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal.

Or. en

Emenda 131
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Id-Direttiva 2012/29/UE tistabbilixxi sett ta' drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali, inkluż id-dritt għal protezzjoni u d-dritt li wieħed jirċievi deċiżjoni dwar kumpens mit-trasgressur . Il-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tipprevedi emendi mmirati għad-drittijiet tal-vittmi kollha. Barra mid-drittijiet stabbiliti fl-ambitu ta' dik id-Direttiva, tfal li huma vittmi ta' abbuż sesswali, sfruttament sesswali u materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-konsulenza legali, u, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistemi tal-ġustizzja	(39) Id-Direttiva 2012/29/UE tistabbilixxi sett ta' drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali, inkluż id-dritt għal protezzjoni u d-dritt li wieħed jirċievi deċiżjoni dwar kumpens mit-trasgressur ***u kwalunkwe organizzazzjoni responsabbli għall-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal***. Il-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tipprevedi emendi mmirati għad-drittijiet tal-vittmi kollha. Barra mid-drittijiet stabbiliti fl-ambitu ta' dik id-Direttiva, tfal li huma vittmi ta' abbuż sesswali, sfruttament sesswali u materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li jkollhom aċċess

rilevanti, għal rappreżentanza legali, inkluż għall-fini li jitolbu kumpens. Tali ***għajnuna*** legali ***tista' tiġi pprovduta*** wkoll mill-awtoritajiet kompetenti għall-fini ta' talba ta' kumpens ***mill-Istat***. Il-fini tal-konsulenza legali huwa biex tippermetti lill-vittmi jkunu informati u jirċievu parir dwar il-possibilitajiet diversi li huma miftuħin għalihom. Il-konsulenza legali ***u r-rappreżentanza*** jenħtieġ li ***jingħataw*** minn persuna li tkun irċeviet taħriġ legali adatt mingħajr ma neċessarjament tkun avukat. Il-konsulenza legali u, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistemi tal-ġustizzja relevanti, ir-rappreżentanza legali jenħtieġ li tingħata mingħajr ħlas għall-inqas meta l-vittma ma għandhiex riżorsi finanzjarji suffiċjenti b'mod konsistenti mal-proċeduri interni tal-Istati Membri.

għall-konsulenza legali, u, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistemi tal-ġustizzja rilevanti, għal rappreżentanza legali, inkluż għall-fini li jitolbu kumpens. Tali ***konsulenza legali u rappreżentanza*** legali ***jistgħu jiġu pprovduti*** wkoll mill-awtoritajiet kompetenti għall-fini ta' talba ta' kumpens ***fi proċedimenti kriminali u ċivili***. Il-fini tal-konsulenza legali huwa biex tippermetti lill-vittmi jkunu informati u jirċievu parir dwar il-possibilitajiet diversi li huma miftuħin għalihom. Il-konsulenza legali jenħtieġ li ***tiġi pprovduta*** minn persuna li tkun irċeviet taħriġ legali adatt mingħajr ma neċessarjament tkun avukat. Il-konsulenza legali u, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistemi tal-ġustizzja relevanti, ir-rappreżentanza legali jenħtieġ li tingħata mingħajr ħlas għall-inqas meta l-vittma ma għandhiex riżorsi finanzjarji suffiċjenti**,** b'mod konsistenti mal-proċeduri interni tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 132
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Premessa 39a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(39a) Il-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal hija ta' importanza kbira għall-protezzjoni tat-tfal. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri protettivi biex jissalvagwardjaw il-benesseri fiżiku, emozzjonali u psikoloġiku tat-tfal, kif ukoll id-drittijiet fundamentali tat-tfal li jikbru f'ambjent sikur, ħieles mill-isfruttament, il-vjolenza u l-ħsara. Il-miżuri protettivi jeħtiġilhom jinkludu l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-intervent, l-appoġġ u r-riparazzjoni, filwaqt li jiżguraw li l-aspetti kollha tas-sikurezza tat-tfal jiġu indirizzati. Il-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal teħtieġ sforzi

kollaborattivi fis-setturi kollha, inkluż l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, is-sistemi ġudizzjarji, u s-servizzi komunitarji. Barra minn hekk, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-indukraturi primarji, b'mod partikolari l-ommijiet li sikwit iservu bħala protetturi tal-ewwel linja, huwa essenzjali biex jiġu identifikati u interrotti sitwazzjonijiet abbużivi.

Or. en

Emenda 133
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ("iċ-Ċentru tal-UE"), stabbilit bir-Regolament […/…/UE li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal][16], jappoġġa l-Istati Membri fl-isforzi u l-obbligi għall-prevenzjoni u l-assistenza tal-vittmi skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li huwa jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fl-Unjoni u lil hinn minnha. Iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jħeġġeġ id-djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jgħin fl-iżvilupp ta' programmi ta' prevenzjoni tal-ogħla livell. Barra minn hekk, billi jikkoopera mal-Istati Membri u jikkontribwixxi għall-istandardizzazzjoni tal-ġbir tad-data dwar l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun ta' vantaġġ fl-appoġġ ta' politika bbażata fuq l-evidenza kemm dwar il-prevenzjoni kif ukoll dwar l-assistenza lill-vittmi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu awtoritajiet nazzjonali jew entitajiet ekwivalenti kif iqisu l-aktar xieraq skont l-organizzazzjoni interna tagħhom, filwaqt li jqisu l-ħtieġa għal struttura minima b'kompiti	(40) Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ("iċ-Ċentru tal-UE"), stabbilit bir-Regolament […/…/UE li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal][16], jappoġġa l-Istati Membri fl-isforzi u l-obbligi għall-prevenzjoni u l-assistenza tal-vittmi skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li huwa jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fl-Unjoni u lil hinn minnha. Iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jħeġġeġ id-djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jgħin fl-iżvilupp ta' programmi ta' prevenzjoni tal-ogħla livell. Barra minn hekk, billi jikkoopera mal-Istati Membri u jikkontribwixxi għall-istandardizzazzjoni tal-ġbir tad-data dwar l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun ta' vantaġġ fl-appoġġ ta' politika bbażata fuq l-evidenza kemm dwar il-prevenzjoni kif ukoll dwar l-assistenza lill-vittmi. ***Peress li huwa stabbilit u kopert bir-regolament li jistabbilixxi regoli li jipprevjenu u jiġġieldu l-abbuż sesswali tat-tfal, jenħtieġ li l-attivitajiet u l-missjonijiet tiegħu jkunu rregolati mir-regolament biss.***

identifikati, li tkun kapaċi twettaq valutazzjonijiet tax-xejriet fl-abbuż sesswali tat-tfal, tiġbor statistika, tkejjel ir-riżultati ta' azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u tirrapporta regolarment dwar tali xejriet, statistika u riżultati. Tali awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jservu bħala punt ta' kuntatt nazzjonali u jenħtieġ li jieħdu approċċ integrattiv b'diversi partijiet ikkonċernati fil-ħidma tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-mekkaniżmi meħtieġa fil-livell nazzjonali biex jiżguraw koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' miżuri għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal, kemm online kif ukoll offline, fost l-atturi pubbliċi u privati rilevanti kollha, kif ukoll għall-iffaċilitar tal-kooperazzjoni maċ-Ċentru tal-UE u mal-Kummissjoni.

[16] COM (2022) 209, 11.5.2022.

Madankollu, din id-direttiva jenħtieġ li tirreferi għalih bl-aktar mod spiss li jkun meħtieġ biex tiżgura koordinazzjoni bejn iż-żewġ testi legali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu awtoritajiet nazzjonali jew entitajiet ekwivalenti kif iqisu l-aktar xieraq skont l-organizzazzjoni interna tagħhom, filwaqt li jqisu l-ħtieġa għal struttura minima b'kompiti identifikati, li tkun kapaċi twettaq valutazzjonijiet tax-xejriet fl-abbuż sesswali tat-tfal, tiġbor statistika, tkejjel ir-riżultati ta' azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u tirrapporta regolarment dwar tali xejriet, statistika u riżultati. Tali awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jservu bħala punt ta' kuntatt nazzjonali u jenħtieġ li jieħdu approċċ integrattiv b'diversi partijiet ikkonċernati fil-ħidma tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-mekkaniżmi meħtieġa fil-livell nazzjonali biex jiżguraw koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' miżuri għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal, kemm online kif ukoll offline, fost l-atturi pubbliċi u privati rilevanti kollha, kif ukoll għall-iffaċilitar tal-kooperazzjoni maċ-Ċentru tal-UE u mal-Kummissjoni.

[16] COM (2022) 209, 11.5.2022.

Or. fr

Emenda 134
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE ***għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż***	(40) Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE ***għall-protezzjoni*** tat-tfal ("iċ-Ċentru tal-UE"),

sesswali tat-tfal (“iċ-Ċentru tal-UE”), stabbilit bir-Regolament […/…/UE li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal][16], jappoġġa l-Istati Membri fl-isforzi u l-obbligi għall-prevenzjoni u l-assistenza tal-vittmi skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li huwa jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fl-Unjoni u lil hinn minnha. Iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jħeġġeġ id-djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jgħin fl-iżvilupp ta’ programmi ta’ prevenzjoni tal-ogħla livell. Barra minn hekk, billi jikkoopera mal-Istati Membri u jikkontribwixxi għall-istandardizzazzjoni tal-ġbir tad-data dwar l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun ta’ vantaġġ fl-appoġġ ta’ politika bbażata fuq l-evidenza kemm dwar il-prevenzjoni kif ukoll dwar l-assistenza lill-vittmi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu awtoritajiet nazzjonali jew entitajiet ekwivalenti kif iqisu l-aktar xieraq skont l-organizzazzjoni interna tagħhom, filwaqt li jqisu l-ħtieġa għal struttura minima b’kompiti identifikati, li tkun kapaċi twettaq valutazzjonijiet tax-xejriet fl-abbuż sesswali tat-tfal, tiġbor statistika, tkejjel ir-riżultati ta’ azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u tirrapporta regolarment dwar tali xejriet, statistika u riżultati. Tali awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jservu bħala punt ta’ kuntatt nazzjonali u jenħtieġ li jieħdu approċċ integrattiv b’diversi partijiet ikkonċernati fil-ħidma tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-mekkaniżmi meħtieġa fil-livell nazzjonali biex jiżguraw koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta’ miżuri għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal, kemm online kif ukoll offline, fost l-atturi pubbliċi u privati rilevanti kollha, kif ukoll għall-iffaċilitar tal-kooperazzjoni maċ-Ċentru tal-UE u mal-Kummissjoni.

stabbilit bir-Regolament […/…/UE li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal][16], jappoġġa l-Istati Membri fl-isforzi u l-obbligi għall-prevenzjoni u l-assistenza tal-vittmi skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li huwa jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fl-Unjoni u lil hinn minnha. Iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jħeġġeġ id-djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jgħin fl-iżvilupp ta’ programmi ta’ prevenzjoni tal-ogħla livell. Barra minn hekk, billi jikkoopera mal-Istati Membri u jikkontribwixxi għall-istandardizzazzjoni tal-ġbir tad-data dwar l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun ta’ vantaġġ fl-appoġġ ta’ politika bbażata fuq l-evidenza kemm dwar il-prevenzjoni kif ukoll dwar l-assistenza lill-vittmi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu awtoritajiet nazzjonali jew entitajiet ekwivalenti kif iqisu l-aktar xieraq skont l-organizzazzjoni interna tagħhom, filwaqt li jqisu l-ħtieġa għal struttura minima b’kompiti identifikati, li tkun kapaċi twettaq valutazzjonijiet tax-xejriet fl-abbuż sesswali tat-tfal, tiġbor statistika, tkejjel ir-riżultati ta’ azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u tirrapporta regolarment dwar tali xejriet, statistika u riżultati. Tali awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jservu bħala punt ta’ kuntatt nazzjonali u jenħtieġ li jieħdu approċċ integrattiv b’diversi partijiet ikkonċernati fil-ħidma tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-mekkaniżmi meħtieġa fil-livell nazzjonali biex jiżguraw koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta’ miżuri għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal, kemm online kif ukoll offline, fost l-atturi pubbliċi u privati rilevanti kollha, kif ukoll għall-iffaċilitar tal-kooperazzjoni maċ-Ċentru tal-UE u mal-Kummissjoni. ***Peress li ċ-Ċentru tal-UE huwa stabbilit bir-Regolament [../../UE li jistabbilixxi regoli li***

jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-abbuż sesswali tat-tfal], id-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva li jirreferu għalih jenħtieġ li japplikaw mid-data li fiha jidħol fis-seħħ ir-Regolament, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

[16] COM (2022) 209, 11.5.2022.

[16] COM (2022) 209, 11.5.2022.

Or. en

Emenda 135
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu azzjoni għall-prevenzjoni u l-projbizzjoni ta' atti relatati mal-promozzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu . Jistgħu jiġu kkunsidrati miżuri differenti ta' prevenzjoni bħat-tfassil u r-rinfurzar ta' kodiċi ta' kondotta u mekkaniżmi awtoregolatorji fl-industrija tat-turiżmu, l-istabbiliment ta' kodiċi ta' etika jew "tikketti ta' kwalità" jew it-twaqqif ta' politika espliċita għal organizzazzjonijiet tat-turisti li jiġġieldu l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu . Jenħtieġ li l-Istati Membri jisfruttaw l-għodod għad-dispożizzjoni tagħhom skont id-dritt tal-UE, il-liġi nazzjonali, u ftehimiet internazzjonali, għall-fini tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu mit-territorju tagħhom jew lejh, b'mod partikolari billi jieħdu azzjoni xierqa malli jirċievu informazzjoni rilevanti minn pajjiżi terzi, inkluż it-twettiq ta' aktar kontrolli jew il-ħruġ ta' rifjut ta' dħul fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2018/1861 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu ta'	(42) Jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu azzjoni għall-prevenzjoni u l-projbizzjoni ta' atti relatati mal-promozzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu. Jistgħu jiġu kkunsidrati miżuri differenti ta' prevenzjoni bħat-tfassil u r-rinfurzar ta' kodiċi ta' kondotta u mekkaniżmi awtoregolatorji fl-industrija tat-turiżmu, l-istabbiliment ta' kodiċi ta' etika jew "tikketti ta' kwalità" jew it-twaqqif ta' politika espliċita għal organizzazzjonijiet tat-turisti li jiġġieldu l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu. Jenħtieġ li l-Istati Membri jisfruttaw l-għodod għad-dispożizzjoni tagħhom skont id-dritt tal-UE, il-liġi nazzjonali, u ftehimiet internazzjonali, għall-fini tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu mit-territorju tagħhom***, li jgħaddu minnu*** jew lejh, b'mod partikolari billi jieħdu azzjoni xierqa malli jirċievu informazzjoni rilevanti minn pajjiżi terzi, inkluż it-twettiq ta' aktar kontrolli jew il-ħruġ ta' rifjut ta' dħul fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2018/1861 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim

Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri[17].	u l-użu ta’ Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri[17].
[17] Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14-55, ELI: http://data.europa.***eu/eli/reg/2018/1861/oj)***.	[17] Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14-55, ELI: http://data.europa.***eu/eli/reg/2018/1861/oj***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ix-xenarju għandu jitqies ukoll.

Emenda 136
Paolo Inselvini

Proposta għal direttiva
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu jew isaħħu l-linji politiċi biex jipprevjenu l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal inklużi miżuri biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu t-talba li twassal għal kull forma ta’ sfruttament sesswali tat-tfal u miżuri biex jiġi ridott ir-riskju ta’ tfal li jaqgħu vittmi, permezz ta’ tagħrif u kampanji ta’ tqajjim tal-kuxjenza, inkluż għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u s-soċjetà inġenerali, ***u*** programmi ta’ riċerka u ta’ tagħlim. F’tali inizjattivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni li jkun żgurat li l-kampanji ta’ ***tqajjim*** tal-kuxjenza mmirati lejn it-tfal ikunu xierqa u	(43) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu jew isaħħu l-linji politiċi biex jipprevjenu l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal inklużi miżuri biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu t-talba li twassal għal kull forma ta’ sfruttament sesswali tat-tfal u miżuri biex jiġi ridott ir-riskju ta’ tfal li jaqgħu vittmi, permezz ta’ tagħrif u kampanji ta’ tqajjim tal-kuxjenza, inkluż għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u s-soċjetà inġenerali, ***u*** programmi ta’ riċerka u ta’ tagħlim. F’tali inizjattivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni li jkun żgurat li l-kampanji ta’ ***qawmien*** tal-kuxjenza mmirati lejn it-tfal ikunu xierqa u

faċli biżżejjed li jinftiehmu , u mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' tfal ta' gruppi ta' età differenti, inklużi tfal tal-età ta' qabel l-iskola. Il-miżuri ta' prevenzjoni jenħtieġ li jieħdu approċċ olistiku għall-fenomenu tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali, billi jindirizzaw id-dimensjonijiet online u offline tiegħu u jimmobilizzaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. B'mod partikolari għad-dimensjoni online, il-miżuri jenħtieġ li jinkludu l-iżvilupp ta' ħiliet ta' litteriżmu diġitali, inkluż l-involviment kritiku mad-dinja diġitali, biex jgħin lill-utenti jidentifikaw u jindirizzaw tentattivi ta' abbuż sesswali tat-tfal online, ifittxu appoġġ u jipprevjenu t-twettiq tiegħu. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal li jiġu kkurati f'faċilità ta' grupp aktar milli fil-kuntest ta' kura f'familja . Fejn mhumiex diġà fis-seħħ, it-twaqqif ta' helplines jew hotlines apposta jenħtieġ li ***jiġu*** kkunsidrat.	faċli biżżejjed li jinftiehmu , u mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' tfal ta' gruppi ta' età differenti, inklużi tfal tal-età ta' qabel l-iskola. Il-miżuri ta' prevenzjoni jenħtieġ li jieħdu approċċ olistiku għall-fenomenu tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali, billi jindirizzaw id-dimensjonijiet online u offline tiegħu u jimmobilizzaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. B'mod partikolari għad-dimensjoni online, il-miżuri jenħtieġ li jinkludu l-iżvilupp ta' ħiliet ta' litteriżmu diġitali, inkluż l-involviment kritiku mad-dinja diġitali, biex jgħin lill-utenti jidentifikaw u jindirizzaw tentattivi ta' abbuż sesswali tat-tfal online, ifittxu appoġġ u jipprevjenu t-twettiq tiegħu. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal li jiġu kkurati f'faċilità ta' grupp aktar milli fil-kuntest ta' kura f'familja***. Il-familji u l-ġenituri għandhom rwol kruċjali għall-protezzjoni tal-benesseri tat-tfal, u huma l-protagonisti ewlenin fil-ġlieda kontra l-abbuż ta' materjal pornografiku, il-pedopornografija, u l-prevenzjoni tal-abbuż tat-tfal. Bil-ħsieb li jissaħħu l-miżuri protettivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu sistemi ta' appoġġ aċċessibbli u ffinanzjati tajjeb għall-familji u l-ġenituri, inklużi riżorsi għall-konsulenza, l-assistenza legali u l-aċċess għal servizzi protettivi, sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw, jirrapportaw u jipprevjenu l-abbuż***. Fejn mhumiex diġà fis-seħħ, it-twaqqif ta' helplines jew hotlines apposta jenħtieġ li ***jiġi*** kkunsidrat.

Or. it

Emenda 137
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel, Sandro Ruotolo

Proposta għal direttiva
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu jew isaħħu l-linji politiċi biex jipprevjenu l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal inklużi miżuri biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu t-talba li twassal għal kull forma ta' sfruttament sesswali tat-tfal u miżuri biex jiġi ridott ir-riskju ta' tfal li jaqgħu vittmi, permezz ta' tagħrif u kampanji ta' tqajjim tal-kuxjenza, inkluż għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u s-soċjetà inġenerali, ***u*** programmi ta' riċerka u ta' tagħlim. F'tali inizjattivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni li jkun żgurat li l-kampanji ta' ***tqajjim*** tal-kuxjenza mmirati lejn it-tfal ikunu xierqa u faċli biżżejjed li jinftiehmu , u mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' tfal ta' gruppi ta' età differenti, inklużi tfal tal-età ta' qabel l-iskola. Il-miżuri ta' prevenzjoni jenħtieġ li jieħdu approċċ olistiku għall-fenomenu tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali, billi jindirizzaw id-dimensjonijiet online u offline tiegħu u jimmobilizzaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. B'mod partikolari għad-dimensjoni online, il-miżuri jenħtieġ li jinkludu l-iżvilupp ta' ħiliet ta' litteriżmu diġitali, inkluż l-involviment kritiku mad-dinja diġitali, biex jgħin lill-utenti jidentifikaw u jindirizzaw tentattivi ta' abbuż sesswali tat-tfal online, ifittxu appoġġ u jipprevjenu t-twettiq tiegħu. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal li jiġu kkurati f'faċilità ta' grupp aktar milli fil-kuntest ta' kura f'familja . Fejn mhumiex diġà fis-seħħ, it-twaqqif ta' helplines jew hotlines apposta jenħtieġ li ***jiġu*** kkunsidrat.	(43) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu jew isaħħu l-linji politiċi biex jipprevjenu l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal inklużi miżuri biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu t-talba li twassal għal kull forma ta' sfruttament sesswali tat-tfal u miżuri biex jiġi ridott ir-riskju ta' tfal li jaqgħu vittmi, permezz ta' tagħrif u kampanji ta' tqajjim tal-kuxjenza, inkluż għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u s-soċjetà inġenerali, ***u*** programmi ta' riċerka u ta' tagħlim. F'tali inizjattivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni li jkun żgurat li l-kampanji ta' ***qawmien*** tal-kuxjenza mmirati lejn it-tfal ikunu xierqa u faċli biżżejjed li jinftiehmu, u mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' tfal ta' gruppi ta' età differenti, inklużi tfal tal-età ta' qabel l-iskola. ***L-inizjattivi mmirati lejn is-soċjetà inġenerali jenħtieġ li jinkludu kampanji li jedukaw dwar kif wieħed għandu jirreaġixxi meta jħabbat wiċċu mal-iżvelar ta' abbuż minn vittma.*** Il-miżuri ta' prevenzjoni jenħtieġ li jieħdu approċċ olistiku għall-fenomenu tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali, billi jindirizzaw id-dimensjonijiet online u offline tiegħu u jimmobilizzaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. B'mod partikolari għad-dimensjoni online, il-miżuri jenħtieġ li jinkludu l-iżvilupp ta' ħiliet ta' litteriżmu diġitali, inkluż l-involviment kritiku mad-dinja diġitali, biex jgħin lill-utenti jidentifikaw u jindirizzaw tentattivi ta' abbuż sesswali tat-tfal online, ifittxu appoġġ u jipprevjenu t-twettiq tiegħu. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal li jiġu kkurati f'faċilità ta' grupp aktar milli fil-kuntest ta' kura f'familja. Fejn mhumiex diġà fis-seħħ, it-twaqqif ta' helplines jew hotlines apposta jenħtieġ li ***jiġi*** kkunsidrat.

Or. en

Emenda 138
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu jew isaħħu l-linji politiċi biex jipprevjenu l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal inklużi miżuri biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu t-talba li twassal għal kull forma ta' sfruttament sesswali tat-tfal u miżuri biex jiġi ridott ir-riskju ta' tfal li jaqgħu vittmi, permezz ta' tagħrif u kampanji ta' ***tqajjim tal-kuxjenza***, inkluż għall-ġenituri ***u għall-persuni*** li jindukraw u s-soċjetà inġenerali, ***u*** programmi ta' riċerka u ta' tagħlim. F'tali inizjattivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni li jkun żgurat li l-kampanji ta' ***tqajjim tal-kuxjenza*** mmirati lejn it-tfal ikunu xierqa u faċli biżżejjed li jinftiehmu , u mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' tfal ta' gruppi ta' età differenti, inklużi tfal tal-età ta' qabel l-iskola. Il-miżuri ta' prevenzjoni jenħtieġ li jieħdu approċċ olistiku għall-fenomenu tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali, billi jindirizzaw id-dimensjonijiet online u offline tiegħu u jimmobilizzaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. B'mod partikolari għad-dimensjoni online, il-miżuri jenħtieġ li jinkludu l-iżvilupp ta' ħiliet ta' litteriżmu diġitali, inkluż l-involviment kritiku mad-dinja diġitali, biex jgħin lill-utenti jidentifikaw u jindirizzaw tentattivi ta' abbuż sesswali tat-tfal online, ifittxu appoġġ u jipprevjenu t-twettiq tiegħu. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal li jiġu kkurati f'faċilità ta' grupp aktar milli fil-kuntest ta' kura f'familja . Fejn mhumiex diġà fis-seħħ, it-twaqqif ta' helplines jew hotlines apposta jenħtieġ li	(43) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu jew isaħħu l-linji politiċi biex jipprevjenu l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal inklużi miżuri biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu t-talba li twassal għal kull forma ta' sfruttament sesswali tat-tfal u miżuri biex jiġi ridott ir-riskju ta' tfal li jaqgħu vittmi, permezz ta' tagħrif u kampanji ta' ***sensibilizzazzjoni***, inkluż għall-ġenituri***, il-persuni*** li jindukraw***, l-għalliema, l-edukaturi, dawk li jħarrġu*** u s-soċjetà inġenerali, ***u*** programmi ta' riċerka u ta' tagħlim. F'tali inizjattivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni li jkun żgurat li l-kampanji ta' ***qawmien ta' kuxjenza*** mmirati lejn it-tfal ikunu xierqa u faċli biżżejjed li jinftiehmu, u mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' tfal ta' gruppi ta' età differenti, inklużi tfal tal-età ta' qabel l-iskola. Il-miżuri ta' prevenzjoni jenħtieġ li jieħdu approċċ olistiku għall-fenomenu tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali, billi jindirizzaw id-dimensjonijiet online u offline tiegħu u jimmobilizzaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. B'mod partikolari għad-dimensjoni online, il-miżuri jenħtieġ li jinkludu l-iżvilupp ta' ħiliet ta' litteriżmu diġitali, inkluż l-involviment kritiku mad-dinja diġitali, biex jgħin lill-utenti jidentifikaw u jindirizzaw tentattivi ta' abbuż sesswali tat-tfal online, ifittxu appoġġ u jipprevjenu t-twettiq tiegħu. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal li jiġu kkurati f'faċilità ta' grupp aktar milli fil-kuntest ta' kura f'familja. Fejn mhumiex

jiġu kkunsidrat.

diġà fis-seħħ, it-twaqqif ta' helplines jew hotlines apposta jenħtieġ li ***jiġi*** kkunsidrat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna nemmnu li l-akbar għadd ta' nies possibbli li jkollhom it-tfal fuq bażi ta' kuljum jenħtieġ li jitħarrġu u jkunu jistgħu jidentifikaw jekk it-tfal humiex vittmi tal-abbuż sesswali tat-tfal.

Emenda 139
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) L-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, bħall-membri tan-network ta' hotlines INHOPE, ilhom attivi għal snin sħaħ f'diversi Stati Membri, filwaqt li kkooperaw mal-infurzar tal-liġi u mal-fornituri biex jiffaċilitaw il-proċess tat-tneħħija u r-rapportar ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online. Din il-ħidma tiġġieled ir-rivittimizzazzjoni billi tillimita t-tixrid ta' materjal illegali online, u tista' tipprovdi evidenza għall-infurzar tal-liġi ta' reati mwettqa. Madankollu, il-qafas legali li fih joperaw ivarja b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għal ieħor u, f'ħafna każijiet, huwa nieqes f'termini tal-identifikazzjoni tal-kompiti li dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jwettqu legalment, kif ukoll tal-kundizzjonijiet rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu awtorizzazzjoni għal dawn l-organizzazzjonijiet biex iwettqu l-kompiti rilevanti, u b'mod partikolari l-ipproċessar ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, f'liema każ l-ipproċessar jenħtieġ li ma jitqiesx bħala "mingħajr dritt". Tali awtorizzazzjonijiet huma mħeġġa peress li jżidu ċ-ċertezza	***imħassar***

legali, jimmassimizzaw is-sinerġiji bejn l-awtoritajiet nazzjonali u atturi oħra involuti fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u jappoġġaw id-drittijiet tal-vittmi billi jneħħu l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mill-isfera diġitali pubblika.

Or. en

Emenda 140
Milan Uhrík

Proposta għal direttiva
Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) ***Fejn ikun meħtieġ minħabba l-perikolu kkawżat mit-trasgressuri u*** r-riskji ***possibbli ta' repetizzjoni, jenħtieġ li t-trasgressuri kkundannati*** temporanjament jew ***permanentement jiġu impediti milli jwettqu mill-inqas attivitajiet*** professjonali ***li jinvolvu*** kuntatt dirett u regolari mat-tfal ***jew f'organizzazzjonijiet li jaħdmu għat-tfal jew organizzazzjonijiet*** li jaġixxu fl-interess pubbliku fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ***. Il-persuni li jħaddmu jenħtieġ li jitolbu informazzjoni , meta*** jirreklutaw għal ***post li jinvolvi*** kuntatti diretti u regolari mat-tfal***,*** dwar kundanni eżistenti għal reati sesswali kontra t-tfal ***imdaħħla fir-rekord*** kriminali***,*** jew dwar skwalifiki eżistenti. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, it-terminu "***impjegati***" ***jenħtieġ li jkopri*** wkoll ***persuni li jkunu qed jiġġestixxu*** organizzazzjonijiet ***li jkunu attivi fix-xogħol volontier marbut mas-superviżjoni jew il-kura tat-tfal li tkun tinvolvi kuntatt dirett u regolari mat-tfal*** , inklużi ambjenti komunitarji bħal skejjel, sptarijiet, servizzi ***tal-kura*** soċjali, ***klabbijiet*** sportivi jew komunitajiet reliġjużi ***. Il-mod kif titwassal l-informazzjoni, bħal*** pereżempju l-aċċess permezz ***tal-persuna kkonċernata u l-kontenut*** eżatt tal-informazzjoni, ***it-tifsira***	(50) ***Meta jitqies neċessarju mill-awtoritajiet kompetenti minħabba*** r-riskji***,*** ***it-trasgressuri kkundannati għandhom ikunu pprojbiti*** temporanjament jew ***b'mod permanenti milli jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe attività*** professjonali ***jew volontarja li tinvolvi*** kuntatt dirett u regolari mat-tfal ***jew ma' attivitajiet f'organizzazzjonijiet*** li jaġixxu fl-interess pubbliku fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal***. L-impjegaturi li*** jirreklutaw għal ***pożizzjonijiet li jinvolvu*** kuntatti diretti u regolari mat-tfal ***huma meħtieġa jitolbu informazzjoni*** dwar kundanni eżistenti għal reati sesswali kontra t-tfal ***irreġistrati fir-reġistru*** kriminali jew dwar skwalifiki eżistenti. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, it-terminu "***impjegaturi***" ***jinkludi*** wkoll ***individwi li jimmaniġġjaw*** organizzazzjonijiet ***involuti f'attivitajiet ta' volontarjat relatati mal-kura u s-superviżjoni tat-tfal***, inklużi ambjenti komunitarji bħal skejjel, sptarijiet, servizzi soċjali, ***klabbs*** sportivi***,*** jew komunitajiet reliġjużi***. Il-metodu ta' kif tiġi pprovduta tali informazzjoni,*** pereżempju***,*** l-aċċess permezz ***tal-individwu kkonċernat, kif ukoll il-kontenut*** eżatt tal-informazzjoni, ***id-definizzjoni ta' attivitajiet ta' volontarjat*** organizzati***,*** u l-kuntatt dirett u regolari mat-tfal***, għandhom jiġu***

tal-attivitajiet volontarji organizzati u l-kuntatt dirett u regolari mat-tfal ***jenħtieġ li jkunu stabbiliti*** f'konformità mal-liġi nazzjonali. ***Madankollu, jenħtieġ li*** l-informazzjoni ***trażmessa minn awtorità*** kompetenti ***waħda għal oħra*** mill-inqas ***ikun fiha r-rekords*** rilevanti kollha maħżuna ***minn kwalunkwe Stat Membru*** fir-reġistri ***tar-rekords*** kriminali nazzjonali ***tagħhom, u r-rekords rilevanti kollha li jistgħu jinkisbu faċilment*** minn pajjiżi terzi, ***bħal informazzjoni*** li tista' tinkiseb mir-Renju Unit permezz tal-kanal stabbilit ***f'konformità mat-Titolu*** IX tal-Parti Tlieta tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea ***u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda,*** u r-Renju Unit ***tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra***[19].

ddeterminati f'konformità mal-liġi nazzjonali. L-informazzjoni ***skambjata bejn l-awtoritajiet*** kompetenti ***trid tinkludi*** mill-inqas ***ir-rekords*** rilevanti kollha maħżuna fir-reġistri kriminali nazzjonali ***ta' kull Stat Membru, kif ukoll ir-rekords aċċessibbli kollha*** minn pajjiżi terzi, ***bħall-informazzjoni*** li tista' tinkiseb mir-Renju Unit permezz tal-kanal stabbilit ***fit-Titolu*** IX tal-Parti Tlieta tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit.

[19] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/ojhttp://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj.

Or. en

Emenda 141
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Fejn ikun meħtieġ minħabba l-perikolu kkawżat mit-trasgressuri u r-riskji possibbli ta' repetizzjoni, jenħtieġ li t-trasgressuri kkundannati temporanjament jew ***permanentement*** jiġu impediti milli jwettqu mill-inqas attivitajiet professjonali li jinvolvu ***kuntatt dirett*** u regolari mat-tfal jew f'organizzazzjonijiet li jaħdmu għat-tfal jew organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ***. Il-persuni li jħaddmu***	(50) Fejn ikun meħtieġ minħabba l-perikolu kkawżat mit-trasgressuri u r-riskji possibbli ta' repetizzjoni, jenħtieġ li t-trasgressuri kkundannati temporanjament jew ***b'mod permanenti*** jiġu impediti milli jwettqu mill-inqas attivitajiet professjonali ***u volontarji*** li jinvolvu ***kuntatti diretti*** u regolari mat-tfal jew f'organizzazzjonijiet li jaħdmu għat-tfal jew organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal***. L-***

jenħtieġ li jitolbu informazzjoni , meta jirreklutaw għal post li jinvolvi ***kuntatti diretti*** u regolari mat-tfal, dwar kundanni eżistenti għal reati sesswali kontra t-tfal imdaħħla fir-rekord kriminali, jew dwar skwalifiki eżistenti. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, it-terminu "***impjegati***" jenħtieġ li jkopri wkoll persuni li jkunu qed jiġġestixxu ***organizzazzjonijiet li jkunu attivi*** fix-xogħol volontier marbut mas-superviżjoni jew il-kura tat-tfal li tkun tinvolvi kuntatt dirett u regolari mat-tfal , inklużi ambjenti komunitarji bħal skejjel, sptarijiet, servizzi tal-kura soċjali, klabbijiet sportivi jew komunitajiet reliġjużi . Il-mod kif titwassal l-informazzjoni, bħal pereżempju l-aċċess permezz tal-persuna kkonċernata u l-kontenut eżatt tal-informazzjoni, it-tifsira tal-attivitajiet volontarji organizzati u l-kuntatt dirett u regolari mat-tfal jenħtieġ li jkunu stabbiliti f'konformità mal-liġi nazzjonali. Madankollu, jenħtieġ li l-informazzjoni trażmessa minn awtorità kompetenti waħda għal oħra mill-inqas ikun fiha r-rekords rilevanti kollha maħżuna minn kwalunkwe Stat Membru fir-reġistri tar-rekords kriminali nazzjonali tagħhom, u r-rekords rilevanti kollha li jistgħu jinkisbu faċilment minn pajjiżi terzi, bħal informazzjoni li tista' tinkiseb mir-Renju Unit permezz tal-kanal stabbilit f'konformità mat-Titolu IX tal-Parti Tlieta tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra[19].

[19] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/ojhttp://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj.

impjegaturi jenħtieġ li jitolbu informazzjoni, meta jirreklutaw għal post li jinvolvi ***kuntatt dirett*** u regolari mat-tfal, dwar kundanni eżistenti għal reati sesswali kontra t-tfal imdaħħla fir-rekord kriminali, jew dwar skwalifiki eżistenti. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, it-terminu "***impjegaturi***" jenħtieġ li jkopri wkoll persuni li jkunu qed jiġġestixxu ***organizzazzjoni li tkun attiva*** fix-xogħol volontier marbut mas-superviżjoni jew il-kura tat-tfal li tkun tinvolvi kuntatt dirett u regolari mat-tfal, inklużi ambjenti komunitarji bħal skejjel, sptarijiet, servizzi tal-kura soċjali, klabbijiet sportivi jew komunitajiet reliġjużi. Il-mod kif titwassal l-informazzjoni, bħal pereżempju l-aċċess permezz tal-persuna kkonċernata u l-kontenut eżatt tal-informazzjoni, it-tifsira tal-attivitajiet volontarji organizzati u l-kuntatt dirett u regolari mat-tfal jenħtieġ li jkunu stabbiliti f'konformità mal-liġi nazzjonali. Madankollu, jenħtieġ li l-informazzjoni trażmessa minn awtorità kompetenti waħda għal oħra mill-inqas ikun fiha r-rekords rilevanti kollha maħżuna minn kwalunkwe Stat Membru fir-reġistri tar-rekords kriminali nazzjonali tagħhom, u r-rekords rilevanti kollha li jistgħu jinkisbu faċilment minn pajjiżi terzi, bħal informazzjoni li tista' tinkiseb mir-Renju Unit permezz tal-kanal stabbilit f'konformità mat-Titolu IX tal-Parti Tlieta tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra[19].

[19] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/ojhttp://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidliet mera li saru fil-parti operattiva.

Emenda 142
Fredis Beleris

Proposta għal direttiva
Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Fejn ikun meħtieġ minħabba l-perikolu kkawżat mit-trasgressuri u r-riskji possibbli ***ta' repetizzjoni***, jenħtieġ li t-trasgressuri kkundannati ***temporanjament jew permanentement*** jiġu impediti milli jwettqu mill-inqas attivitajiet professjonali li jinvolvu kuntatt dirett u regolari mat-tfal jew f'organizzazzjonijiet li jaħdmu għat-tfal jew organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ***. Il-persuni li jħaddmu*** jenħtieġ li jitolbu informazzjoni , meta jirreklutaw għal post li jinvolvi ***kuntatti diretti*** u regolari mat-tfal, dwar kundanni eżistenti għal reati sesswali kontra t-tfal imdaħħla fir-rekord kriminali, jew dwar skwalifiki eżistenti. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, it-terminu "***impjegati***" jenħtieġ li jkopri wkoll persuni li jkunu qed jiġġestixxu ***organizzazzjonijiet li jkunu attivi*** fix-xogħol volontier marbut mas-superviżjoni jew il-kura tat-tfal li tkun tinvolvi kuntatt dirett u regolari mat-tfal , inklużi ambjenti komunitarji bħal skejjel, sptarijiet, servizzi tal-kura soċjali, klabbijiet sportivi jew komunitajiet reliġjużi . Il-mod kif titwassal l-informazzjoni, bħal pereżempju l-aċċess permezz tal-persuna kkonċernata u l-kontenut eżatt tal-informazzjoni, it-tifsira tal-attivitajiet volontarji organizzati u l-kuntatt dirett u regolari mat-tfal jenħtieġ li jkunu stabbiliti f'konformità mal-liġi nazzjonali. Madankollu, jenħtieġ li l-informazzjoni trażmessa minn awtorità kompetenti waħda għal oħra mill-inqas	(50) Fejn ikun meħtieġ minħabba l-perikolu kkawżat mit-trasgressuri u r-riskji possibbli ***li jiġu ripetuti r-reati***, jenħtieġ li t-trasgressuri kkundannati ***b'mod permanenti*** jiġu impediti milli jwettqu mill-inqas attivitajiet professjonali li jinvolvu kuntatt dirett u regolari mat-tfal jew f'organizzazzjonijiet li jaħdmu għat-tfal jew organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal***. L-impjegaturi*** jenħtieġ li jitolbu informazzjoni, meta jirreklutaw għal post li jinvolvi ***kuntatt dirett*** u regolari mat-tfal, dwar kundanni eżistenti għal reati sesswali kontra t-tfal imdaħħla fir-rekord kriminali, jew dwar skwalifiki eżistenti. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, it-terminu "***impjegaturi***" jenħtieġ li jkopri wkoll persuni li jkunu qed jiġġestixxu ***organizzazzjoni li tkun attiva*** fix-xogħol volontier marbut mas-superviżjoni jew il-kura tat-tfal li tkun tinvolvi kuntatt dirett u regolari mat-tfal, inklużi ambjenti komunitarji bħal skejjel, sptarijiet, servizzi tal-kura soċjali, klabbijiet sportivi jew komunitajiet reliġjużi. Il-mod kif titwassal l-informazzjoni, bħal pereżempju l-aċċess permezz tal-persuna kkonċernata u l-kontenut eżatt tal-informazzjoni, it-tifsira tal-attivitajiet volontarji organizzati u l-kuntatt dirett u regolari mat-tfal jenħtieġ li jkunu stabbiliti f'konformità mal-liġi nazzjonali. Madankollu, jenħtieġ li l-informazzjoni trażmessa minn awtorità kompetenti waħda għal oħra mill-inqas

ikun fiha r-rekords rilevanti kollha maħżuna minn kwalunkwe Stat Membru fir-reġistri tar-rekords kriminali nazzjonali tagħhom, u r-rekords rilevanti kollha li jistgħu jinkisbu faċilment minn pajjiżi terzi, bħal informazzjoni li tista' tinkiseb mir-Renju Unit permezz tal-kanal stabbilit f'konformità mat-Titolu IX tal-Parti Tlieta tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra[19].	ikun fiha r-rekords rilevanti kollha maħżuna minn kwalunkwe Stat Membru fir-reġistri tar-rekords kriminali nazzjonali tagħhom, u r-rekords rilevanti kollha li jistgħu jinkisbu faċilment minn pajjiżi terzi, bħal informazzjoni li tista' tinkiseb mir-Renju Unit permezz tal-kanal stabbilit f'konformità mat-Titolu IX tal-Parti Tlieta tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra[19].
[19] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/ojhttp://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj.	[19] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/ojhttp://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj.

Or. en

Emenda 143
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Fil-qasam tal-abbuż sesswali tat-tfal, il-fenomenu ta' trasgressuri li jerġgħu jiksbu aċċess għat-tfal wara kundanna jew skwalifika billi jiċċaqilqu lejn ġuriżdizzjoni oħra huwa ***partikolarment mifrux u*** inkwetanti. Għalhekk, huwa kruċjali li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex dan jiġi evitat. Fir-rispett dovut lit-tradizzjonijiet ġuridiċi differenti tal-Istati Membri, din id-Direttiva tieħu kont tal-fatt li l-aċċess għall-fedina penali huwa permess biss mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-persuna konċernata. Din id-Direttiva ma tistabbilixxix obbligu għall-modifika tas-sistemi nazzjonali li jirregolaw il-fedini penali jew il-mezz ta' aċċess ta' dawn il-fedini.	(51) Fil-qasam tal-abbuż sesswali tat-tfal, il-fenomenu ta' trasgressuri li jerġgħu jiksbu aċċess għat-tfal wara kundanna jew skwalifika billi jiċċaqilqu lejn ġuriżdizzjoni oħra huwa inkwetanti. Għalhekk, huwa kruċjali li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex dan jiġi evitat. Fir-rispett dovut lit-tradizzjonijiet ġuridiċi differenti tal-Istati Membri, din id-Direttiva tieħu kont tal-fatt li l-aċċess għall-fedina penali huwa permess biss mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-persuna konċernata. Din id-Direttiva ma tistabbilixxix obbligu għall-modifika tas-sistemi nazzjonali li jirregolaw il-fedini penali jew il-mezz ta' aċċess ta' dawn il-fedini.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Qatt ma konna ppreżentati b'xi fatti li jindikaw li dan huwa fil-fatt "mifrux". Il-memorandum ta' spjegazzjoni ma jgħid xejn dwar dan.

Emenda 144
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(52) Għall-informazzjoni mhux disponibbli jew li għadha mhijiex disponibbli ***fl-ECRIS***, pereżempju informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu wettqu reat sakemm jiġi implimentat bis-sħiħ ir-Regolament 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20], jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu minn kanali oħra biex jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha lill-impjegaturi li jirreklutaw għal ***kariga*** li tinvolvi kuntatt dirett u regolari mat-tfal. L-objettiv ta' din id-Direttiva mhuwiex li jkunu armonizzati r-regoli li jikkonċernaw il-kunsens tal-persuna kkonċernata meta jkun hemm skambju ta' informazzjoni mir-reġistri kriminali, jiġifieri jekk ikunx rikjest tali kunsens jew le. Irrispettivament minn jekk tali kunsens ikunx rikjest jew le skont il-liġi nazzjonali, din id-Direttiva ma tistabbilixxix obbligi ġodda għal tibdil fil-liġi nazzjonali u fil-proċeduri nazzjonali f'dan is-sens.	(52) Għall-informazzjoni mhux disponibbli jew li għadha mhijiex disponibbli ***fis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS)***, pereżempju informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu wettqu reat sakemm jiġi implimentat bis-sħiħ ir-Regolament 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20], jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu minn kanali oħra biex jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha lill-impjegaturi li jirreklutaw għal ***pożizzjoni*** li tinvolvi kuntatt dirett u regolari mat-tfal. L-objettiv ta' din id-Direttiva mhuwiex li jkunu armonizzati r-regoli li jikkonċernaw il-kunsens tal-persuna kkonċernata meta jkun hemm skambju ta' informazzjoni mir-reġistri kriminali, jiġifieri jekk ikunx rikjest tali kunsens jew le. Irrispettivament minn jekk tali kunsens ikunx rikjest jew le skont il-liġi nazzjonali, din id-Direttiva ma tistabbilixxix obbligi ġodda għal tibdil fil-liġi nazzjonali u fil-proċeduri nazzjonali f'dan is-sens.
[20] Ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex	[20] Ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex

tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.***eu/eli/reg/2019/816/oj)***.	tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.***eu/eli/reg/2019/816/oj***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandna dejjem niddeskrivu akronimu qabel ma nużawh l-ewwel.

Emenda 145
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(54) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex joħolqu mekkaniżmi ***għall-ġbir tad-data*** f'livell nazzjonali, lokali jew reġjonali u f'kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili, għall-fini ***tal-osservazzjoni u stima tal-fenomenu*** tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal , filwaqt li jibnu wkoll fuq l-obbligi aktar wiesa' tal-ġbir tad-data stabbiliti fid-Direttiva […/…] [id-Direttiva dwar id-drittijiet tal-vittmi, Riformulazzjoni], u r-Regolament (UE) [ir-Regolament li jipprevjeni u jiġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal] . Biex tkun tista' tevalwa adegwatement ir-riżultati tal-azzjonijiet għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal , jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tiżviluppa l-ħidma tagħha fir-rigward tal-metodoloġiji u tal-metodi tal-ġbir ta' data sabiex tiġi prodotta statistika komparabbli. Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE, bħala ċentru ta' għarfien ċentrali dwar l-abbuż sesswali tat-tfal fl-Unjoni, ikollu rwol ewlieni f'dan ir-rigward.	(54) ***Huwa essenzjali li tinġabar data u tiġi evalwata sabiex tiġi implimentata prevenzjoni effettiva u jiġu miġġielda l-abbuż sesswali u l-isfruttament tat-tfal. Hemm elementi ewlenin biex jitjiebu d-detezzjoni, ir-rispons u l-prevenzjoni ta' dawn ir-reati.*** L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex joħolqu mekkaniżmi ***għal tali ġbir tad-data*** f'livell nazzjonali, lokali jew reġjonali u f'kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili, għall-fini ***li josservaw u jevalwaw il-fenomenu*** tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, filwaqt li jibnu wkoll fuq l-obbligi aktar wiesa' tal-ġbir tad-data stabbiliti fid-Direttiva […/…] [id-Direttiva dwar id-drittijiet tal-vittmi, Riformulazzjoni], u r-Regolament (UE) [ir-Regolament li jipprevjeni u jiġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal]. Biex tkun tista' tevalwa adegwatement ir-riżultati tal-azzjonijiet għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tiżviluppa l-ħidma tagħha fir-rigward tal-metodoloġiji u tal-metodi tal-ġbir ta' data sabiex tiġi prodotta statistika komparabbli***. Il-ġbir ta' din id-***

data jenħtieġ li jqis is-sitwazzjonijiet ta' tfal li huma partikolarment vulnerabbli, bħat-tfal migranti jew dawk taħt il-kura tal-awtoritajiet pubbliċi. Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE, bħala ċentru ta' għarfien ċentrali dwar l-abbuż sesswali tat-tfal fl-Unjoni, ikollu rwol ewlieni f'dan ir-rigward.

Or. en

Emenda 146
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi, András László

Proposta għal direttiva
Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(54) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex joħolqu mekkaniżmi għall-ġbir tad-data f'livell nazzjonali, lokali jew reġjonali u f'kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili, għall-fini ***tal-osservazzjoni u stima tal-fenomenu*** tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal , filwaqt li jibnu wkoll fuq l-obbligi aktar wiesa' tal-ġbir tad-data stabbiliti fid-Direttiva […/…] [id-Direttiva dwar id-drittijiet tal-vittmi, Riformulazzjoni], u r-Regolament (UE) [ir-Regolament li jipprevjeni u jiġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal] . Biex tkun tista' tevalwa adegwatement ir-riżultati tal-azzjonijiet għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal , jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tiżviluppa l-ħidma tagħha fir-rigward tal-metodoloġiji u tal-metodi tal-ġbir ***ta' data*** sabiex tiġi prodotta statistika komparabbli. Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE, bħala ċentru ta' għarfien ċentrali dwar l-abbuż sesswali tat-tfal fl-Unjoni, ikollu rwol ewlieni f'dan ir-rigward.	(54) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex joħolqu mekkaniżmi għall-ġbir tad-data f'livell nazzjonali, lokali jew reġjonali u f'kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili, għall-fini ***li josservaw u jevalwaw il-fenomenu*** tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, filwaqt li jibnu wkoll fuq l-obbligi aktar wiesa' tal-ġbir tad-data stabbiliti fid-Direttiva […/…] [id-Direttiva dwar id-drittijiet tal-vittmi, Riformulazzjoni], u r-Regolament (UE) [ir-Regolament li jipprevjeni u jiġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal]. Biex tkun tista' tevalwa adegwatement ir-riżultati tal-azzjonijiet għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tiżviluppa l-ħidma tagħha fir-rigward tal-metodoloġiji u tal-metodi tal-ġbir ***tad-data*** sabiex tiġi prodotta statistika komparabbli ***li tqis, b'mod partikolari, il-limiti differenti biex jiġu definiti r-reati kriminali, u twettaq riċerka dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' definizzjoni konsistenti (l-awtur u l-vittmi ta' etajiet speċifiċi jew b'diskrepanza speċifika fl-età) meta mqabbla ma' definizzjoni***

varjabbli (klassifikazzjoni legali identika minkejja limiti ta' età differenti). Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE, bħala ċentru ta' għarfien ċentrali dwar l-abbuż sesswali tat-tfal fl-Unjoni, ikollu rwol ewlieni f'dan ir-rigward.

Or. fr

Emenda 147
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva
Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) Il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***huwa tip ta' kontenut speċifiku li ma jistax jiġi interpretat bħala*** l-espressjoni ***ta' opinjoni***. Biex jiġi miġġieled, jeħtieġ li tonqos iċ-ċirkolazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal billi jsir aktar diffiċli li t-trasgressuri jtellgħu tali kontenut fuq l-Internet aċċessibbli pubblikament. Għaldaqstant hija meħtieġa azzjoni biex jitneħħa l-kontenut u jinqabdu dawk ħatja tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u t-tniżżil ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. Bil-għan li jkunu appoġġati l-isforzi tal-Unjoni fit-taqbida kontra l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal , jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu mill-aħjar biex ***jikkoperaw*** ma' pajjiżi terzi sabiex jiżguraw it-tneħħija ta' tali kontenut mis-servers fit-territorju tagħhom.	(56) Il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***min-natura tiegħu stess ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' ideat jew opinjonijiet li l-komunikazzjoni u*** l-espressjoni ***tagħhom huma protetti***. Biex jiġi miġġieled, jeħtieġ li tonqos iċ-ċirkolazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal billi jsir aktar diffiċli li t-trasgressuri jtellgħu tali kontenut fuq l-Internet aċċessibbli pubblikament. Għaldaqstant hija meħtieġa azzjoni biex jitneħħa l-kontenut u jinqabdu dawk ħatja tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u t-tniżżil ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. Bil-għan li jkunu appoġġati l-isforzi tal-Unjoni fit-taqbida kontra l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu mill-aħjar biex ***jikkooperaw*** ma' pajjiżi terzi sabiex jiżguraw it-tneħħija ta' tali kontenut mis-servers fit-territorju tagħhom.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-pedopornografija ma tkunx tista' titqies li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà tal-espressjoni sempliċement bħala riżultat tan-natura "speċifika" tagħha.

Emenda 148
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel, Sandro Ruotolo

Proposta għal direttiva
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) L-isforzi tal-Istati Membri biex inaqqsu ċ-ċirkolazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, inkluż billi jikkooperaw ma' pajjiżi terzi skont din id-Direttiva, jenħtieġ li ma jaffettwawx ir-Regolament (UE) 2022/2065, ir-Regolament (UE) 2021/1232 u […/…/ Regolament li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal]. Il-kontenut online li jikkostitwixxi jew jiffaċilita r-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva se jkun soġġett għal miżuri skont ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] fir-rigward ta' kontenut illegali.	(57) L-isforzi tal-Istati Membri biex inaqqsu ċ-ċirkolazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, inkluż billi jikkooperaw ma' pajjiżi terzi skont din id-Direttiva, jenħtieġ li ma jaffettwawx ir-Regolament (UE) 2022/2065, ir-Regolament (UE) 2021/1232 u […/…/ Regolament li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal]. Il-kontenut online li jikkostitwixxi jew jiffaċilita r-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva se jkun soġġett għal miżuri skont ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] fir-rigward ta' kontenut illegali. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jaħdmu lejn il-projbizzjoni tal-użu ta' terminoloġija bħal "adolexxenti" jew "tfal" fuq is-siti web kollha li fihom materjal pornografiku, inklużi dawk fejn il-materjal innifsu huwa legali u ma jkunx fih materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.***
[21] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).	[21] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsistenza bil-għan li jinqered il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online peress li dan it-tip ta' terminoloġija jista' jiftaħ il-bieb għal tiftix ta' materjal illegali.

Emenda 149
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Minkejja dawn l-isforzi mill-Istati Membri , it-tneħħija ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mis-sors tiegħu spiss ma tkunx possibbli fejn il-materjali oriġinali ma jkunux allokati fl-Unjoni, jew għaliex l-Istat fejn ikunu ospitati s-servers ma jkunx lest jikkoopera jew għaliex it-tneħħija tal-materjal mill-Istat ikkonċernat tkun proċess partikolarment twil. Għalhekk jistgħu jiġu stabbiliti wkoll mekkaniżmi għall-imblukkar ta' aċċess mit-territorju tal-Unjoni għal paġni tal-internet li jkun fihom jew li jxerrdu l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal . Il-miżuri meħudin mill-Istati Membri f'konformità ma' din id-Direttiva sabiex jeliminaw jew, fejn ikun xieraq, jimblukkaw il-websites li jkun fihom materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jistgħu jkunu msejsin fuq varji tipi ta' azzjoni pubblika, bħal dik leġiżlattiva, non-leġiżlattiva, ġudizzjarja jew xort'oħra. F'dak il-kuntest, din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-azzjoni volontarja meħuda mill-industrija tal-Internet li tipprevjeni l-użu ħażin tas-servizzi tagħha, jew għal kull appoġġ għal tali azzjoni mill-Istati Membri. Irrispettivament mill-bażi għall-azzjoni jew il-metodu magħżulin, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun jagħti livell adegwat ta' ċertezza legali u prevedibbiltà għall-utenti u fornituri tas-servizz. Kemm bil-ħsieb li jitneħħa kif ukoll biex jiġi mblukkat il-kontenut tal-abbuż tat-tfal, jenħtieġ li tiġi stabbilita u msaħħa kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari fl-interess li jiġi żgurat li listi nazzjonali ta' websites li jkollhom fihom materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikunu kemm jista' jkun kompleti u jiġi evitat xogħol doppju. Kwalunkwe tali	***imħassar***

żviluppi jeħtieġ jieħdu kont tad-drittijiet tal-utenti finali, iżommu mal-proċeduri legali u ġudizzjarji eżistenti u jikkonformaw mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Drittijiet Fundamentali u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. In-network kofinanzjat mill-UE ta' hotlines

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Għalkemm dan huwa punt leġittimu, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament li jistabbilixxi regoli li jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-abbuż sesswali tat-tfal (it-Taqsima 5).

Emenda 150
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Minkejja dawn l-isforzi mill-Istati Membri , it-tneħħija ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mis-sors tiegħu spiss ma tkunx possibbli fejn il-materjali oriġinali ma jkunux allokati fl-Unjoni, jew għaliex l-Istat fejn ikunu ospitati s-servers ma jkunx lest jikkoopera jew għaliex it-tneħħija tal-materjal mill-Istat ikkonċernat tkun proċess partikolarment twil. Għalhekk jistgħu jiġu stabbiliti wkoll mekkaniżmi ***għall-imblukkar ta' aċċess*** mit-territorju tal-Unjoni għal paġni tal-internet li jkun fihom jew li jxerrdu l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal . Il-miżuri meħudin mill-Istati Membri f'konformità ma' din id-Direttiva sabiex jeliminaw jew, fejn ikun xieraq, jimblukkaw il-websites li jkun fihom materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jistgħu jkunu msejsin fuq varji tipi ta' azzjoni pubblika, bħal dik leġiżlattiva, non-leġiżlattiva, ġudizzjarja jew xort'oħra. F'dak il-kuntest, din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-azzjoni	(58) Minkejja dawn l-isforzi mill-Istati Membri, it-tneħħija ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mis-sors tiegħu spiss ma tkunx possibbli fejn il-materjali oriġinali ma jkunux allokati fl-Unjoni, jew għaliex l-Istat fejn ikunu ospitati s-servers ma jkunx lest jikkoopera jew għaliex it-tneħħija tal-materjal mill-Istat ikkonċernat tkun proċess partikolarment twil. Għalhekk jistgħu jiġu stabbiliti wkoll mekkaniżmi ***li jimblukkaw l-aċċess*** mit-territorju tal-Unjoni għal paġni tal-internet li jkun fihom jew li jxerrdu l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. Il-miżuri meħudin mill-Istati Membri f'konformità ma' din id-Direttiva sabiex jeliminaw jew, fejn ikun xieraq, jimblukkaw il-websites li jkun fihom materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jistgħu jkunu msejsin fuq varji tipi ta' azzjoni pubblika, bħal dik leġiżlattiva, non-leġiżlattiva, ġudizzjarja jew xort'oħra. F'dak il-kuntest, din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-azzjoni

volontarja meħuda mill-industrija tal-Internet li tipprevjeni l-użu ħażin tas-servizzi tagħha, jew għal kull appoġġ għal tali azzjoni mill-Istati Membri. Irrispettivament mill-bażi għall-azzjoni jew il-metodu magħżulin, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun jagħti livell adegwat ta' ċertezza legali u prevedibbiltà għall-utenti u fornituri tas-servizz. Kemm bil-ħsieb li jitneħħa kif ukoll biex jiġi mblukkat il-kontenut tal-abbuż tat-tfal, jenħtieġ li tiġi stabbilita u msaħħa kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari ***fl-interess*** li jiġi żgurat li listi nazzjonali ta' websites li jkollhom fihom materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikunu kemm jista' jkun kompleti u jiġi evitat xogħol doppju. Kwalunkwe ***tali żviluppi jeħtieġ jieħdu kont tad-drittijiet*** tal-utenti finali***, iżommu*** mal-proċeduri legali u ġudizzjarji eżistenti u ***jikkonformaw*** mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Drittijiet Fundamentali u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. In-network kofinanzjat mill-UE ta' hotlines[22]jittratta rapporti ta' allegat materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal irrapportat b'mod anonimu mill-pubbliku u jikkoopera mal-infurzar tal-liġi u l-industrija fil-livell nazzjonali, Ewropea u globali biex tiġi żgurata t-tneħħija rapida ta' dan it-tip ta' kontenut.	volontarja meħuda mill-industrija tal-Internet li tipprevjeni l-użu ħażin tas-servizzi tagħha, jew għal kull appoġġ għal tali azzjoni mill-Istati Membri. Irrispettivament mill-bażi għall-azzjoni jew il-metodu magħżulin, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun jagħti livell adegwat ta' ċertezza legali u prevedibbiltà għall-utenti u fornituri tas-servizz. Kemm bil-ħsieb li jitneħħa kif ukoll biex jiġi mblukkat il-kontenut tal-abbuż tat-tfal, jenħtieġ li tiġi stabbilita u msaħħa kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari ***fl-interessi*** li jiġi żgurat li listi nazzjonali ta' websites li jkollhom fihom materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikunu kemm jista' jkun kompleti u jiġi evitat xogħol doppju. Kwalunkwe ***żvilupp bħal dan irid iqis id-drittijiet*** tal-utenti finali ***u jikkonforma*** mal-proċeduri legali u ġudizzjarji eżistenti u mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Drittijiet Fundamentali u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. ***Huwa jenħtieġ li b'mod partikolari ma jwassalx għat-tneħħija jew l-imblukkar żejda ta' kontenut legali fuq l-istess website.*** In-network kofinanzjat mill-UE ta' hotlines[22] jittratta rapporti ta' allegat materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal irrapportat b'mod anonimu mill-pubbliku u jikkoopera mal-infurzar tal-liġi u l-industrija fil-livell nazzjonali, Ewropea u globali biex tiġi żgurata t-tneħħija rapida ta' dan it-tip ta' kontenut.
[22] Bħalissa fl-ambitu tal-Programm Ewropa Diġitali.	[22] Bħalissa fl-ambitu tal-Programm Ewropa Diġitali.

Or. en

Emenda 151
Fredis Beleris

Proposta għal direttiva
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Minkejja dawn l-isforzi mill-Istati Membri , it-tneħħija ta’ materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal mis-sors tiegħu spiss ma tkunx possibbli fejn il-materjali oriġinali ma jkunux allokati fl-Unjoni, jew għaliex l-Istat fejn ikunu ospitati s-servers ma jkunx lest jikkoopera jew għaliex it-tneħħija tal-materjal mill-Istat ikkonċernat tkun proċess partikolarment twil. Għalhekk ***jistgħu*** jiġu stabbiliti wkoll mekkaniżmi ***għall-imblukkar ta’ aċċess*** mit-territorju tal-Unjoni għal paġni tal-internet li jkun fihom jew li jxerrdu l-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal . Il-miżuri meħudin mill-Istati Membri f’konformità ma’ din id-Direttiva sabiex jeliminaw jew, fejn ikun xieraq, jimblukkaw il-websites li jkun fihom materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal jistgħu jkunu msejsin fuq varji tipi ta’ azzjoni pubblika, bħal dik leġiżlattiva, non-leġiżlattiva, ġudizzjarja jew xort’oħra. F’dak il-kuntest, din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-azzjoni volontarja meħuda mill-industrija tal-Internet li tipprevjeni l-użu ħażin tas-servizzi tagħha, jew għal kull appoġġ għal tali azzjoni mill-Istati Membri. Irrispettivament mill-bażi għall-azzjoni jew il-metodu magħżulin, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun jagħti livell adegwat ta’ ċertezza legali u prevedibbiltà għall-utenti u fornituri tas-servizz. Kemm bil-ħsieb li jitneħħa kif ukoll biex jiġi mblukkat il-kontenut tal-abbuż tat-tfal, jenħtieġ li tiġi stabbilita u msaħħa kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, b’mod partikolari ***fl-interess*** li jiġi żgurat li listi nazzjonali ta’ websites li jkollhom fihom materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal ikunu kemm jista’ jkun kompleti u jiġi evitat xogħol doppju. Kwalunkwe tali żviluppi jeħtieġ jieħdu kont tad-drittijiet tal-utenti finali, iżommu mal-proċeduri legali u ġudizzjarji eżistenti u jikkonformaw mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Drittijiet Fundamentali u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni	(58) Minkejja dawn l-isforzi mill-Istati Membri, it-tneħħija ta’ materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal mis-sors tiegħu spiss ma tkunx possibbli fejn il-materjali oriġinali ma jkunux allokati fl-Unjoni, jew għaliex l-Istat fejn ikunu ospitati s-servers ma jkunx lest jikkoopera jew għaliex it-tneħħija tal-materjal mill-Istat ikkonċernat tkun proċess partikolarment twil. Għalhekk ***jenħtieġ li*** jiġu stabbiliti wkoll mekkaniżmi ***li jimblukkaw l-aċċess*** mit-territorju tal-Unjoni għal paġni tal-internet li jkun fihom jew li jxerrdu l-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal. Il-miżuri meħudin mill-Istati Membri f’konformità ma’ din id-Direttiva sabiex jeliminaw jew, fejn ikun xieraq, jimblukkaw il-websites li jkun fihom materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal jistgħu jkunu msejsin fuq varji tipi ta’ azzjoni pubblika, bħal dik leġiżlattiva, non-leġiżlattiva, ġudizzjarja jew xort’oħra. F’dak il-kuntest, din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-azzjoni volontarja meħuda mill-industrija tal-Internet li tipprevjeni l-użu ħażin tas-servizzi tagħha, jew għal kull appoġġ għal tali azzjoni mill-Istati Membri. Irrispettivament mill-bażi għall-azzjoni jew il-metodu magħżulin, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun jagħti livell adegwat ta’ ċertezza legali u prevedibbiltà għall-utenti u fornituri tas-servizz. Kemm bil-ħsieb li jitneħħa kif ukoll biex jiġi mblukkat il-kontenut tal-abbuż tat-tfal, jenħtieġ li tiġi stabbilita u msaħħa kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, b’mod partikolari ***fl-interessi*** li jiġi żgurat li listi nazzjonali ta’ websites li jkollhom fihom materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal ikunu kemm jista’ jkun kompleti u jiġi evitat xogħol doppju. Kwalunkwe tali żviluppi jeħtieġ jieħdu kont tad-drittijiet tal-utenti finali, iżommu mal-proċeduri legali u ġudizzjarji eżistenti u jikkonformaw mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Drittijiet Fundamentali u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni

Ewropea. In-network kofinanzjat mill-UE ta' hotlines[22]jittratta rapporti ta' allegat materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal irrapportat b'mod anonimu mill-pubbliku u jikkoopera mal-infurzar tal-liġi u l-industrija fil-livell nazzjonali, Ewropea u globali biex tiġi żgurata t-tneħħija rapida ta' dan it-tip ta' kontenut.

[22] Bħalissa fl-ambitu tal-Programm Ewropa Diġitali.

Ewropea. In-network kofinanzjat mill-UE ta' hotlines[22] jittratta rapporti ta' allegat materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal irrapportat b'mod anonimu mill-pubbliku u jikkoopera mal-infurzar tal-liġi u l-industrija fil-livell nazzjonali, Ewropea u globali biex tiġi żgurata t-tneħħija rapida ta' dan it-tip ta' kontenut.

[22] Bħalissa fl-ambitu tal-Programm Ewropa Diġitali.

Or. en

Emenda 152
Francisco Assis

Proposta għal direttiva
Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(60) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni tad-dinjità umana, il-projbizzjoni tat-tortura u ***t-trattament*** jew il-kastig inuman jew degradanti, id-drittijiet tat-tfal, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, id-dritt għall-protezzjoni ta' data personali, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust u l-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati kriminali u pieni. Din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ għal dawk id-drittijiet u prinċipji u għandha tiġi implimentata kif meħtieġ.	(60) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u ***tosserva*** l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni tad-dinjità umana, il-projbizzjoni tat-tortura u ***l-abbuż*** jew il-kastig inuman jew degradanti, id-drittijiet tat-tfal, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, id-dritt għall-protezzjoni ta' data personali, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust u l-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati kriminali u pieni. Din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ għal dawk id-drittijiet u prinċipji u għandha tiġi implimentata kif meħtieġ.

Or. pt

Emenda 153
Milan Uhrík

Proposta għal direttiva
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Jenħtieġ li l-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali jkun limitat għal ***dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva*** meta mqabbel mad-Direttiva ***ta' qabel. L-obbligu li jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula joħroġ mid-Direttiva ta' qabel***.	(63) Jenħtieġ li l-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali jkun limitat għal ***emendi sostantivi*** meta mqabbel mad-Direttiva ***preċedenti, filwaqt li tiġi żgurata l-flessibbiltà tal-Istati Membri biex jallinjaw il-liġi nazzjonali mal-objettivi tad-Direttiva***.

Or. en

Emenda 154
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi rigward id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u solleċitazzjoni tat-tfal għal finijiet sesswali. Hija wkoll tintroduċi dispożizzjonijiet ***komuni*** biex issaħħaħ il-prevenzjoni ta' dawk ir-reati kriminali ***u l-protezzjoni*** tal-vittmi tagħhom.	Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi rigward id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u solleċitazzjoni tat-tfal għal finijiet sesswali***, inklużi dawk impenjati permezz tal-użu tal-informazzjoni u t-teknoloġiji tal-komunikazzjoni***. Hija wkoll tintroduċi dispożizzjonijiet biex issaħħaħ il-prevenzjoni ta' dawk ir-reati kriminali***, kif ukoll il-protezzjoni, l-appoġġ u r-rimedju*** tal-vittmi tagħhom.

Or. en

Emenda 155
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi rigward id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u solleċitazzjoni tat-tfal għal finijiet sesswali. Hija wkoll tintroduċi dispożizzjonijiet ***komuni*** biex issaħħaħ il-prevenzjoni ta' dawk ir-reati kriminali u l-protezzjoni tal-vittmi tagħhom.	Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi rigward id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u solleċitazzjoni tat-tfal għal finijiet sesswali***, bħala forom ta' vjolenza sesswali u inkluż permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***. Hija wkoll tintroduċi dispożizzjonijiet biex issaħħaħ il-prevenzjoni ta' dawk ir-reati kriminali u l-protezzjoni tal-vittmi tagħhom.

Or. en

Emenda 156
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi rigward id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u solleċitazzjoni tat-tfal għal finijiet sesswali. Hija wkoll tintroduċi dispożizzjonijiet ***komuni*** biex issaħħaħ il-prevenzjoni ta' dawk ir-reati kriminali ***u l-protezzjoni*** tal-vittmi tagħhom.	Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi rigward id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u solleċitazzjoni tat-tfal għal finijiet sesswali***, inkluż permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***. Hija wkoll tintroduċi dispożizzjonijiet biex issaħħaħ il-prevenzjoni ta' dawk ir-reati kriminali***, il-protezzjoni, l-appoġġ u r-rimedju*** tal-vittmi ***u s-superstiti*** tagħhom.

Or. en

Emenda 157
Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Evin Incir, Antonio López-Istúriz White, Merja Kyllönen, Anna Stürgkh, François-Xavier Bellamy

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi rigward id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u solleċitazzjoni tat-tfal għal finijiet sesswali. Hija wkoll tintroduċi dispożizzjonijiet ***komuni*** biex issaħħaħ il-prevenzjoni ta' dawk ir-reati kriminali u l-protezzjoni tal-vittmi tagħhom.	Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi rigward id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u solleċitazzjoni tat-tfal għal finijiet sesswali***, inkluż permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***. Hija wkoll tintroduċi dispożizzjonijiet biex issaħħaħ il-prevenzjoni ta' dawk ir-reati kriminali u l-protezzjoni tal-vittmi tagħhom.

Or. en

Emenda 158
Milan Uhrík

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva ***tistabbilixxi regoli minimi*** rigward id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, ***il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal*** u solleċitazzjoni tat-tfal għal finijiet sesswali. ***Hija*** wkoll tintroduċi dispożizzjonijiet ***komuni*** biex issaħħaħ il-prevenzjoni ***ta' dawk ir-reati kriminali*** u l-protezzjoni tal-vittmi ***tagħhom***.	Din id-Direttiva ***għandha l-għan li tistabbilixxi rakkomandazzjonijiet*** rigward id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, ***il-pedopornografija*** u solleċitazzjoni tat-tfal għal finijiet sesswali. ***Għandha*** wkoll ***l-għan li*** tintroduċi dispożizzjonijiet biex issaħħaħ il-prevenzjoni ***tar-reat*** u l-protezzjoni tal-vittmi ***tiegħu***.

Or. en

Emenda 159
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) (2) "superstiti" tfisser persuna li esperjenzat vjolenza sesswali bħala tfal, irrispettivament mill-istatus legali tagħha u r-rikonoxximent tagħha bħala vittma ta' reat minn sistema legali.

Or. en

Emenda 160
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) (2) "superstiti" tfisser persuna li esperjenzat vjolenza sesswali bħala tfal, irrispettivament mill-istatus legali u r-rikonoxximent bħala vittma ta' reat mis-sistema legali rispettiva.

Or. en

Emenda 161
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) "superstiti" tfisser persuna li esperjenzat vjolenza sesswali bħala tfal, irrispettivament mill-istatus legali tagħha u r-rikonoxximent tagħha bħala vittma ta' reat minn sistema legali.

Or. en

Emenda 162

Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) "vjolenza sesswali kontra t-tfal"[1a] tfisser kwalunkwe att sesswali li fih persuna tieħu vantaġġ mill-iżbilanċ tal-poter li jkollha fuq it-tfal biex timmanipulahom u tikseb gratifikazzjoni sesswali.
	[1a] Definizzjoni minn Save the Children.

Or. en

Emenda 163
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "età ta' kunsens sesswali" tfisser l-età li taħtha, f'konformità mal-liġi nazzjonali, hija pprojbita l-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali mat-tfal;	(2) "età ta' kunsens sesswali" tfisser l-età li taħtha, f'konformità mal-liġi nazzjonali, hija pprojbita l-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali mat-tfal ***fiċ-ċirkostanzi kollha***;

Or. en

Emenda 164
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) "kunsens" tat-tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali tfisser kwalunkwe indikazzjoni mogħtija liberament,

speċifika, infurmata u mhux ambigwa li t-tfal jaqblu li jkollhom att sesswali, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tal-madwar;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' "kunsens" tmexxiet hawnhekk għal-loġika interna tat-test.

Emenda 165
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) kwalunkwe materjal li viżwalment juri tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali ***jew*** simulata;	(a) kwalunkwe materjal li viżwalment juri tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali***, jew iġġenerata u*** simulata ***b'intelliġenza artifiċjali jew maħluqa permezz ta' kwalunkwe mezz kompjuterizzat ieħor***;

Or. ro

Emenda 166
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***kwalunkwe materjal li viżwalment juri tfal*** li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita***,*** reali jew simulata;	(a) ***il-forom kollha ta' rappreżentazzjoni, bil-mezzi kollha, ta' tfal jew kwalunkwe parti mill-ġisem tat-tfal*** li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita reali jew simulata;

Or. en

Emenda 167
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) kwalunkwe ***materjal li viżwalment juri tfal*** li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita***,*** reali jew simulata;	(a) kwalunkwe ***rappreżentazzjoni, bi kwalunkwe mezz, ta' tfal jew kwalunkwe parti mill-ġisem tat-tfal*** li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita reali jew simulata;

Or. en

Emenda 168
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) kwalunkwe ***materjal li viżwalment juri tfal*** li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita***,*** reali jew simulata;	(a) kwalunkwe ***rappreżentazzjoni, bi kwalunkwe mezz, ta' tfal jew kwalunkwe parti mill-ġisem tat-tfal*** li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita reali jew simulata;

Or. en

Emenda 169
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) kwalunkwe materjal li ***viżwalment*** juri tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata;	(a) kwalunkwe materjal li juri tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata;

Or. en

Emenda 170
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) rappreżentazzjoni ***tal-organi sesswali ta' tfal*** għal finijiet primarjament sesswali;	(b) ***kwalunkwe*** rappreżentazzjoni***, rappreżentanza, bi kwalunkwe mezz, tal-partijiet sesswali tat-tfal*** għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Emenda 171
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ta' tfal*** għal finijiet primarjament sesswali;	(b) ***il-forom kollha ta' rappreżentanza, bil-mezzi kollha, tal-partijiet sesswali tat-tfal*** għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Emenda 172
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ta' tfal*** għal finijiet primarjament sesswali;	(b) ***kwalunkwe rappreżentanza, bi kwalunkwe mezz tal-partijiet sesswali tat-tfal*** għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Emenda 173
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Sandro Ruotolo

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;	(b) rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ***jew tal-partijiet intimi*** ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meħtieġa sabiex jiġu koperti l-partijiet kollha tal-ġisem li ġeneralment jidhru f'materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Emenda 174
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) rappreżentazzjoni tal-organi ***sesswali*** ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;	(b) rappreżentazzjoni tal-organi ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jistgħu jkunu wkoll organi oħra, l-element ewlieni huwa "għal finijiet primarjament sesswali".

Emenda 175
Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) kwalunkwe materjal li viżwalment juri kwalunkwe persuna li tidher li hija tfal li tkun qed tieħu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata, jew kwalunkwe rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ta' kwalunkwe persuna li tidher tfal, għal finijiet primarjament sesswali;	(c) kwalunkwe materjal li viżwalment juri kwalunkwe persuna li tidher li hija tfal li tkun qed tieħu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata, jew kwalunkwe rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ***jew tal-partijiet privati*** ta' kwalunkwe persuna li tidher tfal, għal finijiet primarjament sesswali;

Or. ro

Emenda 176
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Sandro Ruotolo

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) kwalunkwe materjal li viżwalment juri kwalunkwe persuna li tidher li hija tfal li tkun qed tieħu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata, jew kwalunkwe rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ta' kwalunkwe persuna li tidher tfal, għal finijiet primarjament sesswali***;**	(c) kwalunkwe materjal li viżwalment juri kwalunkwe persuna li tidher li hija tfal li tkun qed tieħu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata, jew kwalunkwe rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ***jew partijiet intimi*** ta' kwalunkwe persuna li tidher tfal, għal finijiet primarjament sesswali

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsistenza ma' emendi oħra.

Emenda 177
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***kwalunkwe materjal li viżwalment juri*** kwalunkwe persuna li tidher li hija tfal	(c) ***il-forom kollha ta' rappreżentanza, bi kwalunkwe mezz, ta'*** kwalunkwe

li tkun qed tieħu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata, jew kwalunkwe rappreżentazzjoni ***tal-organi*** sesswali ta' kwalunkwe persuna li tidher tfal, għal finijiet primarjament sesswali;	persuna li tidher li hija tfal li tkun qed tieħu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata, jew kwalunkwe rappreżentazzjoni ***tal-partijiet*** sesswali ta' kwalunkwe persuna li tidher tfal, għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Emenda 178
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) kwalunkwe ***materjal li viżwalment juri*** kwalunkwe persuna li tidher li hija tfal li tkun qed tieħu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata, jew kwalunkwe rappreżentazzjoni ***tal-organi*** sesswali ta' kwalunkwe persuna li tidher tfal, għal finijiet primarjament sesswali;	(c) Kwalunkwe ***rappreżentanza, bi kwalunkwe mezz, ta'*** kwalunkwe persuna li tidher li hija tfal li tkun qed tieħu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata, jew kwalunkwe rappreżentazzjoni ***tal-partijiet*** sesswali ta' kwalunkwe persuna li tidher tfal, għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Emenda 179
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) kwalunkwe materjal li ***viżwalment*** juri kwalunkwe persuna li tidher li hija tfal li tkun qed tieħu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata, jew kwalunkwe rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ta' kwalunkwe persuna li tidher tfal, għal finijiet primarjament sesswali;	(c) kwalunkwe materjal li juri kwalunkwe persuna li tidher li hija tfal li tkun qed tieħu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata, jew kwalunkwe rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ta' kwalunkwe persuna li tidher tfal, għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Emenda 180
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***stampi*** , riproduzzjonijiet jew ***rappreżentazzjonijiet realistiċi*** ta' tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew tal-organi sesswali ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali;	(d) ***immaġnijiet realistiċi, inklużi dawk iġġenerati mill-intelliġenza artifiċjali jew maħluqa permezz ta' kwalunkwe mezz kompjuterizzat ieħor***, riproduzzjonijiet jew ***rappreżentanzi*** ta' tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew tal-organi sesswali ***jew il-partijiet privati*** ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali;

Or. ro

Emenda 181
Loucas Fourlas

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) stampi ***, riproduzzjonijiet jew rappreżentazzjonijiet*** realistiċi ta' tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew tal-organi sesswali ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali;	(d) stampi***, pseudoritratti, riproduzzjoni jew rappreżentanza*** realistiċi ta' tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew tal-organi sesswali ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali; ***irrispettivament mill-metodu ta' ħolqien jew manipulazzjoni;***

Or. en

Emenda 182
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Sandro Ruotolo

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) stampi , riproduzzjonijiet jew ***rappreżentazzjonijiet*** realistiċi ta' tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew tal-organi sesswali ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali;	(d) stampi, riproduzzjonijiet jew ***rappreżentanzi*** realistiċi ta' tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew tal-organi sesswali ***jew il-partijiet intimi*** ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsistenza ma' emendi oħra.

Emenda 183
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***stampi , riproduzzjonijiet jew rappreżentazzjonijiet*** realistiċi ta' tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew ***tal-organi*** sesswali ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali;	(d) ***kwalunkwe stampa, riproduzzjoni jew rappreżentanza*** realistiċi ta' tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew ***tal-partijiet*** sesswali ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Emenda 184
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***stampi , riproduzzjonijiet jew rappreżentazzjonijiet realistiċi*** ta' tfal li	(d) ***kwalunkwe stampa, riproduzzjoni jew rappreżentanza realistika*** ta' tfal li

jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew ***tal-organi*** sesswali ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali;	jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew ***tal-partijiet*** sesswali ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Emenda 185
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***stampi , riproduzzjonijiet jew rappreżentazzjonijiet realistiċi*** ta' tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew ***tal-organi*** sesswali ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali;	(d) ***kwalunkwe stampa, riproduzzjoni jew rappreżentanza realistika*** ta' tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew ***tal-partijiet*** sesswali ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Emenda 186
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) stampi , riproduzzjonijiet jew ***rappreżentazzjonijiet*** realistiċi ta' tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew tal-organi sesswali ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali;	(d) stampi, riproduzzjonijiet jew ***rappreżentanzi*** realistiċi ta' tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew tal-organi sesswali ta' tfal, għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jistgħu jkunu wkoll organi oħra, l-element ewlieni huwa "għal finijiet primarjament sesswali".

Emenda 187
András László

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d – punt i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(i) Billi jitqiesu b'mod partikolari:
	– reġistrazzjonijiet magħmula ta' persuni reali u aktar tard manipulati;
	– reġistrazzjonijiet li juru persuni artifiċjali li ġew prodotti kompletament b'mod artifiċjali; u
	– pupi tas-sess, robots u apparati oħra li realistikament jirrappreżentaw lit-tfal.

Or. hu

Ġustifikazzjoni

Aħna nappoġġaw l-objettiv tal-proposta, iżda, fl-istess ħin, it-test ma jurix b'mod ċar biżżejjed li l-mira tiegħu hija deep fake u kontenut realistiku ġġenerat mill-IA, u li d-Direttiva tapplika wkoll għall-pupi tas-sess, ir-robots u apparat ieħor li realistikament jirrappreżenta lit-tfal. Għalkemm il-premessa relatata fiha referenza għal dawn, it-test tad-Direttiva għandu jagħmel enfasi akbar fuq il-fatt li dawn jikkostitwixxu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Emenda 188
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel, Sandro Ruotolo

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) kwalunkwe materjal, inkluż l-awdjo, li jiddeskrivi tfal involuti f'imġiba sesswalment espliċita reali jew simulata, għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jiġi kopert f'format awdjo jew testwali.

Emenda 189
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kwalunkwe materjal, irrispettivament mill-forma tiegħu, maħsub biex jipprovdi pariri, gwida jew struzzjonijiet dwar kif jista' jitwettaq abbuż sesswali jew sfruttament sesswali tat-tfal jew sollečitazzjoni tat-tfal;	***imħassar***

Or. en

Emenda 190
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kwalunkwe materjal, irrispettivament mill-forma tiegħu, maħsub biex jipprovdi pariri, gwida jew struzzjonijiet dwar kif jista' jitwettaq abbuż sesswali jew sfruttament sesswali tat-tfal jew sollečitazzjoni tat-tfal;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tmexxa għall-paragrafu (3a) (ġdid), issa limitat minn "kwalunkwe materjal" għal "ġabra ta' informazzjoni". Ara wkoll l-Artikolu 5a (ġdid) dwar dan.

Emenda 191

Sebastian Tynkkynen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kwalunkwe materjal, irrispettivament mill-forma tiegħu, maħsub biex jipprovdi pariri, gwida jew struzzjonijiet dwar kif jista' jitwettaq abbuż sesswali jew sfruttament sesswali tat-tfal jew solleċitazzjoni tat-tfal;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-manwali li jipprovdu struzzjonijiet dwar kif jitwettaq abbuż sesswali tat-tfal ("manwali għall-pedofili") għandhom ikunu f'dispożizzjoni separata minflok ma jkunu parti mid-definizzjoni ta' abbuż sesswali tat-tfal. Din tqis id-differenzi inerenti fil-materjal illeċitu u tevita konsegwenzi mhux previsti għal atti legali oħrajn li jiddependu mid-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fid-Direttiva CSA. Il-manwali nfushom mhumiex materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u m'għandhomx jiġu ttrattati bħala tali, anke jekk il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tagħhom hija kriminalizzata. Huwa importanti wkoll li jiġi ċċarat li l-kriminalizzazzjoni tal-"għoti ta' pariri dwar kif isiru s-sejbien, il-grooming u l-abbuż tat-tfal u jiġi evitat li jiġu identifikati u pproċessati" m'għandhiex tkopri parir ġenerali dwar il-privatezza u l-anonimità online u tevita s-sorveljanza li huma essenzjali għall-protezzjoni tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem taċ-ċittadini individwali.

Emenda 192
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kwalunkwe materjal, irrispettivament mill-forma tiegħu, maħsub biex jipprovdi pariri, gwida jew struzzjonijiet dwar kif jista' jitwettaq abbuż sesswali jew sfruttament sesswali tat-tfal jew solleċitazzjoni tat-tfal;	(e) ***"manwal ta' struzzjonijiet dwar kif jiġu abbużati sesswalment it-tfal" tfisser*** kwalunkwe materjal, irrispettivament mill-forma tiegħu, maħsub biex jipprovdi pariri, gwida jew struzzjonijiet dwar kif jista' jitwettaq abbuż sesswali jew sfruttament sesswali tat-tfal jew solleċitazzjoni tat-tfal;

Or. en

Emenda 193
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kwalunkwe materjal, irrispettivament mill-forma tiegħu, maħsub biex jipprovdi pariri, gwida jew struzzjonijiet dwar kif ***jista' jitwettaq abbuż sesswali jew sfruttament sesswali tat-tfal jew sollečitazzjoni tat-tfal***;	(e) ***"manwal ta' struzzjonijiet dwar kif jiġu abbużati sesswalment it-tfal" tfisser*** kwalunkwe materjal, irrispettivament mill-forma tiegħu, maħsub biex jipprovdi pariri, gwida jew struzzjonijiet dwar kif ***jitwettqu r-reati elenkati f'din id-Direttiva***;

Or. en

Emenda 194
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) "Manwal ta' struzzjonijiet dwar l-abbuż sesswali tat-tfal" jew "manwali" tfisser ġabra ta' informazzjoni, irrispettivament mill-forma tagħhom, maħsuba biex jipprovdu pariri, gwida jew struzzjonijiet dwar kif jitwettaq abbuż sesswali tat-tfal jew sfruttament sesswali jew sollečitazzjoni tat-tfal, u dwar kif tiġi evitata l-prosekuzzjoni għal dawk ir-reati;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Marbuta mal-Artikolu 5a (ġdid)

Emenda 195
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) "Manwal ta' struzzjonijiet dwar kif jiġu abbużati sesswalment it-tfal" tfisser kwalunkwe materjal, irrispettivament mill-forma tiegħu, maħsub biex jipprovdi pariri, gwida jew struzzjonijiet dwar kif jitwettqu r-reati elenkati fl-Artikoli 3, 4, 5, 6 u 7 tad-Direttiva;

Or. en

Emenda 196
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) "Manwal ta' struzzjonijiet dwar l-abbuż sesswali tat-tfal" tfisser ġabra ta' informazzjoni, irrispettivament mill-forma tagħha, maħsuba biex tipprovdi pariri, gwida jew struzzjonijiet dwar kif jitwettaq abbuż sesswali tat-tfal jew sfruttament sesswali jew solleċitazzjoni tat-tfal;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-manwali li jipprovdu struzzjonijiet dwar kif jitwettaq abbuż sesswali tat-tfal ("manwali għall-pedofili") għandhom ikunu f'dispożizzjoni separata minflok ma jkunu parti mid-definizzjoni ta' abbuż sesswali tat-tfal. Din tqis id-differenzi inerenti fil-materjal illeċitu u tevita konsegwenzi mhux previsti għal atti legali oħrajn li jiddependu mid-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali fid-Direttiva CSA. Il-manwali nfushom mhumiex materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u m'għandhomx jiġu ttrattati bħala tali, anke jekk il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tagħhom hija kriminalizzata. Huwa importanti wkoll li jiġi ċċarat li l-kriminalizzazzjoni tal-"għoti ta' pariri dwar kif isiru s-sejbien, il-grooming u l-abbuż tat-tfal u jiġi evitat li jiġu identifikati u pproċessati" m'għandhiex tkopri parir ġenerali dwar il-privatezza u l-anonimità online u tevita s-sorveljanza li huma essenzjali għall-protezzjoni tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem taċ-ċittadini individwali.

Emenda 197
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) "immaġni realistika" tfisser kwalunkwe stampa li s-sofistikazzjoni jew ix-xebh tagħha għal persuni reali tista' twassal biex wieħed jemmen li hija awtentika;

Or. fr

Emenda 198
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) " sfruttament tat-tfal fil-prostituzzjoni " tfisser l-użu ta' tfal għal attivitajiet sesswali fejn il-flus jew kwalunkwe forma oħra ta' rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni tingħata jew tiġi mwiegħda ***bħala ħlas sabiex it-tfal*** jieħdu sehem f'attivitajiet sesswali, irrispettivament minn jekk ***dak*** il-ħlas, il-wegħda jew il-konsiderazzjoni ***ssirx*** lit-tfal jew lil parti terza;	(4) "sfruttament tat-tfal fil-prostituzzjoni" tfisser l-użu ta' tfal għal attivitajiet sesswali fejn il-flus jew kwalunkwe forma oħra ta' rimunerazzjoni***, gwadann, vantaġġ, benefiċċju*** jew konsiderazzjoni tingħata jew tiġi mwiegħda ***talli t-tfal*** jieħdu sehem f'attivitajiet sesswali, irrispettivament minn jekk il-ħlas, il-wegħda***, il-gwadann, il-vantaġġ, il-benefiċċju*** jew il-konsiderazzjoni ***jsirux*** lit-tfal jew lil parti terza;

Or. en

Emenda 199
Verena Mertens

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) " ***sfruttament tat-tfal fil-prostituzzjoni*** " tfisser l-użu ta' tfal għal attivitajiet sesswali fejn il-flus jew kwalunkwe forma oħra ta' rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni tingħata jew tiġi mwiegħda ***bħala ħlas sabiex it-tfal*** jieħdu sehem f'attivitajiet sesswali, irrispettivament minn jekk ***dak*** il-ħlas, il-wegħda jew il-konsiderazzjoni ***ssirx*** lit-tfal jew lil parti terza;	(4) "***sfruttament sesswali tat-tfal***" tfisser l-użu ta' tfal għal attivitajiet sesswali fejn il-flus jew kwalunkwe forma oħra ta' rimunerazzjoni***, profitt, vantaġġ, benefiċċju*** jew konsiderazzjoni tingħata jew tiġi mwiegħda ***talli t-tfal*** jieħdu sehem f'attivitajiet sesswali, irrispettivament minn jekk il-ħlas, il-wegħda***, il-profitt, il-vantaġġ, il-benefiċċju*** jew il-konsiderazzjoni ***jsirux*** lit-tfal jew lil parti terza;

Or. en

Emenda 200
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) " ***sfruttament tat-tfal fil-prostituzzjoni*** " tfisser l-użu ta' tfal għal attivitajiet sesswali fejn il-flus jew kwalunkwe forma oħra ta' rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni tingħata jew tiġi mwiegħda ***bħala ħlas sabiex it-tfal*** jieħdu sehem f'attivitajiet sesswali, irrispettivament minn jekk ***dak il-ħlas***, il-wegħda jew il-konsiderazzjoni ***ssirx*** lit-tfal jew lil parti terza;	(4) "***sfruttament sesswali tat-tfal***" tfisser l-użu ta' tfal għal attivitajiet sesswali fejn il-flus jew kwalunkwe forma oħra ta' rimunerazzjoni***, gwadann, vantaġġ, benefiċċju*** jew konsiderazzjoni tingħata jew tiġi mwiegħda ***talli t-tfal*** jieħdu sehem f'attivitajiet sesswali, irrispettivament minn jekk ***ir-rimunerazzjoni, il-gwadann, il-vantaġġ***, il-wegħda jew il-konsiderazzjoni ***jsirux*** lit-tfal jew lil parti terza;

Or. en

Emenda 201
Milan Uhrík

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) “prestazzjoni ta’ abbuż sesswali tat-tfal ” tfisser l-esibizzjoni diretta **,** ***immirata għal*** udjenza, ***anke*** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ta’:	(5) “prestazzjoni ta’ abbuż sesswali tat-tfal” tfisser l-esibizzjoni diretta ***mmirata lejn individwu jew*** udjenza, ***inkluż*** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ta’:

Or. en

Emenda 202
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) “prestazzjoni ta’ abbuż sesswali tat-tfal ” tfisser l-esibizzjoni diretta **,** ***immirata għal udjenza, anke*** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ta’:	(5) “prestazzjoni ta’ abbuż sesswali tat-tfal” tfisser l-esibizzjoni diretta ***mmirata lejn udjenza ta’ persuna waħda jew aktar, inkluż*** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ta’:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal-loġika interna tat-test biex jiġi żgurat li telefonati bil-vidjo ma’ persuna waħda jkunu koperti.

Emenda 203
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***ta’*** tfal li jkunu qed jieħdu sehem ***f’imġiba*** sesswalment ***espliċita***, reali jew ***simulata***; jew	(a) tfal li jkunu qed jieħdu sehem ***f’att jew imġiba*** sesswalment ***espliċiti***, reali jew ***simulati***; jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal-loġika interna tat-test.

Emenda 204
Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***tal-organi*** sesswali ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;	(b) ***l-organi*** sesswali ***jew il-partijiet intimi*** ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;

Or. ro

Emenda 205
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Sandro Ruotolo

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***tal-organi*** sesswali ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;	(b) ***l-organi*** sesswali ***jew il-partijiet intimi*** ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsistenza ma' emendi oħra.

Emenda 206
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) ***tal-organi*** sesswali ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;	(b) ***il-partijiet*** sesswali ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Emenda 207
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***tal-organi*** sesswali ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;	(b) ***il-partijiet*** sesswali ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Emenda 208
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***tal-organi*** sesswali ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;	(b) ***il-partijiet*** sesswali ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Emenda 209
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***tal-organi sesswali*** ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;	(b) ***l-organi*** ta' tfal għal finijiet primarjament sesswali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jistgħu jkunu wkoll organi oħra, l-element ewlieni huwa "għal finijiet primarjament sesswali". Tirrifletti l-Artikolu 3(b) u (d).

Emenda 210
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) "Estorsjoni sesswali tat-tfal" tirreferi għall-att li bih persuna tiġi mhedda li jitqassam materjal intimu li jkun fih vittma minorenni sabiex jinkisbu l-flus, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, jew forom oħra ta' gwadann, bit-theddida li dan il-materjal jiġi kondiviż mingħajr il-kunsens tal-persuna murija.

Or. en

Emenda 211
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) "estorsjoni sesswali tat-tfal" tfisser il-fatt li ssir theddida li jiġi kondiviż materjal intimu li juri vittma minorenni biex jinkisbu l-flus, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, jew kwalunkwe benefiċċju ieħor bit-theddida li l-materjal jiġi kondiviż mingħajr il-kunsens tal-persuna murija.

Or. en

Emenda 212

Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) "estorsjoni sesswali tat-tfal" tfisser il-fatt li ssir theddida li jitqassam materjal intimu li juri vittma minorenni biex jinkisbu l-flus, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, jew kwalunkwe benefiċċju ieħor bit-theddida li l-materjal jiġi kondiviż mingħajr il-kunsens tal-persuna murija.

Or. en

Emenda 213
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) "terapija ta' konverżjoni" tfisser kwalunkwe trattament bl-għan li tinbidel l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru ta' persuna;

Or. en

Emenda 214
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) "Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni" tirreferi għal kwalunkwe għodda jew riżorsa teknoloġika użata għall-ħżin, il-ħolqien, il-kondiviżjoni jew l-iskambju diġitali ta' informazzjoni, inklużi l-ismartphones, il-

kompjuters, il-pjattaformi tan-networking soċjali, u applikazzjonijiet u servizzi oħra tal-media;

Or. en

Emenda 215
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) "teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni" tfisser kwalunkwe għodda u riżorsa teknoloġika użati għall-ħżin, il-ħolqien, il-kondiviżjoni jew l-iskambju diġitali ta' informazzjoni, inklużi l-ismartphones, il-kompjuters, in-networking soċjali u applikazzjonijiet u servizzi oħra tal-media;

Or. en

Emenda 216
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) "teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni" tfisser kwalunkwe għodda u riżorsa teknoloġika użati għall-ħżin, il-ħolqien, il-kondiviżjoni jew l-iskambju diġitali ta' informazzjoni, inklużi l-ismart phones, il-kompjuters, in-networking soċjali u applikazzjonijiet u servizzi oħra tal-media;

Or. en

Emenda 217
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) "online" tfisser permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;

Or. en

Emenda 218
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) "online" tfisser permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;

Or. en

Emenda 219
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7c) "online" tirreferi għall-mezzi kollha tal-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;

Or. en

Emenda 220

Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) "pari" tfisser persuni ***li jkunu qrib fl-età u*** fil-livell ta' żvilupp jew maturità psikoloġika u fiżika.	(8) "pari" tfisser persuni ***b'differenza fl-età ta' massimu ta' tliet snin u li jkunu qrib*** fil-livell ta' żvilupp jew maturità psikoloġika u fiżika.

Or. fr

Emenda 221
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) "pari" tfisser persuni li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' żvilupp ***jew*** maturità psikoloġika u fiżika.	(8) "pari" tfisser persuni li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' żvilupp ***u*** maturità psikoloġika u fiżika.

Or. en

Emenda 222
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Sophie Wilmès, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) "pari" tfisser persuni li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' żvilupp ***jew*** maturità psikoloġika u fiżika.	(8) "pari" tfisser persuni li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' żvilupp ***u*** maturità psikoloġika u fiżika.

Or. en

Emenda 223

Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) "pari" tfisser persuni li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' żvilupp ***jew*** maturità psikoloġika u fiżika.	(8) "pari" tfisser persuni li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' żvilupp ***u*** maturità psikoloġika u fiżika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kundizzjonijiet għandhom ikunu kumulattivi.

Emenda 224
François-Xavier Bellamy, Caterina Chinnici, Antonio López-Istúriz White, Javier Zarzalejos

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) "kontenut pornografiku" tfisser materjal stampat jew online li jiddeskrivi jew juri b'mod espliċitu mġiba sesswalment espliċita reali jew simulata jew li juri bi kwalunkwe mod organi sesswali primarjament għal finijiet sesswali.

Or. en

Emenda 225
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) "hotline" tfisser organizzazzjoni stabbilita fi Stat Membru li taġixxi fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali

tat-tfal u li tkun ġiet awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' "hotline" tmexxiet għall-Artikolu 2 għal-loġika interna tat-test.

Emenda 226
Alessandro Zan, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Evin Incir, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Francisco Assis, Merja Kyllönen, Pina Picierno, Antonio López-Istúriz White, Anna Stürgkh, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) "terapija ta' konverżjoni" tfisser kwalunkwe trattament bl-għan li jbiddel l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru ta' persuna.

Or. en

Emenda 227
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Reati li jikkonċernaw abbuż sesswali	Reati li jikkonċernaw abbuż sesswali ***tat-tfal***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jirrifletti t-titolu ta' artikoli oħra.

Emenda 228

Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafi 2 sa ***8*** tkun punibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba ***intenzjonata*** msemmija fil-paragrafi 2 sa ***8*** tkun punibbli***, inkluż jekk l-imġiba tkun twettqet permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***.

Or. en

Emenda 229
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafi 2 sa ***8*** tkun punibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafi 2 sa ***8*** tkun punibbli***, inkluż jekk l-imġiba tkun twettqet permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***.

Or. en

Emenda 230
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafi 2 sa ***8*** tkun punibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafi 2 sa ***8*** tkun punibbli***, inkluż jekk l-imġiba tkun***

twettqet permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Or. en

Emenda 231
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafi 2 sa ***8*** tkun punibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafi 2 sa ***8*** tkun punibbli***, inkluż jekk l-imġiba tkun twettqet bl-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***.

Or. en

Emenda 232
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafi 2 sa ***8*** tkun punibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba ***intenzjonali*** msemmija fil-paragrafi 2 sa ***8*** tkun punibbli.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni mill-ġdid ta' kelma li tneħħiet mit-test bi żball, skont il-Kummissjoni stess.

Emenda 233
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal***, li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali, li*** jaraw attivitajiet sesswali, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sena priġunerija.	2. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal jaraw attivitajiet sesswali, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sena priġunerija.

Or. en

Emenda 234
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal, li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali, li jaraw attivitajiet sesswali, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***sena*** priġunerija.	2. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal, li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali, li jaraw attivitajiet sesswali, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***tliet snin*** priġunerija.

Or. ro

Emenda 235
Assita Kanko

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal, li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali, li jaraw attivitajiet sesswali, anki jekk dawn ma jiġux	2. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal, li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali, li jaraw attivitajiet sesswali, anki jekk dawn ma jiġux

imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***sena*** priġunerija.	imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***sentejn*** priġunerija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-reat jista' jittrawmatizza lit-tfal u jkollu impatt negattiv fuq l-iżvilupp tagħhom. Jikkostitwixxi wkoll pass ieħor lejn reati kriminali aktar serji mill-awtur. L-Istati Membri għandhom għalhekk jiġu mħeġġa japplikaw sentenzi serji.

Emenda 236
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sena priġunerija meta t-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens tagħhom.

Or. en

Emenda 237
François-Xavier Bellamy, Caterina Chinnici, Antonio López-Istúriz White, Javier Zarzalejos

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-esponiment ta' tfal għal kontenut pornografiku, inkluż permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, għall-fini tat-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 5(6), għandu jkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin

priġunerija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, "il-preżenza online tat-tfal iżżid l-esponiment tagħhom għal kontenut dannuż jew illegali, bħall-abbuż jew l-isfruttament sesswali tat-tfal, il-pornografija u l-kontenut tal-adulti". Dan l-esponiment, tinnota l-Kummissjoni, iġib miegħu wkoll ir-riskju ta' kuntatt dannuż u illegali, bħall-grooming ċibernetiku u s-solleċitazzjoni sesswali, il-bullying fuq l-internet jew l-abbuż u l-fastidju online. Il-proliferazzjoni tal-hekk imsejħa pjattaformi għall-adulti, li għandhom it-tendenza jinjoraw il-ħtieġa li jirrestringu l-aċċess għal ċertu kontenut għat-tfal, toħloq sfidi għall-infurzar tal-liġi u toħloq possibbiltajiet ġodda ta' abbuż. Bosta evidenza xjentifika tissottolinja t-trawma psikoloġika u emozzjonali sinifikanti kif ukoll l-impatt detrimentali fuq l-iżvilupp konjittiv ikkawżati mill-esponiment tat-tfal għal kontenut pornografiku. Aktar minn hekk, xi awturi jużaw dan il-kontenut bħala teknika ta' grooming bl-għan li jiddisensittivizzaw it-tfal għall-attività sesswali billi jalteraw il-perċezzjonijiet tagħhom tas-sesswalità u jnaqqsu r-reżistenza tagħhom għal imġiba mhux xierqa. Meta jitqies dan kollu, l-esponiment tat-tfal għal kontenut pornografiku, kemm offline kif ukoll online, għandu jikkostitwixxi reat kriminali skont il-liġi tal-UE. L-għan huwa li jiġi ristrett il-fluss ta' dan il-kontenut, fid-dawl ta' tali kunsiderazzjonijiet fundamentali ta' politika pubblika bħall-protezzjoni tat-tfal u l-iżgurar tal-iżvilupp san tagħhom.

Emenda 238
François-Xavier Bellamy, Caterina Chinnici, Antonio López-Istúriz White, Javier Zarzalejos

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. It-tixrid konxju ta' kontenut pornografiku b'tali mod li jkun probabbli li t-tfal ikollhom aċċess għalih, għandu jkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sena priġunerija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-pjattaformi online li jiffaċilitaw l-aċċess tat-tfal għal materjal pornografiku, inkluż billi jonqsu milli jimplimentaw għodod effettivi ta' verifika tal-età, għandhom jinżammu responsabbli għal dan ir-reat, filwaqt li jitqiesu mhux biss il-ħsara fuq terminu qasir li jikkawża lit-tfal, iżda anki l-effetti fuq terminu twil li jistgħu jalteraw l-attitudni tat-tfal għall-attività sesswali u, fl-aħħar mill-aħħar, iwasslu għal abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal. Il-

kriminalizzazzjoni tal-esponiment tat-tfal għal kontenut pornografiku tissodisfa l-ħtieġa li l-liġi tal-UE tibqa' valida fil-futur u hija relatata ma' wieħed mill-għanijiet fundamentali ta' din id-direttiva - it-tisħiħ u t-titjib tal-miżuri ta' prevenzjoni kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal. In-natura transfruntiera ta' dan il-fenomenu u ż-żieda fil-prevalenza tal-użu tat-teknoloġiji online li jiffaċilitaw ir-riskji ta' abbuż sesswali tat-tfal u jamplifikaw l-isfruttament tal-vulnerabbiltajiet tat-tfal, tiġġustifika din il-proposta għal emenda. In-nuqqas ta' regoli komuni f'dan il-qasam iwassal għall-proliferazzjoni ta' diversi liġijiet nazzjonali, kull waħda bl-eċċezzjonijiet tagħha. Dan iwassal għal qafas legali diżorganizzat u għal protezzjoni inugwali tat-tfal, u jimmina l-isforzi ta' infurzar tal-liġi li diġà jsiru f'ċerti Stati Membri.

Emenda 239
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali li jaraw abbuż sesswali, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.	3. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali***, jew lit-tfal li jkunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens,*** li jaraw abbuż sesswali, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.

Or. en

Emenda 240
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal ***li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali li*** jaraw abbuż sesswali, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.	3. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal jaraw abbuż sesswali, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.

Or. en

Emenda 241
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal ***li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali li*** jaraw abbuż sesswali, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.	3. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal jaraw abbuż sesswali, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.

Or. en

Emenda 242
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali li jaraw abbuż sesswali, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***sentejn*** priġunerija.	3. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali li jaraw abbuż sesswali, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***tliet snin*** priġunerija.

Or. ro

Emenda 243
Assita Kanko

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali li jaraw abbuż sesswali, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***sentejn*** priġunerija.	3. L-imġiba li, għal finijiet sesswali, iġġiegħel lil tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali li jaraw abbuż sesswali, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***tliet snin*** priġunerija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-reat jista' jittrawmatizza lit-tfal u jkollu impatt negattiv fuq l-iżvilupp tagħhom. Jikkostitwixxi wkoll pass kbir ieħor lejn reati kriminali aktar serji mill-awtur. L-Istati Membri għandhom għalhekk jiġu mħeġġa japplikaw sentenzi serji.

Emenda 244
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel, Sandro Ruotolo

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew l-imġiba li ġġiegħel lil tfal jipparteċipaw f'attivitajiet sesswali ma' persuna oħra għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***8*** snin priġunerija.	4. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew l-imġiba li ġġiegħel lil tfal jipparteċipaw f'attivitajiet sesswali ma' persuna oħra ***jew fuqhom infushom*** għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***8*** snin priġunerija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi żgurat li l-loġika tat-test tkopri kemm jista' jkun sitwazzjonijiet magħrufa ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Emenda 245
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi, András László

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew l-imġiba li ġġiegħel lil tfal jipparteċipaw f'attivitajiet sesswali ma' persuna oħra għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***8*** snin priġunerija.	4. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew l-imġiba li ġġiegħel lil tfal jipparteċipaw f'attivitajiet sesswali ***fuqhom infushom jew*** ma' persuna oħra għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***8*** snin priġunerija.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Huwa essenzjali li jiġu previsti wkoll l-abbużi sesswali li l-predaturi jġiegħlu lit-tfal jwettqu fuqhom infushom.

Emenda 246
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew l-imġiba li ġġiegħel lil tfal jipparteċipaw f'attivitajiet sesswali ma' persuna oħra għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***8*** snin priġunerija.	4. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ***bi kwalunkwe mezz*** ma' tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew l-imġiba li ġġiegħel lil tfal jipparteċipaw f'attivitajiet sesswali ma' persuna oħra għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***8*** snin priġunerija.

Or. en

Emenda 247
Assita Kanko

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet	4. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet

sesswali ma' tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew l-imġiba li ġġiegħel lil tfal jipparteċipaw f'attivitajiet sesswali ma' persuna oħra għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***8*** snin priġunerija.	sesswali ma' tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew l-imġiba li ġġiegħel lil tfal jipparteċipaw f'attivitajiet sesswali ma' persuna oħra għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10*** snin priġunerija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda fil-piena proposta biex tirrifletti l-fatt li dan ir-reat huwa ta' natura estremament serja, x'aktarx trawmatizzanti għall-vittma u li taffettwa l-iżvilupp tagħha.

Emenda 248
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu l-età ta' kunsens sesswali u:
	(a) ma jagħtux il-kunsens għall-att ma' pari;jew
	(b) ikunu mġiegħla jipparteċipaw f'attivitajiet sesswali ma' persuna li mhijiex pari.

Or. en

Emenda 249
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorità jew	(a) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorità jew

influwenza fuq it-tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali u ta' mill-inqas 6*** snin priġunerija***, jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***; ***jew***	influwenza fuq it-tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10*** snin priġunerija;

Or. en

Emenda 250
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq it-tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali u ta' mill-inqas 6*** snin priġunerija***, jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***; jew	(a) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq it-tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10*** snin priġunerija; jew

Or. en

Emenda 251
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq it-tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali u ta' mill-inqas 6*** snin priġunerija***, jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-***	(a) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq it-tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10*** snin priġunerija; jew

età; jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex tirrifletti approċċ ġdid meħud biex l-età tal-kunsens titiqes bħala ċirkostanza aggravanti pjuttost milli fil-kwalifika tar-reati. L-istess loġika għall-paragrafi 5 (b) u (c), 6 u 8.

Emenda 252
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq it-tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali u ta' mill-inqas 6*** snin priġunerija***, jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***; jew	(a) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq it-tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10*** snin priġunerija; jew

Or. en

Emenda 253
Assita Kanko

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq it-tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin*** priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali u ta' mill-inqas ***6*** snin priġunerija, jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età; jew	(a) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq it-tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il sena*** priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali u ta' mill-inqas ***8*** snin priġunerija, jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età; jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda fil-piena proposta biex tirrifletti l-fatt li dan ir-reat huwa ta' natura estremament serja, x'aktarx trawmatizzanti għall-vittma u li taffettwa l-iżvilupp tagħha.

Emenda 254
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) isir abbuż minn sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tat-tfal, b'mod partikolari minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas 6*** snin priġunerija ***jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***; ***jew***	(b) isir abbuż minn sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tat-tfal, b'mod partikolari minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10*** snin priġunerija;

Or. en

Emenda 255
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) isir abbuż minn sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tat-tfal, b'mod partikolari minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas 6*** snin priġunerija ***jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***; jew	(b) isir abbuż minn sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tat-tfal, b'mod partikolari minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10*** snin priġunerija; jew

Or. en

Emenda 256
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) isir abbuż minn sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tat-tfal, b'mod partikolari minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza, ***għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 10 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas 6*** snin priġunerija ***jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***; jew	(b) isir abbuż minn sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tat-tfal, b'mod partikolari minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza, ***li jgħixu f'ambjent istituzzjonalizzat jew tfal imċaħħda mil-libertà, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 10*** snin priġunerija; jew

Or. en

Emenda 257
Assita Kanko

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) isir abbuż minn sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tat-tfal, b'mod partikolari minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin*** priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas ***6*** snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età; jew	(b) isir abbuż minn sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tat-tfal, b'mod partikolari minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il sena*** priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas ***8*** snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età; jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda fil-piena proposta biex tirrifletti l-fatt li dan ir-reat huwa ta' natura estremament serja, x'aktarx trawmatizzanti għall-vittma u li taffettwa l-iżvilupp tagħha.

Emenda 258
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) isir użu minn ġegħil, forza jew theddid, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas 7 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.***	(c) isir użu minn ġegħil, forza jew theddid, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija***;***

Or. en

Emenda 259
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) isir użu minn ġegħil, forza jew theddid, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas 7 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.***	(c) isir użu minn ġegħil, forza jew theddid, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija***;***

Or. en

Emenda 260
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) isir użu minn ġegħil, forza jew theddid, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il sena priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas 7 snin*** priġunerija ***jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.***	(c) isir użu minn ġegħil, forza***, estorsjoni*** jew theddid, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il sena*** priġunerija***;***

Or. en

Emenda 261
Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) isir użu minn ġegħil, forza jew theddid, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas *7* snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.	(c) isir użu minn ġegħil, forza***, vjolenza fiżika jew psikoloġika, rikatt*** jew theddid, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas *7* snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

Or. fr

Emenda 262
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) isir użu minn ġegħil, forza ***jew theddid***, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena	(c) isir użu minn ġegħil, forza***, theddid jew l-offerta ta' rimunerazzjoni jew kunsiderazzjoni***, għandha tkun punibbli

priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas *7* snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.	b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas *7* snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

Or. ro

Emenda 263
Assita Kanko

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) isir użu minn ġegħil, forza jew theddid, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas *7* snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.	(c) isir użu minn ġegħil, forza jew theddid, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***14-il*** sena priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas ***9*** snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda fil-piena proposta biex tirrifletti l-fatt li dan ir-reat huwa ta' natura estremament serja, x'aktarx trawmatizzanti għall-vittma u li taffettwa l-iżvilupp tagħha.

Emenda 264
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-imġiba li b'ġegħil, forza jew theddid iddaħħal tfal f'attivitajiet sesswali ma' parti terza għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas 7 snin priġunerija jekk it-tfal***	6. L-imġiba li b'ġegħil, forza jew theddid iddaħħal tfal f'attivitajiet sesswali ma' parti terza għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija***;***

ikunu qabżu dik l-età.

Or. en

Emenda 265
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-imġiba li b'ġegħil, forza jew theddid iddaħħal tfal f'attivitajiet sesswali ma' parti terza għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas 7 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	6. L-imġiba li b'ġegħil, forza jew theddid iddaħħal tfal f'attivitajiet sesswali ma' parti terza għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija.

Or. en

Emenda 266
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Birgit Sippel, Sandro Ruotolo

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-imġiba li b'ġegħil, forza jew theddid iddaħħal tfal f'attivitajiet sesswali ma' parti terza għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas 7 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	6. L-imġiba li b'ġegħil, forza jew theddid iddaħħal tfal f'attivitajiet sesswali ma' parti terza għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsistenza ma' emendi oħra. B'mod partikolari fil-każ ta' ġegħil, sfurzar jew theddid tat-tfal

f'attivitajiet sesswali, il-fatt li t-tfal ikunu jistgħu jesprimu l-kunsens m'għandux ikollu effett fuq is-sentenza massima.

Emenda 267
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-imġiba li b'ġegħil, forza jew theddid iddaħħal tfal f'attivitajiet sesswali ma' parti terza għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas 7 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	6. L-imġiba li b'ġegħil, forza jew theddid iddaħħal tfal f'attivitajiet sesswali ma' parti terza għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija.

Or. en

Emenda 268
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi, András László

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-imġiba li b'ġegħil, forza jew theddid iddaħħal tfal f'attivitajiet sesswali ma' parti terza għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas *7* snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.	6. L-imġiba li b'ġegħil, forza jew theddid iddaħħal tfal f'attivitajiet sesswali ***fuqhom infushom jew*** ma' parti terza għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas *7* snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Huwa essenzjali li jiġu previsti wkoll l-abbużi sesswali li l-predaturi jġiegħlu lit-tfal jwettqu

fuqhom infushom.

Emenda 269
Assita Kanko

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-imġiba li b'ġegħil, forza jew theddid iddaħħal tfal f'attivitajiet sesswali ma' parti terza għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il*** sena priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas ***7*** snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.	6. L-imġiba li b'ġegħil, forza jew theddid iddaħħal tfal f'attivitajiet sesswali ma' parti terza għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***14-il*** sena priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas ***9*** snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda fil-piena proposta biex tirrifletti l-fatt li dan ir-reat huwa ta' natura estremament serja, x'aktarx trawmatizzanti għall-vittma u li taffettwa l-iżvilupp tagħha.

Emenda 270
Assita Kanko

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-imġiba intenzjonali li ġejja għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12***-il sena priġunerija:	7. L-imġiba intenzjonali li ġejja għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***14***-il sena priġunerija:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda fil-piena proposta biex tirrifletti l-fatt li dan ir-reat huwa ta' natura estremament serja, x'aktarx trawmatizzanti għall-vittma u li taffettwa l-iżvilupp tagħha.

Emenda 271
Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-imġiba intenzjonali li ġejja għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12***-il sena priġunerija:	7. L-imġiba intenzjonali li ġejja għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***15***-il sena priġunerija:

Or. en

Emenda 272
Tomas Tobé

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-parteċipazzjoni ma' tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali fi kwalunkwe att ta' penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali ta' natura sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew b'oġġett;	(a) il-parteċipazzjoni ma' tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali fi kwalunkwe att ta' penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali ta' natura sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew b'oġġett***, jew xi att sesswali ieħor li, fid-dawl tal-gravità tal-vjolazzjoni, huwa kumparabbli mal-att sesswali***;

Or. en

Emenda 273
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 7 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-imġiba li ġġiegħel lit-tfal taħt l-età ta' kunsens sesswali jipparteċipaw fi kwalunkwe att ta' penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali ta' natura sesswali, bi

kwalunkwe parti tal-ġisem jew b'oġġett;

Or. en

Emenda 274
Tomas Tobé

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-imġiba li ġġiegħel lit-tfal taħt l-età tal-kunsens sesswali jipparteċipaw ma' persuna oħra fi kwalunkwe att ta' penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali ta' natura sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew b'oġġett**.**	(b) l-imġiba li ġġiegħel lit-tfal taħt l-età tal-kunsens sesswali jipparteċipaw ma' persuna oħra fi kwalunkwe att ta' penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali ta' natura sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew b'oġġett***, jew xi att sesswali ieħor li, fid-dawl tal-gravità tal-vjolazzjoni, huwa kumparabbli mal-att sesswali;***

Or. en

Emenda 275
Assita Kanko

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-imġiba li ġġiegħel lit-tfal taħt l-età tal-kunsens sesswali jipparteċipaw ma' persuna oħra fi kwalunkwe att ta' penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali ta' natura sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew b'oġġett.	(b) l-imġiba li ġġiegħel lit-tfal taħt l-età tal-kunsens sesswali jipparteċipaw ma' persuna oħra fi kwalunkwe att ta' penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali ta' natura sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew b'oġġett***, jew li jwettqu awtopenetrazzjoni***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtopenetrazzjoni f'dawn iċ-ċirkostanzi għandha tiġi ppenalizzata bl-istess mod bħall-penetrazzjoni minn persuna oħra.

Emenda 276
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-imġiba li ġġiegħel lit-tfal ***taħt l-età tal-kunsens sesswali*** jipparteċipaw ma' persuna oħra fi kwalunkwe att ta' penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali ta' natura sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew b'oġġett.	(b) l-imġiba li ġġiegħel lit-tfal ***jagħtu l-kunsens li*** jipparteċipaw ma' persuna oħra fi kwalunkwe att ta' penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali ta' natura sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew b'oġġett.

Or. en

Emenda 277
Tomas Tobé

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 7 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-imġiba li ġġiegħel lit-tfal taħt l-età ta' kunsens sesswali, online jew offline, iwettqu jew jissottomettu ruħhom għal kwalunkwe att ta' penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali ta' natura sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew b'oġġett, jew xi att sesswali ieħor li, fid-dawl tal-gravità tal-vjolazzjoni, huwa kumparabbli mal-att sesswali.

Or. en

Emenda 278
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 7 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ba) l-imġiba li ġġiegħel lit-tfal taħt l-età ta' kunsens sesswali jipparteċipaw fi kwalunkwe att ta' penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali ta' natura sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew b'oġġett;

Or. en

Emenda 279
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 7 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-imġiba li ġġiegħel lit-tfal taħt l-età ta' kunsens sesswali jipparteċipaw fi kwalunkwe att ta' penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali ta' natura sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew b'oġġett;

Or. en

Emenda 280
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 7 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-imġiba li ġġiegħel lit-tfal taħt l-età ta' kunsens sesswali jipparteċipaw fi kwalunkwe att ta' penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali ta' natura sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew b'oġġett;

Or. en

Emenda 281
Evin Incir

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Jekk it-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens għall-att, l-imġiba msemmija fil-paragrafu 7 għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10*** snin priġunerija.	8. Jekk it-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens għall-att, l-imġiba msemmija fil-paragrafu 7 għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il sena priġunerija. Meta l-persuna li kienet involuta fl-imġiba jew ikkawżat l-imġiba kif imsemmi fil-paragrafu 7 ma' tfal ma kinitx taf iżda kellha tkun taf li t-tfal ma tawx il-kunsens tagħhom għall-att, tali mġiba hija punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 8*** snin priġunerija.

Or. en

Emenda 282
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. ***Jekk it-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens għall-att,*** l-imġiba msemmija fil-paragrafu 7 għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin*** priġunerija***.***	8. L-imġiba msemmija fil-paragrafu 7 għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il sena*** priġunerija ***meta t-tfal ikollhom aktar mill-età ta' kunsens sesswali u:*** ***(a) ma jagħtux il-kunsens għall-att ma' pari;*** ***jew;*** ***(b) ikunu mġiegħla jipparteċipaw fl-att ma' persuna li mhijiex pari;*** ***(c) ikunu mġiegħla jipparteċipaw fl-att minn persuna li mhijiex pari.***

Or. en

Emenda 283
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, Susanna Ceccardi

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Jekk it-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ***ma jagħtux il-kunsens għall-att***, l-imġiba msemmija fil-paragrafu 7 għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin*** priġunerija.	8. Jekk it-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ***l-att jitwettaq bi vjolenza, ġegħil, theddid jew għal għarrieda***, l-imġiba msemmija fil-paragrafu 7 għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il sena*** priġunerija.

Or. fr

Emenda 284
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Jekk it-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens għall-att, l-imġiba msemmija fil-paragrafu 7 għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin*** priġunerija.	8. Jekk it-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens għall-att, l-imġiba msemmija fil-paragrafu 7 għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il sena*** priġunerija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-età tal-vittma għandha tkun ċirkostanza aggravanti u ma tagħmilx differenza fir-reat innifsu.

Emenda 285
Assita Kanko

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Jekk it-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens	8. Jekk it-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens

għall-att, l-imġiba msemmija fil-paragrafu 7 għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin*** priġunerija.	għall-att, l-imġiba msemmija fil-paragrafu 7 għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il sena*** priġunerija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda fil-piena proposta biex tirrifletti l-fatt li dan ir-reat huwa ta' natura estremament serja, x'aktarx trawmatizzanti għall-vittma u li taffettwa l-iżvilupp tagħha.

Emenda 286
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Nathalie Loiseau

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Jekk it-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens għall-att, l-imġiba msemmija fil-paragrafu 7 għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin*** priġunerija.	8. Jekk it-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens għall-att, l-imġiba msemmija fil-paragrafu 7 għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il sena*** priġunerija.

Or. en

Emenda 287
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Jekk it-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens għall-att, l-imġiba msemmija fil-paragrafu 7 għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin*** priġunerija.	8. Jekk it-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens għall-att, l-imġiba msemmija fil-paragrafu 7 għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il sena*** priġunerija.

Or. en

Emenda 288
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Il-parteċipazzjoni fl-imġiba intenzjonali msemmija fil-paragrafi 7 u 8, fejn:
	(a) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq it-tfal, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 15-il sena priġunerija;jew
	(b) isir abbuż minn sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tat-tfal, b'mod partikolari minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 15-il sena priġunerija;jew
	(c) isir użu minn ġegħil, forza jew theddid, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 15-il sena priġunerija;

Or. fr

Emenda 289
Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Pascale Piera, András László

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Għall-finijiet tal-paragrafu 8, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:	***imħassar***
(a) att mhux kunsenswali huwa mifhum bħala att li jitwettaq mingħajr il-kunsens tat-tfal mogħti volontarjament, bħala riżultat tar-rieda ħielsa tal-minuri vvalutata b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni u l-kuntest, jew meta t-tfal ma jkunux jistgħu jifformaw rieda ħielsa minħabba l-preżenza taċ-ċirkostanzi	

msemmija fil-paragrafu 5, jew minħabba ċirkostanzi oħra, inkluż il-kundizzjoni fiżika jew mentali tat-tfal bħal stat ta' telf mis-sensi, intossikazzjoni, li wieħed ma jkunx jista' jiċċaqlaq, mard jew korriment fuq il-persuna;

(b) il-kunsens jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe mument qabel l-att u matulu;

(c) in-nuqqas ta' kunsens ma jistax jiġi kkonfutat esklussivament mis-skiet tat-tfal, min-nuqqas ta' reżistenza verbali jew fiżika jew minn imġiba sesswali passata."

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Dan it-tħassir huwa riżultat tal-kompromess adottat fost it-tliet istituzzjonijiet fit-tfassil tad-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, kompromess li ntlaħaq wara l-pubblikazzjoni ta' din il-proposta għal deirettiva, li għalhekk ma setgħetx tinkorporaha. L-elementi li jikkaratterizzaw il-ksur tal-kunsens, madankollu, jinżammu u jiġu integrati fil-paragrafu 8.

Emenda 290
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 9 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Għall-finijiet ***tal-paragrafu*** 8, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:	9. Għall-finijiet ***tal-paragrafi 4 u*** 8, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

Or. en

Emenda 291
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 9 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Għall-finijiet ***tal-paragrafu*** 8, l-	9. Għall-finijiet ***tal-paragrafi 4 u*** 8, l-

Istati Membri għandhom jiżguraw li:	Istati Membri għandhom jiżguraw li:

Or. en

Emenda 292
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 9 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Għall-finijiet ***tal-paragrafu*** 8, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:	9. Għall-finijiet ***tal-paragrafi 4 u*** 8, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

Or. en

Emenda 293
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada, Sandro Ruotolo

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 9 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) att ***mhux kunsenswali huwa mifhum bħala att li jitwettaq mingħajr il-kunsens tat-tfal mogħti volontarjament, bħala riżultat tar-rieda ħielsa tal-minuri vvalutata b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni u l-kuntest,*** jew meta t-tfal ma jkunux jistgħu jifformaw rieda ħielsa minħabba l-preżenza taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 5, jew minħabba ċirkostanzi oħra, inkluż il-kundizzjoni fiżika jew mentali tat-tfal bħal stat ta' telf mis-sensi, intossikazzjoni, li wieħed ma jkunx jista' jiċċaqlaq, mard jew korriment fuq il-persuna;	(a) att ***jew imġiba għandhom jitqiesu mhux kunsenswali wkoll meta*** jew meta t-tfal ma jkunux jistgħu jifformaw rieda ħielsa minħabba l-preżenza taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 5, jew minħabba ċirkostanzi oħra, inkluż il-kundizzjoni fiżika jew mentali tat-tfal bħal stat ta' telf mis-sensi, intossikazzjoni, li wieħed ma jkunx jista' jiċċaqlaq, mard jew korriment fuq il-persuna;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' kunsens titmexxa għall-Artikolu 2.

Emenda 294
Tomas Tobé

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 9 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) att mhux kunsenswali huwa mifhum bħala att li jitwettaq mingħajr il-kunsens tat-tfal mogħti volontarjament, bħala riżultat tar-rieda ħielsa tal-minuri vvalutata b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni u l-kuntest, jew meta t-tfal ma jkunux jistgħu jifformaw rieda ħielsa minħabba l-preżenza taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 5, jew minħabba ċirkostanzi oħra, inkluż il-kundizzjoni fiżika jew mentali tat-tfal bħal stat ta' telf mis-sensi, intossikazzjoni, li wieħed ma jkunx jista' jiċċaqlaq, mard ***jew*** korriment fuq il-persuna;	(a) att mhux kunsenswali huwa mifhum bħala att li jitwettaq mingħajr il-kunsens tat-tfal mogħti volontarjament, ***espress bil-fomm jew bl-imġiba jew b'xi manjiera oħra,*** bħala riżultat tar-rieda ħielsa tal-minuri vvalutata b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni u l-kuntest, jew meta t-tfal ma jkunux jistgħu jifformaw rieda ħielsa minħabba l-preżenza taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 5, jew minħabba ċirkostanzi oħra, inkluż il-kundizzjoni fiżika jew mentali tat-tfal bħal stat ta' telf mis-sensi***, irqad***, intossikazzjoni, li wieħed ma jkunx jista' jiċċaqlaq, mard**,** korriment fuq il-persuna ***jew xort'oħra fid-dawl taċ-ċirkostanzi***;

Or. en

Emenda 295
Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 9 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) att mhux kunsenswali huwa mifhum bħala att li jitwettaq mingħajr il-kunsens tat-tfal mogħti volontarjament, bħala riżultat tar-rieda ħielsa tal-minuri vvalutata b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni u l-kuntest, jew meta t-tfal ma jkunux jistgħu jifformaw rieda ħielsa minħabba l-	(a) att mhux kunsenswali huwa mifhum bħala att li jitwettaq mingħajr il-kunsens tat-tfal mogħti volontarjament, bħala riżultat tar-rieda ħielsa tal-minuri vvalutata b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni u l-kuntest, jew meta t-tfal ma jkunux jistgħu jifformaw rieda ħielsa minħabba l-

preżenza taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 5, jew minħabba ċirkostanzi oħra, inkluż il-kundizzjoni fiżika jew mentali tat-tfal bħal stat ta' telf mis-sensi, intossikazzjoni, li wieħed ma jkunx jista' jiċċaqlaq, mard jew korriment fuq il-persuna;	preżenza taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 5, jew minħabba ċirkostanzi oħra, inkluż il-kundizzjoni fiżika jew mentali tat-tfal bħal stat ta' telf mis-sensi, ***irqad,*** intossikazzjoni***, sorpriża***, li wieħed ma jkunx jista' jiċċaqlaq, mard jew korriment fuq il-persuna;

Or. fr

Emenda 296
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Lucia Yar, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Nathalie Loiseau, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 9 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) att mhux kunsenswali huwa mifhum bħala att li jitwettaq mingħajr il-kunsens tat-tfal mogħti ***volontarjament***, bħala riżultat tar-rieda ħielsa tal-minuri vvalutata b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni u l-kuntest, jew meta t-tfal ma jkunux jistgħu jifformaw rieda ħielsa minħabba l-preżenza taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 5, jew minħabba ċirkostanzi oħra, inkluż il-kundizzjoni fiżika jew mentali tat-tfal bħal stat ta' telf mis-sensi, intossikazzjoni, li wieħed ma jkunx jista' jiċċaqlaq, mard jew korriment fuq il-persuna;	(a) att mhux kunsenswali huwa mifhum bħala att li jitwettaq mingħajr il-kunsens tat-tfal mogħti ***b'mod ċar u volontarju***, bħala riżultat tar-rieda ħielsa tal-minuri vvalutata b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni u l-kuntest, jew meta t-tfal ma jkunux jistgħu jifformaw rieda ħielsa minħabba l-preżenza taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 5, jew minħabba ċirkostanzi oħra, inkluż il-kundizzjoni fiżika jew mentali tat-tfal bħal stat ta' telf mis-sensi, intossikazzjoni, li wieħed ma jkunx jista' jiċċaqlaq, mard jew korriment fuq il-persuna;

Or. en

Emenda 297
András László

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 9 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***in-nuqqas ta' kunsens*** ma jistax jiġi ***kkonfutat esklussivament mis-skiet***	(c) ***il-kunsens*** ma jistax jiġi ***dedott esklużivament mis-silenzju tat-tfal, mill-***

tat-tfal, min-nuqqas ta' reżistenza verbali jew fiżika ***jew minn imġiba sesswali passata***.***"***	***imġiba sesswali tal-passat, jew*** min-nuqqas ta' reżistenza verbali jew fiżika.

Or. hu

Ġustifikazzjoni

It-test oriġinali tal-Kummissjoni fittex li jirregola l-kunċett ta' kunsens b'lingwaġġ pjuttost kumpless u b'dettall konsiderevoli, għalkemm mingħajr il-loġika tas-soltu iżda permezz ta' argument a contrario, li jiddefinixxi l-azzjoni bbażata fuq nuqqas ta' kunsens.

Emenda 298
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Lucia Yar, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Nathalie Loiseau, Sophie Wilmès

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 9 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) in-nuqqas ta' kunsens ma jistax jiġi kkonfutat ***esklussivament*** mis-skiet tat-tfal, min-nuqqas ta' reżistenza verbali jew fiżika jew minn imġiba sesswali passata.***"***	(c) In-nuqqas ta' kunsens ma jistax jiġi kkonfutat mis-skiet tat-tfal, min-nuqqas ta' reżistenza verbali jew fiżika jew minn imġiba sesswali passata.

Or. en

Emenda 299
Marina Kaljurand, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Evin Incir, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 9 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***in-nuqqas ta' kunsens ma jistax jiġi kkonfutat esklussivament mis-skiet tat-tfal, min-nuqqas*** ta' reżistenza verbali jew fiżika jew ***minn imġiba sesswali passata***.***"***	(c) ***is-silenzju tat-tfal, in-nuqqas*** ta' reżistenza verbali jew fiżika jew ***l-imġiba sesswali tal-passat ma jistgħux jitqiesu bħala li jkunu taw il-kunsens***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda għaċ-ċarezza u l-leġġibbiltà tas-subparagrafu.

Emenda 300
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Reati li jikkonċernaw sfruttament sesswali	Reati li jikkonċernaw sfruttament sesswali ***tat-tfal***

Or. en

Emenda 301
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba ***intenzjonali*** msemmija fil-paragrafi 2 sa 7 tkun punibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba ***intenzjonata*** msemmija fil-paragrafi 2 sa 7 tkun punibbli***, inkluż jekk l-imġiba tkun twettqet permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***.

Or. en

Emenda 302
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba

intenzjonali msemmija fil-paragrafi 2 sa ***7*** tkun punibbli.	***intenzjonata*** msemmija fil-paragrafi 2 sa ***8*** tkun punibbli***, inkluż jekk l-imġiba tkun twettqet permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***.

Or. en

Emenda 303
Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Evin Incir, Antonio López-Istúriz White, Merja Kyllönen, Anna Stürgkh, François-Xavier Bellamy

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba ***intenzjonali*** msemmija fil-paragrafi 2 sa 7 tkun punibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba ***intenzjonata*** msemmija fil-paragrafi 2 sa 7 tkun punibbli***, inkluż jekk l-imġiba tkun twettqet permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***.

Or. en

Emenda 304
Verena Mertens

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba ***intenzjonali*** msemmija fil-paragrafi 2 sa 7 tkun punibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba ***intenzjonata*** msemmija fil-paragrafi 2 sa 7 tkun punibbli***, inkluż jekk l-imġiba tkun twettqet bl-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***.

Or. en

Emenda 305
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-imġiba li twassal jew tirrekluta lil tfal*** biex jipparteċipaw ***f'wirjiet*** ta' abbuż sesswali tat-tfal , jew li ***tagħmel qligħ*** minn jew ***li tisfrutta*** b'xi mod ieħor ***lil*** tfal għal ***dawn il-finijiet, għandha tkun*** punibbli ***b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin*** priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u*** ta' mill-inqas ***sentejn priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	2. ***L-ikkawżar jew ir-reklutaġġ tat-tfal*** biex jipparteċipaw ***fi spettakli*** ta' abbuż sesswali tat-tfal, jew li ***jagħmlu profitt*** minn jew ***jisfruttaw*** b'xi mod ieħor tfal għal ***tali finijiet għandhom ikunu*** punibbli ***b'terminu massimu ta'*** priġunerija ta' mill-inqas ***ħames snin***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'riflessjoni tal-bidliet li saru fl-Artikolu 3 biex tiġi żgurata l-konsistenza, l-età tal-vittma għandha tkun ċirkostanza aggravanti. L-istess raġunament japplika għall-Artikolu kollu.

Emenda 306
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-imġiba li twassal jew tirrekluta lil tfal*** biex jipparteċipaw ***f'wirjiet*** ta' abbuż sesswali tat-tfal , jew li ***tagħmel qligħ*** minn jew ***li tisfrutta*** b'xi mod ieħor ***lil*** tfal għal ***dawn il-finijiet, għandha tkun*** punibbli ***b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin*** priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u*** ta' mill-inqas ***sentejn priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	2. ***L-ikkawżar jew ir-reklutaġġ tat-tfal*** biex jipparteċipaw ***fi spettakli*** ta' abbuż sesswali tat-tfal, jew li ***jagħmlu profitt*** minn jew ***jisfruttaw*** b'xi mod ieħor tfal għal ***tali finijiet għandhom ikunu*** punibbli ***b'terminu massimu ta'*** priġunerija ta' mill-inqas ***ħames snin***.

Or. en

Emenda 307
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-imġiba li twassal jew tirrekluta lil tfal*** biex jipparteċipaw ***f'wirjiet*** ta' abbuż sesswali tat-tfal , jew li ***tagħmel qligħ*** minn jew ***li tisfrutta*** b'xi mod ieħor ***lil*** tfal għal ***dawn il-finijiet, għandha tkun*** punibbli ***b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin*** priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u*** ta' mill-inqas ***sentejn priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	2. ***L-ikkawżar jew ir-reklutaġġ tat-tfal*** biex jipparteċipaw ***fi spettakli*** ta' abbuż sesswali tat-tfal, jew li ***jagħmlu profitt*** minn jew ***jisfruttaw*** b'xi mod ieħor tfal għal ***tali finijiet għandhom ikunu*** punibbli ***b'terminu massimu ta'*** priġunerija ta' mill-inqas ***ħames snin***.

Or. en

Emenda 308
Assita Kanko

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-imġiba li twassal jew tirrekluta lil tfal biex jipparteċipaw f'wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal , jew li tagħmel qligħ minn jew li tisfrutta b'xi mod ieħor lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***5*** snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas ***sentejn*** priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.	2. L-imġiba li twassal jew tirrekluta lil tfal biex jipparteċipaw f'wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal , jew li tagħmel qligħ minn jew li tisfrutta b'xi mod ieħor lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***għaxar*** snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas ***tmien snin*** priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-penali għall-ikkawżar jew għar-reklutaġġ tat-tfal biex jipparteċipaw fi spettakli ta' abbuż sesswali tat-tfal għandhom jinġiebu kemm jista' jkun qrib il-penali għall-awturi involuti fl-atti ta' abbuż sesswali tat-tfal infushom.

Emenda 309
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza ***lil tfal biex jipparteċipaw f'wirjiet*** ta' abbuż sesswali tat-tfal ***, jew li thedded lil tfal għal dawn il-finijiet***, għandha tkun punibbli ***b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin*** priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u*** ta' mill-inqas ***5 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	3. L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza ***lit-tfal jipparteċipaw fi spettakli*** ta' abbuż sesswali tat-tfal***, jew jiġu mhedda għal tali finijiet***, għandha tkun punibbli ***b'terminu massimu ta'*** priġunerija ta' mill-inqas ***tmien snin***.

Or. en

Emenda 310
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza lil tfal biex jipparteċipaw f'wirjiet*** ta' abbuż sesswali tat-tfal ***, jew li thedded lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun*** punibbli ***b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin*** priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u*** ta' mill-inqas ***5 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	3. ***Meta t-tfal jiġu mgiegħla jew furzati jipparteċipaw fi spettakli*** ta' abbuż sesswali tat-tfal***, jew jiġu mhedda għal tali finijiet, dawn l-atti għandhom ikunu*** punibbli ***b'terminu massimu ta'*** priġunerija ta' mill-inqas ***tmien snin***.

Or. en

Emenda 311
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza lil tfal biex jipparteċipaw f'wirjiet*** ta' abbuż sesswali tat-tfal ***, jew li thedded lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun*** punibbli ***b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin*** priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u*** ta' mill-inqas ***5 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	3. ***Meta t-tfal jiġu mgiegħla jew furzati jipparteċipaw fi spettakli*** ta' abbuż sesswali tat-tfal***, jew jiġu mhedda għal tali finijiet, dawn l-atti għandhom ikunu*** punibbli ***b'terminu massimu ta'*** priġunerija ta' mill-inqas ***tmien snin***.

Or. en

Emenda 312
Assita Kanko

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza lil tfal biex jipparteċipaw f'wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal , jew li thedded lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***8 snin*** priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas ***5*** snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.	3. L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza lil tfal biex jipparteċipaw f'wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal , jew li thedded lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***14-il sena*** priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas ***disa'*** snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-penali għall-imġiba li ġġiegħel lit-tfal jipparteċipaw fi spettakli ta' abbuż sesswali tat-tfal għandhom jingħiebu kemm jista' jkun qrib il-penali għall-awturi involuti fl-atti ta' abbuż sesswali tat-tfal infushom.

Emenda 313
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-attendenza konxja għal wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas sena priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	4. L-attendenza konxja għal wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.

Or. en

Emenda 314
Saskia Bricmont

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***L-attendenza konxja għal*** wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal li jinvolvu l-parteċipazzjoni ***ta' tfal għandha tkun*** punibbli ***b'piena massima ta' mill-inqas sentejn*** priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u*** ta' mill-inqas ***sena priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	4. ***L-iffrekwentar konxju ta'*** wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal li jinvolvu l-parteċipazzjoni ***tat-tfal għandu jkun*** punibbli ***b'terminu massimu ta'*** priġunerija ta' mill-inqas ***sentejn***.

Or. en

Emenda 315
Isabel Serra Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***L-attendenza konxja għal*** wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal li jinvolvu l-parteċipazzjoni ***ta' tfal għandha tkun*** punibbli ***b'piena massima ta' mill-inqas***	4. ***L-iffrekwentar konxju ta'*** wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal li jinvolvu l-parteċipazzjoni ***tat-tfal għandu jkun*** punibbli ***b'terminu massimu ta'***

sentejn priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u*** ta' mill-inqas ***sena priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	priġunerija ta' mill-inqas ***sentejn***.

Or. en

Emenda 316
Assita Kanko

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-attendenza konxja għal wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***sentejn*** priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas ***sena*** priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.	4. L-attendenza konxja għal wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***erba'*** priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas ***sentejn*** priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-reat jista' jittrawmatizza lit-tfal u jkollu impatt negattiv fuq l-iżvilupp tagħhom. Jikkostitwixxi wkoll pass kbir ieħor lejn reati kriminali aktar serji mill-awtur. L-Istati Membri għandhom għalhekk jiġu mħeġġa japplikaw sentenzi serji.

Emenda 317
